KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
WATHELET
ippreżentati fl-10 ta' Jannar 2018[1]

**Kawża C-266/16**

**Western Sahara Campaign UK,**
**The Queen**
**vs**
**Commissioners for Her Majesty's Revenue and Customs,**
**Secretary of State for Environment, Food and Rural Affairs**

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-High Court of Justice (England & Wales), Queen's Bench Division (Administrative Court) (il-Qorti tal-Ġustizzja Għolja (Ingilterra u Wales), taqsima tal-Qorti tar-Reġina (il-Qorti Amministrattiva)), ir-Renju Unit)

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tal-Marokk fis-settur tas-sajd – Protokoll li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd previsti fil-Ftehim – Atti li japprovaw il-konklużjoni tal-Ftehim u tal-Protokoll – Regolamenti li jallokaw l-opportunitajiet ta' sajd stabbiliti mill-Protokoll bejn l-Istati Membri – Validità fir-rigward tal-Artikolu 3 TUE u tad-dritt internazzjonali – Applikazzjoni għas-Saħara tal-Punent u għall-ibħra li jmissu magħha"

Werrej


I. Introduzzjoni ..... 3

II. Il-kuntest ġuridiku ..... 4

A. Il-Ftehim dwar is-sajd ..... 4

B. Il-Protokoll tal-2013 ..... 6

C. Ir-Regolament Nru 764/2006 ..... 7

D. Id-Deċiżjoni 2013/785/UE ..... 7

E. Ir-Regolament Nru 1270/2013 ..... 8

III. Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari ..... 8

IV. Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja ..... 10


1 Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

V. Fuq it-tielet u r-raba' domandi preliminari ... 11

A. Fuq il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja ... 11

B. Fuq il-mertu ... 14

1. Osservazzjonijiet preliminari ... 14

2. L-invokabbiltà tar-regoli tad-dritt internazzjonali sabiex tiġi kkontestata l-validità tal-atti kkontestati ... 19

a) Prinċipji ġenerali ... 19

b) Fuq l-invokabbiltà tar-regoli tad-dritt internazzjonali applikabbli għall-konklużjoni ta' ftehim internazzjonali li jirrigwardaw riżorsi naturali tas-Saħara tal-Punent ... 23

1) Id-dritt għall-awtodeterminazzjoni ... 23

i) Id-dritt għall-awtodeterminazzjoni jifforma parti mid-"drittijiet tal-bniedem" ... 23

ii) Id-dritt għall-awtodeterminazzjoni bħala prinċipju tad-dritt internazzjonali ġenerali tad-dritt internazzjonali konvenzjonali u obbligu erga omnes ... 25

– L-Unjoni hija marbuta bid-dritt għall-awtodeterminazzjoni ... 25

– Id-dritt għall-awtodeterminazzjoni huwa regola tad-dritt internazzjonali li, mill-perspettiva tal-kontenut tagħha, hija mingħajr kundizzjoni u preċiża biżżejjed ... 26

– In-natura u l-istruttura tad-dritt għall-awtodeterminazzjoni ma jipprekludux l-istħarriġ ġudizzjarju tal-atti kkontestati ... 28

2) Il-prinċipju ta' sovranità permanenti fuq ir-riżorsi naturali ... 29

3) Ir-regoli tad-dritt internazzjonali umanitarji applikabbli għall-konklużjoni tal-ftehim internazzjonali li jirrigwardaw l-esplojtazzjoni tar-riżorsi naturali tat-territorju okkupat ... 30

3. Fuq il-validità tar-Regolament Nru 764/2006, tad-Deċiżjoni 2013/785 u tar-Regolament Nru 1270/2013 kif ukoll dwar il-kompatibbiltà tal-Ftehim dwar is-sajd u tal-Protokoll tal-2013 mar-regoli invokabbli tad-dritt internazzjonali li għalihom jirreferi l-Artikolu 3(5) TUE ... 31

a) Fuq ir-rispett, mill-atti kkontestati, tad-dritt tal-poplu tas-Saħara tal-Punent għall-awtodeterminazzjoni kif ukoll l-obbligu li ma tiġix irrikonoxxuta sitwazzjoni illegali li tirriżulta mill-ksur ta' dan id-dritt u li ma tingħatax għajnuna jew assistenza għaż-żamma ta' din is-sitwazzjoni ... 31

1) Dwar l-eżistenza ta' volontà libera tal-poplu tas-Saħara tal-Punent li jsegwi permezz tal-atti kkontestati l-iżvilupp ekonomiku tiegħu u jiddisponi mir-rikkezzi u mir-riżorsi naturali tiegħu ... 32

2) Dwar l-obbligu li ma tiġix rikonoxxuta sitwazzjoni illegali li tirriżulta mill-ksur tad-dritt tal-poplu tas-Saħara tal-Punent għall-awtodeterminazzjoni u li ma tingħatax għajnuna jew assistenza għaż-żamma ta' din is-sitwazzjoni ... 40

3) Il-ftehim internazzjonali applikabbli għas-Saħara tal-Punent saru mar-Renju tal-Marokk abbażi ta' titolu ieħor u mhux id-dikjarazzjoni tiegħu ta' sovranità fuq dan it-territorju? ........ 45

i) Ir-Renju tal-Marokk bħala awtorità amministrattiva de facto tas-Saħara tal-Punent ........ 45

ii) Ir-Renju tal-Marokk bħala awtorità okkupanti tas-Saħara tal-Punent ........ 48

– Dwar l-applikabbiltà tad-dritt internazzjonali umanitarju għas-Saħara tal-Punent ........ 49

– Fuq l-eżistenza ta' okkupazzjoni militari fis-Saħara tal-Punent ........ 50

– Fuq il-kapaċità tal-awtorità okkupanti li tikkonkludi ftehim internazzjonali applikabbli għat-territorju okkupat u fuq il-kundizzjonijiet ta' legalità li għalihom hija suġġetta l-konklużjoni ta' tali ftehim ........ 52

b) Fuq ir-rispett, mill-atti kkontestati, tal-prinċipju ta' sovranità permanenti fuq ir-riżorsi naturali u tar-regoli tad-dritt internazzjonali umanitarju applikabbli għall-esplojtazzjoni tar-riżorsi naturali tat-territorju okkupat ........ 53

1) Il-prinċipju ta' sovranità permanenti fuq ir-riżorsi naturali ........ 53

2) L-Artikolu 55 tar-Regolament ta' Den Haag tal-1907 ........ 54

3) Fuq ir-rispett, mill-atti kkontestati, tal-prinċipju ta' sovranità permanenti fuq ir-riżorsi naturali u tal-Artikolu 55 tar-Regolament ta' Den Haag tal-1907 ........ 55

c) Fuq il-limitazzjonijiet għall-obbligu ta' nuqqas ta' rikonoxximent ........ 59

4. Fil-qosor ........ 60

VI. Fuq it-talba tal-Kunsill li jillimita b'mod temporanju l-effetti tad-dikjarazzjoni ta' invalidità ........ 60

VII. Konklużjoni ........ 60

## I. Introduzzjoni

1. Din it-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-validità tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni fis-settur tas-sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tal-Marokk [2] (iktar 'il quddiem il-"Ftehim dwar is-sajd"), tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Assoċjazzjoni [3] (iktar 'il quddiem il-"Protokoll

2 ĠU 2006, L 141, p. 4. Il-konklużjoni ta' dan il-ftehim ġiet approvata bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 764/2006, tat-22 ta' Mejju 2006, dwar il-konklużjoni ta' Ftehim ta' Assoċjazzjoni fis-settur tas-sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tal-Marokk (ĠU L 294M, p. 131).

3 ĠU 2013, L 328, p. 2. Il-konklużjoni ta' dan il-protokoll ġiet approvata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/785/UE, tas-16 ta' Diċembru 2013, dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Assoċjazzjoni fis-settur tas-sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tal-Marokk (ĠU 2013, L 349, p. 1).

tal-2013”), u tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1270/2013, tal-15 ta’ Novembru 2013, dwar l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd taħt il-Protokoll tal-2013[4], inkwantu jistabbilixxu u jimplementaw l-użu mill-Unjoni Ewropea u mir-Renju tal-Marokk tar-riżorsi marittimi bijoloġiċi tas-Saħara tal-Punent.

2. L-ewwel domanda preliminari tirrigwarda l-validità ta’ ftehim internazzjonali konklużi mill-Unjoni, kif ukoll l-atti li bihom ġew konklużi. F’dan is-sens, hija tressaq domandi ta’ dritt ġodda kemm dwar il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja li tiddeċiedi dwar il-validità tal-ftehim internazzjonali konklużi mill-Unjoni, dwar il-kundizzjonijiet li l-individwi għandhom jissodisfaw sabiex jinvokaw regoli tad-dritt internazzjonali fil-kuntest tal-eżami tal-validità ta’ dawn il-ftehim internazzjonali, kif ukoll dwar l-interpretazzjoni ta’ dawn ir-regoli. Dawn id-domandi li huma ta’ importanza kbira għal dak li jirrigwarda l-istħarriġ ġudizzjarju tal-azzjoni esterna tal-Unjoni Ewropea u tal-proċess ta’ dekolonizzazzjoni tas-Saħara tal-Punent li għadu għaddej mis-snin 1960.

3. Bla dubju, diversi risposti li jingħataw lil dawn id-domandi għandhom effetti politiċi. Madankollu, kif iddeċidiet il-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja, “il-fatt li kwistjoni ġuridika tippreżenta wkoll aspetti politiċi, ‘kif, minħabba n-natura tagħhom, huwa l-każ ta’ numru sostanzjali ta’ domandi li jsiru fil-kuntest internazzjonali’, ma huwiex biżżejjed sabiex ma tibqax ‘kwistjoni ġuridika’ u ‘titneħħa l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li hija espressament mogħtija lilha bl-[i]statut tagħha […]’. Huma x’inhuma l-aspetti politiċi tad-domanda magħmula, il-Qorti tal-Ġustizzja ma għandhiex tirrifjuta n-natura ġuridika ta’ domanda li tistedinha tiddeċiedi dwar kwistjoni essenzjalment ġuridika […]”[5].

## II. Il-kuntest ġuridiku

### A. Il-Ftehim dwar is-sajd

4. Il-Ftehim dwar is-sajd sar wara numru ta’ ftehim konklużi sa mill-1987 fis-settur tas-sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk. Il-konklużjoni tiegħu ġie approvat għan-nom tal-Komunità permezz tar-Regolament Nru 764/2006. Konformement mal-Artikolu 17 ta’ dan ir-regolament, daħal fis-seħħ fit-28 ta’ Frar 2007[6].

5. Skont il-preambolu tiegħu u skont l-Artikoli 1 u 3 dan il-Ftehim dwar is-sajd jistabbilixxi assoċjazzjoni bil-għan li tikkontribwixxi għall-implementazzjoni effikaċja tal-politika tas-sajd fir-Renju tal-Marokk u, b’mod iktar wiesa’, għall-preżervazzjoni kif ukoll għall-użu b’mod sostenibbli u responsabbli tar-riżorsi marittimi bijoloġiċi, permezz ta’ regoli dwar il-kooperazzjoni ekonomika, finanzjarja, teknika u xjentifika bejn il-partijiet, għall-kundizzjonijiet ta’ aċċess ta’ bastimenti tas-sajd bil-bandiera ta’ Stat Membru tal-Unjoni Ewropea fiż-żoni tas-sajd Marokkini, għall-metodi ta’ kontroll ta’ attivitajiet ta’ sajd f’dawn iż-żoni, kif ukoll għall-kooperazzjoni bejn l-impriżi tas-settur tas-sajd.

6. L-Artikolu 2, intitolat “Tifsiriet”, jipprevedi dan li ġej:

“Għall-finijiet ta’ dan il-ftehim, il-protokoll kif ukoll l-anness, it-termini li ġejjin ifissru:

a) ‘żoni tas-sajd Marokkini’, l-ibħra rilevanti taħt is-sovranità jew il-ġurisdizzjoni tar-Renju tal-Marokk;

[…]”

4 ĠU 2013, L 328, p. 40.
5 Konsegwenzi legali tal-bini ta’ ħajt fit-territorju Palestinjan okkupat, Opinjoni konsultattiva, (QIĠ, Ġabra 2004, p. 136, punt 41).
6 Ara ĠU 2007, L 78, p. 31.

7. L-Artikolu 5, intitolat "Aċċess għall-bastimenti tal-Komunità fiż-żoni tas-sajd fl-ibħra tal-Marokk", jipprevedi:

"1. Il-Marokk jintrabat li jawtorizza lill-bastimenti tal-Komunità li jeżerċitaw l-attivitajiet ta' sajd fiż-żona ta' sajd tagħhom skond dan il-ftehim inklużi l-protokoll u l-anness.

[…]

4. [L-Unjoni] tintrabat li twettaq id-dispożizzjonijiet kollha adegwati sabiex tiżgura l-osservanza, mill-bastimenti tagħha, tad-dispożizzjonijiet ta' dan il-ftehim kif ukoll tal-leġiżlazzjoni li tirregola s-sajd fl-ibħra rilevanti taħt il-ġurisdizzjoni tal-Marokk, skond il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar."

8. L-Artikolu 7, intitolat "Kumpens finanzjarju", jipprevedi:

"1. [L-Unjoni] tgħaddi lill-Marokk kumpens finanzjarju skond it-termini u l-kondizzjonijiet stipulati fil-protokoll u l-anness. Dan il-kumpens waħdieni huwa magħmul minn żewġ elementi relattivi, rispettivament:

a) kumpens finanzjarju relatat ma' l-aċċess tal-bastimenti tal-Komunità għaż-żoni ta' sajd Marokkini u, mingħajr preġudizzju, mal-ħlasijiet li għandhom isiru mill-bastimenti tal-Komunità għal-liċenzji;

b) l-appoġġ finanzjarju mill-[Unjoni] għall-ħolqien ta' politika nazzjonali dwar is-sajd imsejsa fuq sajd responsabbli u l-isfruttament sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd fl-ibħra tal-Marokk.

2. Il-parti tal-kumpens finanzjarju msemmija fil-paragrafu 1(b) hawn fuq għandha tkun iddeterminata bi ftehim u skond id-dispożizzjonijiet stipulati fil-protokoll u skond l-identifikazzjoni, miż-żewġ partijiet, ta' l-għanijiet li għandhom jitwettqu fil-qafas tal-politika settorjali dwar is-sajd fil-Marokk u skond programmazzjoni annwali u fuq diversi snin dwar l-implimentazzjoni tagħha."

9. L-Artikolu 11, intitolat "Żona ta' applikazzjoni", jipprevedi dan li ġej:

"Dan il-ftehim japplika, min-naħa waħda fit-territorji fejn japplika t-trattat [FUE], skond il-kondizzjonijiet ipprovduti mill-imsemmi trattat, u, min-naħa l-oħra, fit-territorju tal-Marokk u fl-ibħra taħt il-ġurisdizzjoni tal-Marokk."

10. L-Artikolu 13, intitolat "Nuqqas ta' qbil", jipprevedi li "[i]l-partijiet kontrattanti għandhom jikkonsultaw f'każ li jkun hemm nuqqas ta' qbil fir-rigward ta' l-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni ta' dan il-ftehim".

11. Skont l-Artikolu 16, "[i]l-protokoll u l-anness jiffurmaw parti integrali ta' dan il-ftehim". Dan il-Protokoll u dan l-anness bl-appendiċi tiegħu ġew konklużi għal perijodu ta' erba' snin[7]. Għalhekk ma għadhomx iktar fis-seħħ, iżda huma ssostitwiti mill-protokoll tal-2013 u mill-anness tiegħu bl-appendiċi tiegħu.

7 Ara l-Artikolu 1(1) tal-Protokoll li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Assoċjazzjoni fis-settur tas-sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk (ĠU 2006, L 141, p. 9).

## B. Il-Protokoll tal-2013

12. Fit-18 ta' Novembru 2013, l-Unjoni u r-Renju tal-Marokk iffirmaw il-Protokoll tal-2013 li jistabbilixxi l-possibbiltajiet ta' sajd u l-kumpens finanzjarju previsti fil-Ftehim dwar is-sajd. Daħal fis-seħħ fil-15 ta' Lulju 2014[8].

13. L-Artikolu 1 tiegħu, intitolat "Prinċipji ġenerali", jipprevedi dan li ġej:

"Dan il-Protokoll flimkien mal-Anness u l-Appendiċi tiegħu, jiffurmaw parti integrali mill-Ftehim [dwar is-sajd] […] li jifforma parti mill-Ftehim [ta' Assoċjazzjoni]. […]

Il-Protokoll huwa implimentat skont […] l-Artikolu 2 tal-istess Ftehim dwar ir-rispett għall-prinċipji demokratiċi u d-drittijiet fundamentali tal-bniedem".

14. L-Artikolu 2, intitolat "Il-perjodu ta' applikazzjoni, tul ta' żmien u opportunitajiet tas-sajd" jipprevedi dan li ġej:

"Mill-applikazzjoni ta' dan il-Protokoll u għal perjodu ta' erba' snin, l-opportunitajiet tas-sajd mogħtija skont l-Artikolu 5 tal-Ftehim dwar is-Sajd huma dawk stabbiliti fit-tabella mehmuża ma' dan il-Protokoll.

Il-paragrafu 1 għandu japplika soġġett għad-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 4 u 5 ta' dan il-Protokoll.

[…]"

15. Skont l-Artikolu 3, intitolat "Kontribuzzjoni finanzjarja":

"1. Il-valur totali annwali stmat tal-Protokoll huwa ta' EUR 40 000 000 għall-perjodu prevvist fl-Artikolu 2. Dan l-ammont huwa mqassam kif ġej:

a) EUR 30 000 000 bħala kontribuzzjoni finanzjarja prevista fl-Artikolu 7 tal-Ftehim dwar is-Sajd, allokata kif ġej:

    i) EUR 16 000 000 bħala kontribuzzjoni finanzjarja għal aċċess għar-riżorsa;

    ii) EUR 14 000 000 bħala appoġġ għas-settur tas-sajd fil-Marokk;

b) EUR 10 000 000 jikkorispondi għall-ammont stmat tat-tariffi dovuti mis-sidien tal-bastimenti skont il-liċenzji tas-sajd maħruġa skont l-Artikolu 6 tal-Ftehim dwar is-Sajd u f'konformità mad-dispożizzjonijiet previsti fil-Kapitolu I, it-Taqsimiet D u E tal-Anness ta' dan il-Protokoll.

[…]

4. Il-kontribuzzjoni finanzjarja li hemm referenza għaliha fl-paragrafu 1 a) għandha titħallas lit-Teżorier Ġenerali tar-Renju tal-Marokk f'kont miftuħ fit-Teżor Ġenerali tar-Renju tal-Marokk, li d-dettalji tiegħu għandhom jiġu kkomunikati mill-awtoritajiet tal-Marokk.

5. Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 6 ta' dan il-Protokoll, l-awtoritajiet Marokkini għandu jkollhom kompetenza esklussiva dwar l-użu ta' din il-kontribuzzjoni finanzjarja."

8 ĠU 2014, L 228, p. 1.

16. L-Artikolu 6, intitolat "Appoġġ għall-politika settorjali tas-sajd fil-Marokk", jipprevedi dan li ġej:

"1. Il-kontribuzzjoni finanzjarja li hemm referenza għaliha fil-paragrafu 1 a) (ii) tal-Artikolu 3 ta' dan il-Protokoll tikkontribwixxi għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-politika settorjali tas-sajd fil-Marokk fi ħdan il-qafas tal-istrateġija 'Halieutis' għall-iżvilupp tas-settur tas-sajd.

2. L-allokazzjoni u l-ġestjoni, mill-Marokk, ta' din il-kontribuzzjoni għandhom ikunu bbażati fuq l-identifikazzjoni, miż-żewġ partijiet, bi ftehim reċiproku fi ħdan il-Kumitat Konġunt, tal-għanijiet li għandhom jitwettqu u l-ipprogrammar annwali u pluriennali rilevanti[,] skont l-istrateġija 'Halieutis', u abbażi ta' stima tal-impatt mistenni mill-proġetti li għad iridu jitwettqu.

[…]

6. Skont in-natura tal-proġetti u t-tul ta' żmien tal-implimentazzjoni tagħhom, il-Marokk għandu jippreżenta rapport lill-Kumitat Konġunt dwar l-implimentazzjoni tal-proġetti li tlestew permezz ta' appoġġ settorjali hekk kif previst f'dan il-Protokoll; ir-rapport għandu jinkludi informazzjoni dwar kwalunkwe konsegwenza soċjali u ekonomika, partikolarment l-impatt fuq l-impjiegi, l-investiment u kwalunkwe riperkussjoni oħra kwantifikabbli tal-miżuri meħuda flimkien mad-distribuzzjoni ġeografika tagħhom. Din l-informazzjoni għandha tiġi mħejjija abbażi ta' indikaturi li għandhom jiġu ddefiniti b'aktar dettall mill-Kumitat Konġunt.

7. Barra minn hekk, il-Marokk għandu jippreżenta, qabel l-iskadenza tal-Protokoll, rapport finali dwar l-implimentazzjoni tal-appoġġ settorjali previst minn dan il-Protokoll, inkluż l-elementi li hemm referenza għalihom fil-paragrafi t'hawn fuq.

8. Iż-żewġ partijiet għandhom ikomplu jsegwu l-implimentazzjoni tal-appoġġ settorjali, jekk ikun meħtieġ, wara l-iskadenza ta' dan il-Protokoll, u fejn xieraq, fil-każ li jkun hemm sospensjoni tiegħu skont id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Protokoll.

[…]"

## C. Ir-Regolament Nru 764/2006

17. Skont il-premessa 1 tiegħu, "[l-Unjoni] u r-Renju tal-Marokk innegozjaw u inizjalaw Ftehim ta' Assoċjazzjoni fis-settur tas-sajd li jipprovdi lis-sajjieda ta[l-Unjoni] b'opportunitajiet ta' sajd fl-ibħra li jaqgħu taħt is-sovranità jew il-ġurisdizzjoni tar-Renju tal-Marokk".

18. Skont l-Artikolu 1 tiegħu, "[il-Ftehim dwar is-sajd] huwa approvat f'isem [l-Unjoni]".

## D. Id-Deċiżjoni 2013/785/UE

19. Skont il-premessa 2 tagħha, "[l]-Unjoni nnegozjat mar-Renju tal-Marokk protokoll ġdid li jipprovdi lill-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni b'opportunitajiet ta' sajd fl-ibħra li fuqhom ir-Renju tal-Marokk jeżerċita s-sovranità jew il-ġurisdizzjoni tiegħu fir-rigward tas-sajd".

20. Skont l-Artikolu 1 tagħha, "[i]l-Protokoll [tal-2013] huwa b'dan approvat f'isem l-Unjoni".

## E. Ir-Regolament Nru 1270/2013

21. Skont il-premessa 2 tiegħu, "[l]-Unjoni nnegozjat mar-Renju tal-Marokk protokoll ġdid għall-Ftehim ta' Assoċjazzjoni li jipprovdi lill-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni b'opportunitajiet ta' sajd fl-ibħra li fuqhom ir-Renju tal-Marokk jeżerċita s-sovranità jew il-ġurisdizzjoni tiegħu fir-rigward tas-sajd. Il-Protokoll il-ġdid ġie inizjalat fl-24 ta' Lulju 2013".

22. L-Artikolu 1(1) jalloka bejn l-Istati Membri l-opportunitajiet ta' sajd stabbiliti bil-Protokoll tal-2013. Skont din l-allokazzjoni, ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq jibbenefika minn kwota ta' 4 525 tunnellata fiż-żona ta' sajd pelaġiku industrijali.

## III. Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

23. Western Sahara Campaign UK (iktar 'il quddiem id-"WSC") hija organizzazzjoni volontarja indipendenti stabbilita fir-Renju Unit bil-għan li tippromwovi r-rikonoxximent tad-dritt tal-poplu tas-Saħara tal-Punent għall-awtodeterminazzjoni.

24. Hija ppreżentat żewġ rikorsi magħquda kontra l-Commissioners for Her Majesty's Revenue and Customs (l-Amministrazzjoni Fiskali u Doganali tar-Renju Unit) u s-Secretary of State for Environment, Food and Rural Affairs (il-Ministru għall-Ambjent, l-Ikel u l-Affarijiet Rurali, ir-Renju Unit).

25. L-amministrazzjoni fiskali u doganali hija l-konvenuta fl-ewwel rikors li permezz tiegħu d-WSC tikkontesta t-trattament tariffarju preferenzjali mogħti lill-prodotti li joriġinaw mis-Saħara tal-Punent, iċċertifikati bħala prodotti li joriġinaw mir-Renju tal-Marokk. Il-Ministru għall-Ambjent, l-Ikel u l-Affarijiet Rurali huwa l-konvenut fit-tieni rikors li permezz tiegħu d-WSC tikkontesta l-possibbiltà offruta lill-Ministru bl-atti kkontestati ta' għoti ta' liċenzji għas-sajd fl-ibħra li jmissu mas-Saħara tal-Punent.

26. F'dawn ir-rikorsi, id-WSC tikkontesta l-legalità tal-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Renju tal-Marokk, min-naħa l-oħra, iffirmat fi Brussell fis-26 ta' Frar 1996 (ĠU 2000, L 70, p. 2, aktar 'il quddiem il-"Ftehim ta' Assoċjazzjoni") u tal-Ftehim dwar is-sajd inkwantu japplikaw għas-Saħara tal-Punent. Skont id-WSC, dawn il-ftehim huma invalidi għaliex huma kuntrarji għall-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni u l-Artikolu 3(5) TUE li jobbliga lill-Unjoni tosserva d-dritt internazzjonali. F'dan il-kuntest, id-WSC tikkunsidra li l-imsemmija ftehim konklużi fil-kuntest ta' okkupazzjoni illegali jiksru diversi regoli tad-dritt internazzjonali, fosthom b'mod partikolari d-dritt tal-poplu tas-Saħara tal-Punent għall-awtodeterminazzjoni, l-Artikolu 73 tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti, il-prinċipju ta' sovranità permanenti fuq ir-riżorsi naturali u r-regoli tad-dritt umanitarju applikabbli għall-okkupazzjonijiet militari.

27. L-amministrazzjoni fiskali u doganali u l-Ministru għall-Ambjent, l-Ikel u l-Affarijiet Rurali jargumentaw li d-WSC ma għandhiex kapaċità li tinvoka r-regoli tad-dritt internazzjonali sabiex tikkontesta l-validità tal-imsemmija ftehim u li, fi kwalunkwe każ, dawn ir-rikorsi li huma intiżi sabiex jikkontestaw quddiem il-qrati Ingliżi l-politika tar-Renju tal-Marokk fir-rigward is-Saħara tal-Punent ma jistgħux jiġu deċiżi b'mod ġudizzjarju. Dwar il-mertu, huma jsostnu li ma hemm xejn fl-imsemmija ftehim li jippermettu li jiġi konkluż li l-Unjoni rrikonoxxiet jew tat assistenza għall-ksur ta' regoli imperattivi tad-dritt internazzjonali. Barra minn hekk, huma tal-opinjoni li l-fatt li r-Renju tal-Marokk ikompli jokkupa s-Saħara tal-Punent ma jipprekludix il-konklużjoni miegħu ta' ftehim dwar l-użu ta' riżorsi naturali ta' dan it-territorju u li fi kwalunkwe każ, il-partijiet fl-imsemmija ftehim jirrikonoxxu li dan l-użu għandu jibbenefika lill-poplu ta' dan it-territorju.

28. F'dan il-kuntest, il-High Court of Justice (England & Wales), Queen's Bench Division (Administrative Court) (il-Qorti tal-Ġustizzja Għolja (Ingilterra u Wales), taqsima tal-Qorti tar-Reġina (il-Qorti Amministrattiva), ir-Renju Unit) tikkunsidra li "[l-istituzzjonijiet tal-Unjoni] mhux dejjem għandhom id-dritt li jkunu indifferenti għall-kwistjoni dwar fejn jinsabu l-fruntieri sovrani ta' pajjiż terz, l-iktar meta hemm okkupazzjoni illegali tat-territorju ta' Stat ieħor" [9] taħt piena ta' ksur tal-prinċipji tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti u ta' prinċipji li huma imposti fuq l-Unjoni u dan, ftit jaffettwa l-marġni ta' diskrezzjoni wiesgħa li għandhom l-istituzzjonijiet tal-Unjoni fis-settur tal-affarijiet barranin.

29. L-imsemmija qorti hija tal-opinjoni li anki jekk ir-Renju tal-Marokk jippretendi li s-Saħara tal-Punent tifforma parti mit-territorju sovran tiegħu, din il-pretensjoni ma hijiex irrikonoxxuta mill-komunità internazzjonali b'mod ġenerali, u lanqas mill-Unjoni b'mod partikolari. Għall-kuntrarju, il-qorti tar-rinviju tikkunsidra li l-preżenza tar-Renju tal-Marokk hija okkupazzjoni li hija tikklassifika bħala "okkupazzjoni kontinwa" [10]. Il-kwistjoni hija għalhekk jekk huwiex leġittimu għal organizzazzjoni bħall-Unjoni li tosserva l-prinċipji tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti li tikkonkludi ma' Stat terz ftehim li jikkonċerna territorju li jinsab barra mill-fruntieri rrikonoxxuti ta' dan l-Istat.

30. F'dan ir-rigward, l-imsemmija qorti tikkunsidra li, minkejja li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni ma jikkommettux żball manifest billi jikkonkludu li l-okkupazzjoni kontinwa tat-territorju tas-Saħara tal-Punent mir-Renju tal-Marokk Renju tal-Marokk ma tipprekludix, fir-rigward tad-dritt internazzjonali, il-konklużjoni ta' kwalunkwe ftehim għall-użu ta' riżorsi naturali tat-territorju kkonċernat, il-kwistjoni ta' mertu li tqum hija dik dwar jekk il-ftehim speċifiċi kkonċernati humiex kuntrarji għal ċerti prinċipji tad-dritt internazzjonali u jekk kinitx ġiet ikkunsidrata b'mod suffiċjenti l-volontà tal-popolazzjoni tas-Saħara tal-Punent u tar-rappreżentanti rrikonoxxuti tagħha.

31. Skont l-imsemmija qorti, hemm argumenti sabiex jiġi konkluż li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni kkommettew żball manifest ta' evalwazzjoni fl-applikazzjoni tagħhom tad-dritt internazzjonali, fis-sens li l-imsemmija ftehim ġew konklużi mingħajr mar-Renju tal-Marokk irrikonoxxa l-kwalità tagħha ta' awtorità amministrattiva u josservaw kemm l-obbligi li jirriżultaw mill-Artikolu 73 tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti, kif ukoll l-obbligu li jippromwovi l-awtodeterminazzjoni tal-poplu tas-Saħara tal-Punent.

32. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-High Court of Justice (England & Wales), Queen's Bench Division (Administrative Court) (il-Qorti tal-Ġustizzja Għolja (Ingilterra u Wales), taqsima tal-Qorti tar-Reġina (il-Qorti Amministrattiva), ir-Renju Unit) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tressaq lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari segwenti:

"1) Fil-[Ftehim ta' assoċjazzjoni], ir-riferimenti għall-'Marokk' fl-Artikoli 9, 17 u 94 tal-Protokoll Nru 4 jirreferu biss għat-territorju sovran tal-Marokk, kif irrikonoxxut min-Nazzjonijiet Uniti u mill-Unjoni Ewropea, b'mod li jipprekludu prodotti li joriġinaw fis-Saħara tal-Punent milli jiġu importati fl-Unjoni Ewropea eżenti mid-dazji doganali, kif previst mill-Ftehim ta' assoċjazzjoni?

2) Jekk prodotti li joriġinaw mis-Saħara tal-Punent jistgħu jiġu importati fl-Unjoni Ewropea eżenti mid-dazji doganali skont il-Ftehim ta' assoċjazzjoni, dan il-ftehim huwa validu, fid-dawl tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 3(5) [TUE] tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, li jimponu l-obbligu ta' kontribuzzjoni għall-osservanza ta' kull prinċipju rilevanti tad-dritt internazzjonali u għall-osservanza tal-prinċipji tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti u fid-dawl tal-limiti li fihom il-Ftehim ta' assoċjazzjoni ġie konkluż għall-benefiċċju tal-poplu Saħrawi, f'ismu, skont ix-xewqat tiegħu u/jew f'konsultazzjoni mar-rappreżentanti rrikonoxxuti tiegħu?

9 Ara s-sentenza tad-19 ta' Ottubru 2015 fil-Kawża *Western Sahara Campaign UK, R (on the application of) v HM Revenue and Customs* [2015] EWHC 2898 (Admin), punt 39. Din hija s-sentenza tal-qorti tar-rinviju li fuqha hija bbażat it-talba għal deċiżjoni preliminari tagħha.

10 Ara s-sentenza tad-19 ta' Ottubru 2015 fil-Kawża *Western Sahara Campaign UK, R (on the application of) v HM Revenue and Customs* [2015] EWHC 2898 (Admin), punti 40, 43, 48 u 49.

3) Il-Ftehim [dwar is-sajd] (kif approvat u implementat permezz tar-Regolament Nru 764/2006, tad-Deċiżjoni 2013/785/EU u tar-Regolament Nru 1270/2013) huwa validu, fid-dawl tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 3(5) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, li jimponu l-obbligu ta' kontribuzzjoni għall-osservanza ta' kull prinċipju rilevanti tad-dritt internazzjonali u għall-osservanza tal-prinċipji tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti u fid-dawl tal-limiti li fihom il-Ftehim dwar is-sajd ġie konkluż għall-benefiċċju tal-poplu Saħrawi, f'ismu, skont ix-xewqat tiegħu u/jew f'konsultazzjoni mar-rappreżentanti rrikonoxxuti tiegħu?

4) Ir-rikorrenti għandha d-dritt tikkontesta l-validità ta' atti tal-Unjoni Ewropea abbażi ta' allegat ksur tad-dritt internazzjonali min-naħa tal-Unjoni Ewropea, fid-dawl, b'mod partikolari:

a) tal-fatt li, għalkemm, skont id-dritt nazzjonali, għandha *locus standi in judicio* sabiex tikkontesta l-validità tal-atti tal-Unjoni inkwistjoni, hija ma tinvoka ebda dritt abbażi tad-dritt tal-Unjoni Ewropea; u

b) tal-prinċipju stabbilit fil-*kawża tad-Deheb monetarju mneħħi minn Ruma fl-1943* (Ġabra tal-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja, 1954, p. 19) li l-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja ma tistax tagħmel konstatazzjonijiet li jqiegħdu fid-dubju l-aġir, jew li jippreġudikaw id-drittijiet, ta' Stat li ma jkunx parti fil-proċedura quddiemha u li ma jkunx ta l-kunsens tiegħu sabiex jintrabat bid-Deċiżjonijiet tagħha?"

33. Permezz ta' digriet tat-23 ta' Novembru 2016, il-qorti tar-rinviju talbet lill-Confédération marocaine de l'agriculture et du développement rural (il-Konfederazzjoni Marokkina tal-Agrikultura u tal-Iżvilupp Rurali) (Comader) biex tkun parti kkonċernata fil-proċedura pendenti quddiemha.

## IV. Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

34. It-talba għal deċiżjoni preliminari ġiet ippreżentata fir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja fit-13 ta' Mejju 2016. Il-Gvern Spanjol, Franċiż u dak Portugiż kif ukoll il-Kunsill u l-Kummissjoni Ewropea ressqu osservazzjonijiet bil-miktub.

35. Permezz ta' ittra tas-17 ta' Jannar 2017, il-Qorti tal-Ġustizzja staqsiet lill-qorti tar-rinviju jekk, fid-dawl tas-sentenza tal-21 ta' Diċembru 2016, Il-Kunsill vs Front Polisario (C-104/16 P, EU:C:2016:973), il-qorti tar-rinviju xtaqitx iżomm jew tirtira l-ewwel u t-tieni domandi preliminari tagħha.

36. Permezz ta' ittra tat-3 ta' Frar 2017, il-qorti tar-rinviju rtirat l-ewwel u t-tieni domandi preliminari tagħha billi kkunsidrat li ma kinitx għadha meħtieġa risposta.

37. Permezz ta' ittra tas-17 ta' Frar 2017, il-Qorti tal-Ġustizzja stiednet lill-partijiet fil-kawża prinċipali kif ukoll lill-partijiet intervenjenti quddiemha sabiex jesprimu ruħhom dwar l-effett eventwali tas-sentenza tal-21 ta' Diċembru 2016, Il-Kunsill vs Front Polisario (C-104/16 P, EU:C:2016:973), fuq ir-risposta għat-tielet domanda preliminari u sabiex jirrispondu għal serje ta' domandi f'terminu ta' tliet ġimgħat, li d-WSC, il-Comader, il-Gvern Spanjol u dak Franċiż[11] u l-Kummissjoni u l-Kunsill għamlu.

38. Saret seduta fis-6 ta' Settembru 2017, li fiha d-WSC, il-Comader, il-Gvern Spanjol u dak Franċiż kif ukoll il-Kunsill u l-Kummissjoni ppreżentaw l-osservazzjonijiet orali tagħhom.

11 Ingħatat estensjoni tat-terminu ta' ġimgħa lill-Gvern Franċiż.

## V. Fuq it-tielet u r-raba' domandi preliminari

39. Permezz tat-tielet domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-validità tal-Ftehim dwar is-sajd kif approvat bir-Regolament Nru 764/2006 u implementat bil-Protokoll tal-2013 (approvat bid-Deċiżjoni 2013/785) kif ukoll bir-Regolament Nru 1270/2013, fid-dawl ta', minn naħa waħda, l-Artikolu 3(5) TUE, li jimponi fuq l-Unjoni l-obbligu li tikkontribwixxi għar-"rispett sħiħ […] tad-dritt internazzjonali [u għa]r-rispett għall-prinċipji tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti" u, min-naħa l-oħra, sa fejn dan il-ftehim ġie konkluż għall-benefiċċju tal-poplu Saħrawi, f'ismu, skont il-volontà u/jew b'konsultazzjoni mar-rappreżentanti rrikonoxxuti tiegħu.

40. Permezz tar-raba' domanda preliminari, il-qorti tar-rinviju tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-kundizzjonijiet ta' invokabbiltà tad-dritt internazzjonali fil-kuntest tal-istħarriġ ġudizzjarju tal-atti tal-Unjoni permezz ta' talba għal deċiżjoni preliminari dwar il-validità.

41. Fl-opinjoni tiegħi, dawn id-domandi preliminari huma marbuta mill-qrib u għandhom jiġu eżaminati flimkien.

### A. Fuq il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja

42. It-tielet domanda preliminari tirrigwarda l-Ftehim dwar is-sajd (kif kompletat bil-Protokoll tal-2013) u tistieden lill-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi dwar il-validità ta' dan il-ftehim internazzjonali konkluż mill-Unjoni. Madankollu, hija tirreferi wkoll għall-atti ta' approvazzjoni u ta' implementazzjoni ta' dan il-ftehim adottati mill-Kunsill.

43. Il-Kunsill huwa tal-opinjoni li l-Qorti tal-Ġustizzja ma għandhiex ġurisdizzjoni sabiex tiddeċiedi, b'mod preliminari, dwar il-validità tal-Ftehim dwar is-sajd, peress li, bħala ftehim internazzjonali, ma huwiex att meħud mill-istituzzjonijiet skont il-punt b tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 267 TFUE. Skont il-Kunsill, il-validità ta' ftehim internazzjonali konkluż mill-Unjoni ma tistax tiġi eżaminata ħlief qabel il-konklużjoni tiegħu, permezz tal-proċedura ta' opinjoni stabbilta bl-Artikolu 218(11) TFUE. B'mod sussidjarju, il-Kunsill, flimkien mal-Kummissjoni u l-Gvern Spanjol u dak Franċiż, jikkunsidra li t-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda fir-realtà l-validità ta' atti li approvaw il-konklużjoni tal-Ftehim dwar is-sajd u l-Protokoll tal-2013, jiġifieri r-Regolament Nru 764/2006 u d-Deċiżjoni 2013/785.

44. Fl-opinjoni tiegħi, din l-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' ġurisdizzjoni għandha tiġi miċħuda għar-raġunijiet segwenti.

45. Skont il-punt b tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 267 TFUE, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha l-kompetenza tagħti sentenzi preliminari dwar "il-validità u l-interpretazzjoni ta' l-atti ta' l-istituzzjonijiet […] tal-Unjoni".

46. Hija ġurisprudenza stabbilita li, għall-finijiet ta' din id-dispożizzjoni, ftehim internazzjonali konkluż mill-Unjoni jikkostitwixxi, "f'dak li [jikkonċernaha], att meħud minn istituzzjoni [tal-Unjoni]" fis-sens tal-Artikolu 267 TFUE [12]. Fuq din il-bażi, il-Qorti tal-Ġustizzja ħafna drabi kellha l-opportunità li tinterpreta, permezz ta' deċiżjoni preliminari, dispożizzjonijiet ta' tali ftehim konklużi mill-Unjoni [13] fosthom, barra minn hekk, il-Ftehim dwar is-sajd [14].

12 Is-sentenza tat-30 ta' April 1974, Haegeman (181/73, EU:C:1974:41, punt 4). Ara wkoll, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-30 ta' Settembru 1987, Demirel (12/86, EU:C:1987:400, punt 7); tal-15 ta' Ġunju 1999, Andersson u Wåkerås-Andersson (C-321/97, EU:C:1999:307, punt 26), u tal-25 ta' Frar 2010, Brita (C-386/08, EU:C:2010:91, punt 39).

13 Iktar reċentement, ara s-sentenza tat-28 ta' Marzu 2017, Rosneft (C-72/15, EU:C:2017:236, punti 108 sa 117).

14 Ara s-sentenza tad-9 ta' Ottubru 2014, Ahlström *et* (C-565/13, EU:C:2014:2273).

47. Barra minn hekk, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, l-istħarriġ preliminari tal-validità jestendi għall-atti kollha tal-istituzzjonijiet "mingħajr ebda eċċezzjoni"[15], peress li t-Trattat FUE għandu "minn naħa, fl-Artikoli 263 u 277 tiegħu u, min-naħa l-oħra, fl-Artikolu 267 tiegħu, jistabbilixxi sistema sħiħa ta' rimedji u ta' proċeduri maħsuba sabiex jiġi żgurat l-istħarriġ tal-legalità tal-atti tal-Unjoni, billi ħallih fir-responsabbiltà tal-qorti tal-Unjoni"[16].

48. Minkejja dan, il-ftehim internazzjonali konklużi mill-Unjoni jaqgħu kemm taħt l-ordinament ġuridiku internazzjonali peress li huma konklużi ma' terz kif ukoll fl-ordinament ġuridiku tal-Unjoni.

49. Minkejja li fl-ordinament ġuridiku internazzjonali, l-annullament ta' ftehim internazzjonali ma jistax isir ħlief għal waħda mir-raġunijiet elenkati b'mod restrittiv fl-Artikoli 46 sa 53 tal-Konvenzjoni ta' Vjenna dwar il-liġi tat-trattati, konkluża fi Vjenna fit-23 ta' Mejju 1969[17] (iktar 'il quddiem il-"Konvenzjoni ta' Vjenna dwar il-liġi tat-trattati"), mill-Artikolu 218(11) TFUE jirriżulta li "[i]d-dispożizzjonijiet ta' [...] ftehim [konkluż mill-Unjoni] għandhom ikunu kompletament kompatibbli mat-Trattati [UE u FUE] u mal-prinċipji kostituzzjonali li jirriżultaw minnhom"[18].

50. Kien sabiex jevitaw bl-aħjar mod il-kumplikazzjonijiet ġuridiċi u politiċi internazzjonali li jqumu minn inkompatibbiltà mat-Trattati UE u FUE ta' ftehim internazzjonali konkluż mill-Unjoni li jibqa' validu fid-dritt internazzjonali li l-awturi tal-imsemmija trattati ħolqu proċedura preventiva ta' opinjoni prevista llum fl-Artikolu 218(11) TFUE.

51. Sabiex tibbaża l-ġurisdizzjoni tagħha sabiex tevalwa l-kompatibbiltà tal-ftehim internazzjonali fil-kuntest tal-proċedura ta' opinjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja barra minn hekk ibbażat ruħha fuq il-fatt li din il-ġurisdizzjoni ngħatat lilha permezz tal-Artikoli 258, 263 u 267 TFUE. Fil-fatt hija ddeċidiet li "[i]l-kwistjoni dwar jekk il-konklużjoni ta' ftehim partikolari taqax jew le fil-kompetenzi tal-[Unjoni] u jekk, jekk ikun il-każ, dawn il-kompetenzi ġewx eżerċitati b'mod konformi mad-dispożizzjonijiet tat-Trattat [setgħu] bħala regola jiġu sottomessi lill-Qorti tal-Ġustizzja, kemm b'mod dirett, skont l-Artikolu [258 TFUE] jew l-Artikolu [263 TFUE], jew permezz tal-proċedura ta' talba għal deċiżjoni preliminari"[19].

52. Il-Qorti tal-Ġustizzja għalhekk għandha ġurisdizzjoni sabiex teżamina "l-kwistjonijiet kollha li jistgħu jqajmu dubji dwar il-validità sostantiva jew proċedurali tal-ftehim [internazzjonali] fid-dawl tat-Trattati [UE u FUE]"[20].

53. F'dan is-sens, sabiex jiġu evitati l-kumplikazzjonijiet hawn fuq imsemmija, meta l-Qorti tal-Ġustizzja tat opinjoni negattiva dwar il-kompatibbiltà mat-Trattati UE u FUE ta' ftehim internazzjonali "partikolari", dan ma jistax jidħol fis-seħħ, jekk qabel ma jiġix emendat[21]. Fi kwalunkwe każ, il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tistħarreġ *ex post il-kompatibbiltà*[22] materjali jew formali tal-ftehim mat-Trattati UE u FUE jekk hija tkun adita minn rikors għal annullament jew minn rinviju għal deċiżjoni preliminari dwar annullament.

15 Ara s-sentenza tat-13 ta' Diċembru 1989, Grimaldi (C-322/88, EU:C:1989:646, punt 8). Ara wkoll, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-11 ta' Mejju 2006, Friesland Coberco Dairy Foods (C-11/05, EU:C:2006:312, punt 36), kif ukoll tat-13 ta' Ġunju 2017, Florescu *et* (C-258/14, EU:C:2017:448, punt 30).

16 Sentenza tat-28 ta' Marzu 2017, Rosneft (C-72/15, EU:C:2017:236, punt 66 u l-ġurisprudenza ċċitata). Enfasi miżjud minni.

17 Ġabra tat-Trattati tan-Nazzjonijiet Uniti, vol. 1155, p. 331.

18 Ara l-Opinjoni 1/15 (Ftehim PNR UE-Kanada), tas-26 ta' Lulju 2017 (EU:C:2017:592, punt 67).

19 Opinjoni 1/75 (Memorandum ta' qbil tal-OECD dwar standard ta' kost lokali), tal-11 ta' Novembru 1975 (EU:C:1975:145).

20 Opinjoni 1/15 (Ftehim PNR UE-Kanada), tas-26 ta' Lulju 2017 (EU:C:2017:592, punt 70).

21 Ara s-sentenza tat-3 ta' Settembru 2008, Kadi u Al Barakaat International Foundation vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni (C-402/05 P u C-415/05 P, EU:C:2008:461, punt 309) u l-Artikolu 218(11) TFUE.

22 Nitkellem dwar kompatibbiltà u mhux dwar validità sabiex nevita l-konfużjoni mar-raġunijiet ta' nullità tat-Trattati li huma elenkati b'mod restrittiv fl-Artikoli 46 sa 53 tal-Konvenzjoni ta' Vjenna dwar il-liġi tat-trattati.

54. Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha ġurisdizzjoni sabiex tistħarreġ il-validità tal-att tal-Kunsill li japprova l-konklużjoni ta' ftehim internazzjonali [23], li tinkludi l-istħarriġ tal-legalità interna ta' din id-deċiżjoni fir-rigward tal-ftehim inkwistjoni [24]. F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tistħarreġ il-legalità tal-att tal-Kunsill (inkluż id-dispożizzjonijiet tal-ftehim internazzjonali li tiegħu japprova l-konklużjoni) fir-rigward tat-Trattati UE u FUE kif ukoll ta' prinċipji kostituzzjonali li jirriżultaw minnhom, fosthom ir-rispett tad-drittijiet fundamentali [25] u tad-dritt internazzjonali [26] skont l-Artikolu 3(5) TUE.

55. Konsegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha ġurisdizzjoni sabiex tannulla (fil-każ ta' rikors għal annullament) jew tiddikjara invalida (fil-każ ta' talba għal deċiżjoni preliminari) id-deċiżjoni tal-Kunsill li tapprova l-konklużjoni tal-ftehim internazzjonali inkwistjoni [27] u sabiex tiddikjara l-inkompatibbiltà ta' dan il-ftehim mat-Trattati UE u FUE u mal-prinċipji kostituzzjonali li jirriżultaw minnhom.

56. F'din l-eventwalità, il-ftehim internazzjonali jkompli jorbot lill-partijiet fid-dritt internazzjonali u huma l-istituzzjonijiet tal-Unjoni li għandhom jeliminaw l-inkompatibbiltajiet bejn dan il-ftehim u t-Trattati UE u FUE kif ukoll mal-prinċipji kostituzzjonali li jirriżultaw minnhom [28]. Jekk l-inkompatibbiltajiet ma jkunux jistgħu jitneħħew, il-ftehim għandu jiġi rrinunzjat jew irtirat [29], skont il-proċedura prevista fl-Artikoli 56 u 65 sa 68 tal-Konvenzjoni ta' Vjenna dwar il-liġi tat-trattati [30] u, f'dan il-każ, l-Artikolu 14 tal-Ftehim dwar is-sajd. F'dan is-sens, l-analoġija tista' ssir mal-Artikolu 351 TFUE li jirrigwarda l-istess sitwazzjoni fir-rigward tat-trattati konklużi mill-Istati Membri qabel l-adeżjoni tagħhom fl-Unjoni.

57. Finalment, għandu jiġi spjegat li l-prinċipju ddikjarat mill-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja fil-kawża tad-Deheb monetarju mneħħi minn Ruma fl-1943 [31] u msemmi fir-raba' domanda preliminari, li jipprovdi li din il-qorti ma tistax teżerċita l-ġurisdizzjoni tagħha sabiex tiddeċiedi kwistjoni bejn żewġ Stati meta, sabiex tagħmel dan, hija jkollha teżamina l-aġir ta' Stat terz li ma huwiex parti fil-proċedura [32], ma huwiex, kif isostnu l-Kunsill u l-Kummissjoni, rilevanti f'dan il-każ. Fil-fatt, dan il-prinċipju, li jinsab fl-Istatut tal-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja, ma jeżistix fl-Istatut

23 Ara s-sentenza tad-9 ta' Awwissu 1994, Franza vs Il-Kummissjoni (C-327/91, EU:C:1994:305, punti 13 sa 17) fejn il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li r-rikors għal annullament ippreżentat mir-Repubblika Franċiża kien dwar l-att li permezz tiegħu l-Kummissjoni kienet awtorizzat il-konklużjoni tal-ftehim internazzjonali inkwistjoni minflok dan tal-aħħar.

24 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-3 ta' Settembru 2008, Kadi u Al Barakaat International Foundation vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni (C-402/05 P u C-415/05 P, EU:C:2008:461, punt 289) li tirreferi għas-sentenza tal-10 ta' Marzu 1998, Il-Ġermanja vs Il-Kunsill (C-122/95, EU:C:1998:94).

25 Ara s-sentenza tat-3 ta' Settembru 2008, Kadi u Al Barakaat International Foundation vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni (C-402/05 P u C-415/05 P, EU:C:2008:461, punti 283, 284, 289, 304, 308, 316 u 326).

26 Ara l-Artikolu 3(5) TUE u s-sentenza tal-21 ta' Diċembru 2011, Air Transport Association of America *et* (C-366/10, EU:C:2011:864, punt 101 u l-ġurisprudenza ċċitata).

27 Ara Etienne, J., "L'accord de pêche CE-Maroc: quels remèdes juridictionnels européens à quelle illicéité internationale?", *Revue belge de droit international*, 2010, p. 77 sa 107, speċjalment p. 104 u 105.

28 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-22 ta' Diċembru 2008, Régie Networks (C-333/07, EU:C:2008:764, punt 124 u l-ġurisprudenza ċċitata).

29 Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-14 ta' Settembru 1999, Il-Kummissjoni vs Il-Belġju (C-170/98, EU:C:1999:411, punt 42), kif ukoll tal-4 ta' Lulju 2000, Il-Kummissjoni vs Il-Portugall (C-84/98, EU:C:2000:359, punt 40).

30 Din il-proċedura tipprevedi n-notifika ta' strument li għandu bħala għan li jiddikjara n-nullità tat-trattat jew id-deċiżjoni li jiġi rtirat. Jekk titqajjem oġġezzjoni mill-parti l-oħra u li l-partijiet ma jistgħux jaslu għal soluzzjoni, huwa previst li l-kwistjoni tiġi sottomessa lill-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja jew tribunal ta' arbitraġġ *ad hoc*. L-istess japplika għall-Konvenzjoni ta' Vjenna dwar il-liġi tat-trattati bejn Stati u organizzazzjonijiet internazzjonali jew bejn organizzazzjonijiet internazzjonali, konkluża fi Vjenna fil-21 ta' Marzu 1986, li madankollu ma għadhiex fis-seħħ. (Ara l-Artikoli 65 sa 68 tagħha). Peress li l-organizzazzjonijiet internazzjonali ma jistgħux jadixxu lill-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja, din il-Konvenzjoni tipprevedi li din il-qorti tista' tkun adita permezz tal-proċedura ta' opinjoni stabbilita bl-Artikolu 96 tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti. Jekk l-Assemblea Ġenerali tal-ONU jew tal-Kunsill tas-Sigurtà tagħha ma jilqgħux għat-talba sabiex tinbeda din il-proċedura, il-kwistjoni tista' tiġi sottomessa għal proċedura ta' arbitraġġ.

31 QIĠ Ġabra 1954, p. 19.

32 Kif tfakkar il-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja, "wieħed mill-prinċipji fundamentali tal-Istatut tagħha huwa li hija ma tistax tiddeċiedi kwistjoni bejn Stati ħlief jekk dawn ma jkunux qablu mal-ġurisdizzjoni tagħha" (Timor orjentali (Il-Portugall vs L-Awstralja), sentenza (QIĠ Ġabra 1995, p. 90, punt 26 u l-ġurisprudenza ċċitata)).

tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u, fi kwalunkwe każ, ma jistax jeżisti fid-dritt tal-Unjoni peress li jeskludi *ex officio* l-possibbiltà ta' stħarriġ tal-kompatibbiltà mat-Trattati UE u FUE tal-ftehim internazzjonali konklużi mill-Unjoni mingħajr il-parteċipazzjoni fil-proċedura quddiemha tal-Istat terz li ffirma l-ftehim mal-Unjoni.

58. Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, id-domandi preliminari jippruvaw jistabbilixxu:

– il-validità tar-Regolament Nru 764/2006, inkwantu japprova l-Ftehim dwar is-sajd "li jipprovdi lis-sajjieda tal-[Unjoni] b'opportunitajiet ta' sajd fl-ibħra li jaqgħu taħt is-sovranità jew il-ġurisdizzjoni tar-Renju tal-Marokk" [33];

– il-validità tad-Deċiżjoni 2013/785, inkwantu tapprova l-Protokoll tal-2013 li "jipprovdi lill-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni b'opportunitajiet ta' sajd fl-ibħra li fuqhom ir-Renju tal-Marokk jeżerċita s-sovranità jew il-ġurisdizzjoni tiegħu fir-rigward tas-sajd" [34] u jistabbilixxi l-kumpens finanzjarja għal dan l-użu;

– il-validità tar-Regolament Nru 1270/2013, inkwantu jalloka bejn l-Istati Membri l-opportunitajiet ta' sajd skont il-Protokoll tal-2013; u,

– il-kompatibbiltà tal-Ftehim dwar is-sajd u tal-Protokoll tal-2013 mat-Trattati UE u FUE kif ukoll mal-prinċipji kostituzzjonali li jirriżultaw minnhom, fosthom b'mod partikolari l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali u r-rispett tad-dritt internazzjonali imposta mill-Artikolu 3(5) TUE fuq l-azzjoni esterna tal-Unjoni.

59. Għall-kumplament, ser nirreferi għal dawn l-atti kollha bħala l-"atti kkontestati".

## B. Fuq il-mertu

### *1. Osservazzjonijiet preliminari*

60. Kemm għall-partijiet fil-kawża prinċipali kif ukoll għall-intervenjenti quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, l-atti kkontestati huma applikabbli għat-territorju tas-Saħara tal-Punent u għall-ibħra li jmissu miegħu. Madankollu, din il-konstatazzjoni ma tirriżultax b'mod ċar mill-kliem tal-Ftehim dwar is-sajd u tal-Protokoll tal-2013. Fil-fatt, l-ebda dispożizzjoni minn tagħhom ma ssemmi espressament is-Saħara tal-Punent.

61. Għalhekk qabel xejn għandu jiġi eżaminat jekk l-atti kkontestati humiex applikabbli għas-Saħara tal-Punent peress li, fil-każ kuntrarju, il-validità tagħhom ma tistax tiġi kkontestata fir-rigward tar-regoli invokati mill-qorti tar-rinviju u mid-WSC [35].

62. Fl-opinjoni tiegħi, interpretazzjoni tal-Ftehim dwar is-sajd u tal-Protokoll tal-2013 tikkonforma mar-regoli ta' interpretazzjoni tat-trattati msemmija fl-Artikolu 31 tal-Konvenzjoni ta' Vjenna dwar il-liġi tat-trattati twassal għall-konklużjoni li huma applikabbli kemm għat-territorju tas-Saħara tal-Punent u għall-ibħra li jmissu miegħu u dan, għar-raġunijiet segwenti.

33 Ara l-premessa 1 u l-Artikolu 1 tar-Regolament Nru 764/2006.

34 Ara l-premessa 2 u l-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni 2013/785.

35 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-21 ta' Diċembru 2016, Il-Kunsill vs Front Polisario (C-104/16 P, EU:C:2016:973).

63. Skont l-Artikolu 31(1) ta' din il-Konvenzjoni, "Trattat għandu jiġi interpretat b'bona fide skont is-sinjifikat ordinarju li għandu jingħata lit-termini tat-trattat fil-kuntest tagħhom u fid-dawl tal-għan u tas-suġġett tiegħu". Skont il-paragrafu 2 tiegħu, "il-kuntest għandu jinkludi, apparti t-test, il-preamboli u l-annessi tiegħu [,] kull ftehim relatat mat-trattat li jkun intlaħaq bejn il-partijiet kontraenti kollha fir-rigward tal-konklużjoni tat-trattat". Il-kuntest għalhekk jinkludi l-Protokoll tal-2006 li ma għadux fis-seħħ iżda li s-sustanza tiegħu kienet, essenzjalment, fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim dwar is-sajd, identiku għal dak tal-Protokoll tal-2013.

64. L-Artikolu 31(3) tal-imsemmija konvenzjoni timponi wkoll li jittieħed inkunsiderazzjoni, flimkien mal-kuntest, fl-istess ħin tal-kuntest, b'mod partikolari, "kull ftehim li jsir sussegwentement bejn il-partijiet fir-rigward tal-interpretazzjoni tat-trattat jew tal-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tiegħu". Konsegwentement, fl-interpretazzjoni tal-ambitu tal-Ftehim dwar is-sajd, għandhom jitqiesu d-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Protokoll tal-2013.

65. F'dan il-każ, konformement mal-Artikolu 11 tiegħu, il-Ftehim dwar is-sajd, japplika, f'dak li jirrigwarda, ir-Renju tal-Marokk, "għat-territorju tal-Marokk u għall-ibħra taħt il-ġurisdizzjoni Marokkina". L-Artikolu 2(1) f'dan il-Ftehim jiddefinixxi t-termini "żoni tas-sajd Marokkini" li fihom jsir is-sajd previst minn dan il-ftehim bħala "l-ibħra rilevanti taħt is-sovranità jew il-ġurisdizzjoni tar-Renju tal-Marokk" [36].

36 Ara wkoll, il-premessa 1 tar-Regolament Nru 764/2006.

66. Dawn it-termini huma speċifikati fl-appendiċi 2 u 4 tal-anness tal-Protokoll tal-2013. Fuq talba tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-Kummissjoni pproduċiet sitt mapep li juru l-estensjoni taż-żoni ta' sajd skont l-ispeċifikazzjonijiet mogħtija f'dawn l-appendiċi 2 u 4 tal-Anness tal-Protokoll tal-2013:




67. Kif jirriżulta minn dawn il-mapep, iż-żona tas-sajd Nru 3 (kategorija 3: Sajd fuq skala żgħira fin-Nofsinhar) testendi san-Nofsinhar tal-latitudni 30°40'00"N u lil hinn minn 3 mili nawtiċi, iż-żona tas-sajd Nru 4 (kategorija 4: Sajd tal-qiegħ (demersali) testendi san-Nofsinhar tal-latitudni 29°N u lil hinn mill-isobat ta' 200 m għall-bastimenti tas-sajd bit-tkarkir u lil hinn 12-il mil nawtiku għall-bastimenti bil-konz, iż-żona tas-sajd Nru 5 (kategorija 5: Sajd għat-tonn) tkopri ż-żona Atlantika kollha tal-Marokk lil hinn minn 3 mili nawtiċi, ħlief għall-perimetru ta' protezzjoni li qiegħed lejn il-Lvant tal-linja li tgħaqqad il-punti 33°30'N/7°35' Punent u 35°48'N/6°20' Punent u ż-żona tas-sajd

Nru 6 (kategorija 6: Sajd pelaġiku industrijali) testendi san-Nofsinhar tal-latitudni 29°N u lil hinn minn 15-il mil nawtiku għall-bastimenti tas-sajd bit-tkarkir bil-friża u lil hinn minn 8 mili nawtiċi għall-bastimenti bit-tkarkir RSW[37].

68. Fir-rigward ta' din l-aħħar żona tas-sajd, mill-minuti tat-tielet Kumitat Konġunt tal-Ftehim dwar is-sajd, li ltaqa' fi Brussell fis-17 u t-18 ta' Marzu 2008, jirriżulta li l-Unjoni u r-Renju tal-Marokk qablu li l-attività ta' din iż-żona setgħet issir biss fin-Nofsinhar tal-latitudni 26°07'N. Fil-fatt, il-Kapitolu III tal-anness għall-Protokoll tal-2013 kif ukoll l-appendiċi 4 għal dan l-anness jippermettu lir-Renju tal-Marokk li jemenda unilateralment dawn il-koordinati ġeografiċi bil-kundizzjoni li jikkomunikaw kull emenda lill-Kummissjoni xahar qabel.

69. Il-konfini ta' Nofsinhar ta' dawn iż-żoni ta' sajd ma hijiex spjegata la fil-Ftehim dwar is-sajd, u lanqas fil-Protokoll tal-2013[38]. Peress li l-fruntiera bejn is-Saħara tal-Punent u r-Renju tal-Marokk tinsab fil-latitudni 27°42'N (Ponta Stafford)[39], hija biss iż-żona tas-sajd nru 6 li tkopri, permezz ta' ftehim ulterjuri bejn l-Unjoni u r-Renju tal-Marokk, espliċitament l-ibħra li jmissu mas-Saħara tal-Punent. Madankollu, mill-mapep prodotti mill-Kummissjoni jidher li ż-żoni ta' sajd Nri 3 sa 5 jestendu sal-fruntiera marittima bejn ir-Repubblika Iżlamika tal-Mawritanja u s-Saħara tal-Punent biex ikopru b'hekk l-ibħra li jmissu ma' din tal-aħħar.

70. Barra minn hekk, il-kwantitajiet ta' qabdiet f'kull żona tas-sajd ipprovduti mill-Kummissjoni waqt is-seduta jikkonfermaw li l-Ftehim dwar is-sajd u l-Protokoll tal-2013 japplikaw kważi esklużivament għall-ibħra li jmissu mas-Saħara tal-Punent[40]. Skont l-istatistika tal-Kummissjoni, il-qabdiet magħmula biss fiż-żona tas-sajd Nru 6 jirrappreżentaw madwar 91.5 % tal-qabdiet totali magħmula fil-kuntest tal-Ftehim dwar is-sajd u tal-Protokoll tal-2013. Dan juri b'mod ċar li l-applikazzjoni tal-Ftehim dwar is-sajd u tal-Protokoll tal-2013 għall-ibħra li jmissu mas-Saħara tal-Punent huwa eżattament dak li l-partijiet ipprevedew mill-bidu.

71. F'dak li jirrigwarda l-applikazzjoni tal-Ftehim dwar is-sajd u l-Protokoll tal-2013 fuq l-art, l-Artikolu 3(1)(a)(ii) tal-Protokoll tal-2013 jipprevedi li parti mill-kumpens finanzjarju mħallas mill-Unjoni lir-Renju tal-Marokk u ekwivalenti għal EUR 14 miljun jitħallas bħala appoġġ għall-politika settorjali tas-sajd għar-Renju tal-Marokk, li, skont il-Kunsill u l-Kummissjoni, tinkludi investimenti f'infrastrutturi magħmula fit-territorju tas-Saħara tal-Punent. Barra minn hekk, il-Kapitolu X tal-Anness tal-Protokoll tal-2013 jipprevedi li parti mill-qbid għandu jiġi żbarkat fil-portijiet Marokkini, li, skont il-Kunsill u l-Kummissjoni, jinkludu l-portijiet tas-Saħara tal-Punent. Finalment, il-Ftehim dwar is-sajd u l-Protokoll tal-2013 għandhom, skont il-Kunsill u l-Kummissjoni, jibbenefikaw lill-poplu tas-Saħara tal-Punent, li fih innifsu huwa applikazzjoni fuq l-art ta' dan il-ftehim u ta' dan il-protokoll.

37 Ara l-appendiċi 2 tal-Anness tal-Protokoll tal-2013.

38 Ara l-appendiċi 4 tal-Anness tal-Protokoll tal-2013.

39 Ara Bennafla, K., "Illusion cartographique au Nord, barrière de sable à l'Est: les frontières mouvantes du Saħara tal-Punent", *L'Espace politique*, 2013, punt 212, aċċessibbli fuq is-sit tal-internet http://espacepolitique.revues.org/2644.

40 Skont il-Kummissjoni, il-qabdiet li saru huma allokati bejn is-sitt żoni tas-sajd stabbiliti bil-Ftehim dwar is-sajd u l-Protokoll tal-2013 bil-mod segwenti: 1 138 tunnellata fiż-żona tas-sajd Nru 1, 406 tunnellata fiż-żona tas-sajd Nru 2, 191 tunnellata fiż-żona tas-sajd Nru 3, 5 035 tunnellata fiż-żona tas-sajd Nru 4, 234 tunnellata fiż-żona tas-sajd Nru 5 u 75 686 tunnellata fiż-żona tas-sajd Nru 6. Anki jekk it-tunnellati kollha maqbuda ma għandhomx l-istess valur, huwa ċar li l-Ftehim dwar is-sajd u l-Protokoll tal-2013 japplikaw kważi esklużivament għall-ibħra li jmissu mas-Saħara tal-Punent.

72. Fit-tieni lok, il-konstatazzjoni li l-Ftehim dwar is-sajd huwa applikabbli għas-Saħara tal-Punent u għall-ibħra li jmissu magħha hija sostnuta mill-oriġini tagħha. Fil-fatt, kif tirrileva l-Kummissjoni, il-Ftehim dwar is-sajd joriġina minn Ftehim dwar is-sajd konkluż mar-Renju tal-Marokk mir-Renju ta' Spanja qabel l-adeżjoni tagħha fl-Unjoni [41] li kienu jkopru l-ibħra li jmissu mas-Saħara tal-Punent bħala ibħra taħt il-ġurisdizzjoni Marokkina [42]. Nirrileva wkoll li l-ftehim ta' sajd konklużi bejn l-Unjoni u r-Renju tal-Marokk sa mill-1988 diġà taw lok għal diversi kawżi li jikkonċernaw is-sajd fl-ibħra li jmissu mas-Saħara tal-Punent [43]. F'dan is-sens, jien inqis li, bħal predeċessuri tagħhom, il-Ftehim dwar is-Sajd u l-Protokoll tal-2013 jerġgħu jibdew u jkomplu l-attivitajiet tas-sajd tar-Renju ta' Spanja li diġà jeżistu fl-ibħra li jmissu mas-Saħara tal-Punent qabel l-adeżjoni ta' dak l-Istat Membru mal-Unjoni.

73. Fit-tielet u l-aħħar lok, l-Artikolu 31(4) tal-imsemmija Konvenzjoni tagħti importanza fundamentali għall-intenzjonijiet tal-partijiet billi tispeċifika li "[g]ħandha tingħata tifsira speċjali lil terminu jekk jiġi stabbilit li din kienet ix-xewqa tal-partijiet". Fil-fehma tiegħi, l-intenzjoni tal-Unjoni u tar-Renju tal-Marokk kienet li l-Ftehim dwar is-sajd ikun applikabbli għas-Saħara tal-Punent u għall-ibħra li jmissu magħha bħala ibħra taħt is-sovranità jew il-ġurisdizzjoni Marokkina. Fl-1976, ir-Renju tal-Marokk annetta l-parti tas-Saħara tal-Punent li tinsab fit-tramuntana tal-linja dritta li titlaq mill-punt fejn il-kosta Atlantika tiltaqa' mal-latitudni 24°N u li tmur lejn il-punt fejn il-latitudni 23°N tiltaqa' mal-meridjan 13°W [44], skont il-Konvenzjoni dwar id-delimitazzjoni tal-fruntiera tal-Istat stabbilita bejn ir-Repubblika Iżlamika tal-Mawritanja u r-Renju tal-Marokk, konkluża f'Rabat fl-14 ta' April 1976 [45]. L-annessjoni tas-Saħara tal-Punent mir-Renju tal-Marokk tlestiet fl-1979 bl-inklużjoni tal-parti meridjonali tas-Saħara tal-Punent [46] li din il-Konvenzjoni kienet tat lir-Repubblika Iżlamika tal-Mawritanja. Ir-Renju tal-Marokk jikkunsidra għalhekk li s-Saħara tal-Punent taqa' fis-sovranità tiegħu u li, konsegwentement, l-ibħra li jmissu miegħu huma koperti mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim dwar is-Sajd u tal-Protokoll tal-2013.

74. F'dak li jikkonċerna l-Unjoni, mid-dikjarazzjonijiet magħmula minn diversi Stati Membri fi ħdan il-Kunsill waqt l-approvazzjoni tal-Protokoll tal-2013 jirriżulta b'mod ċar li kemm dan kif ukoll il-Ftehim dwar is-sajd huma applikabbli għas-Saħara tal-Punent [47]. Barra minn hekk, kienet ir-raġuni li għaliha l-Parlament kien, kif spjegaw il-qorti tar-rinviju u l-Kummissjoni, l-ewwel darba, waqqaf in-negozjar mill-ġdid tal-Protokoll li jistabbilixxi l-opportunitajiet ta' sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja

41 L-eżistenza ta' rabta diretta bejn il-Ftehim dwar is-sajd inkwistjoni fil-kawża prinċipali u l-Ftehim dwar is-sajd konklużi bejn ir-Renju ta' Spanja u r-Renju tal-Marokk hija kkonfermata bl-att relatat mal-kundizzjonijiet ta' sħubija ta' Spanja u tar-Repubblika Portugiża u għall-adattament tat-trattati (ĠU 1985, L 302, p. 23) fosthom "l-Artikoli 167(3) u 354(3) […] inkwantu jirreferu għall-attivitajiet ta' sajd, jimponu lill-Kunsill sabiex jirriżerva l-attivitajiet ta' sajd li kellhom Spanja u l-Portugall abbażi tal-ftehim dwar issajd li huma kienu kkonkludew qabel l-adeżjoni tagħhom [fl-Unjoni]" (is-sentenza tat-8 ta' Marzu 1995, HANSA-Fisch vs Il-Kummissjoni, T-493/93, EU:T:1995:47, punt 37).

42 Ara l-Ftehim ta' kooperazzjoni dwar is-sajd marittimu bejn il-Gvern tar-Renju ta' Spanja u l-Gvern tar-Renju tal-Marokk, iffirmat f'Rabat fis-17 ta' Frar 1977 (li qatt ma daħal fis-seħħ), u l-Protokoll ta' ftehim tranżitorju dwar is-sajd marittimu, li sar f'Rabat fid-29 ta' Ġunju 1979 (BOE Nru 253 tat-22 ta' Ottubru 1979, p. 24551), li jitkellem dwar iż-żona tas-sajd fin-nofsinhar tal-Cap Noun (dan jinsab fil-latitudni 29°N, li tikkorrispondi mal-linja bażi għaż-żoni ta' sajd Nri 4 u 6 tal-Ftehim dwar is-sajd) u jikklassifikaw din iż-żona ta' ibħra taħt il-ġurisdizzjoni Marokkina ("*aguas bajo jurisdicción marroquí*"). Ara wkoll il-Ftehim tal-1 ta' Awwissu 1983 ta' kooperazzjoni dwar is-sajd marittimu bejn ir-Renju ta' Spanja u r-Renju tal-Marokk (BOE Nru 243 tal-11 ta' Ottubru 1983, p. 27588) li l-Artikolu 1 tiegħu jirreferi għall-ibħra taħt il-ġurisdizzjoni Marokkina ("*aguas bajo jurisdicción marroquí*"). L-Anness II tagħmel differenza wkoll bejn żewġ żoni ta' sajd, waħda fit-tramuntana u waħda fin-nofsinhar ta' Cap Noun. Dik tan-nofsinhar tkopri l-ibħra li jmissu mas-Saħara tal-Punent.

43 Ara s-sentenza tad-9 ta' Ottubru 2014, Ahlström *et* (C-565/13, EU:C:2014:2273, punt 17). Ara wkoll, id-digriet tat-30 ta' April 1999, Pescados Congelados Jogamar vs Il-Kummissjoni (T-311/97, EU:T:1999:89, punt 6) dwar bastiment tas-sajd ta' sid Spanjol arrestat minn bastiment militari Marokkin u rritornat lejn il-port tal-belt ta' El Aaiun li jinsab fis-Saħara tal-Punent.

44 Ara d-digriet Irjali Marokkin dwar il-Liġi Nru 1-76-468 tas-6 ta' Awwissu 1976 li jemenda d-digriet Irjali Marokkin Nru 1-59-351 tat-2 ta' Diċembru 1959 dwar id-diviżjoni amministrattiva tar-Renju, *Bulletin uffiċjali tar-Renju tal-Marokk*, Nru 3328, p. 914.

45 Ara l-Konvenzjoni dwar id-delimitazzjoni tal-fruntiera tal-Istat stabbilita bejn ir-Repubblika Iżlamika tal-Mawritanja u r-Renju tal-Marokk, iffirmata f'Rabat fl-14 ta' April 1976, *Rapport annwali tal-Afrika ta' Fuq*, 1976, vol. 15, p. 848 u 849 u d-digriet Irjali Marokkin Nru 1-76-380 tas-16 ta' April 1976 dwar ir-ratifika u l-pubblikazzjoni dwar ir-ratifika u l-pubblikazzjoni ta' din il-Konvenzjoni, *Bulletin uffiċjali tar-Renju tal-Marokk*, Nru 3311-a, p. 499.

46 Ara d-Digriet Irjali Marokkin Nru 2-79-430 tal-14 ta' Awwissu 1979 li jemenda u jikkompleta l-Artikoli 1 u 2 tad-Digriet Irjali Marokkin Nru 1-59-351 tat-2 ta' Diċembru 1959 dwar id-Diviżjoni amministrattiva tar-Renju, *Bulletin uffiċjali tar-Renju tal-Marokk*, Nru 3485, p. 489.

47 Disponibbli fuq is-sit tal-internet tal-Kunsill (http://register.consilium.europa.eu/doc/srv?l=EN&f=ST%2015723%202013%20ADD%201).

previsti fil-Ftehim dwar is-sajd. Kienet għal din l-istess raġuni li r-Renju tad-Danimarka u r-Renju tal-Isvezja vvotaw kontra l-approvazzjoni tal-konklużjoni ta' dan il-Protokoll, li r-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi[48], ir-Repubblika tal-Finlandja u r-Renju Unit astjenew u li fiha r-Repubblika Federali tal-Ġermanja, l-Irlanda u r-Repubblika tal-Awstrija urew riżervi.[49]

75. F'dan il-kuntest, kuntrarjament għall-Ftehim ta' assoċjazzjoni li kien is-suġġett tas-sentenza tal-21 ta' Diċembru 2016, Il-Kunsill vs Front Polisario (C-104/16 P, EU:C:2016:973), l-intenzjoni tal-partijiet tidhirli manifestament stabbilita: il-Ftehim dwar is-Sajd u l-protokoll tal-2013 huma applikabbli għas-Saħara tal-Punent u l-ibħra li jmissu miegħu. Għaldaqstant, hija l-Qorti tal-Ġustizzja li għandha teżamina jekk din l-intenzjoni, implementata mill-atti kkontestati, taffettwax il-legalità tagħhom skont l-Artikolu 3(5) TUE u r-regoli tad-dritt internazzjonali invokati mill-WSC.

### *2. L-invokabbiltà tar-regoli tad-dritt internazzjonali sabiex tiġi kkontestata l-validità tal-atti kkontestati*

#### *a) Prinċipji ġenerali*

76. L-argumenti tad-WSC huma intiżi, essenzjalment, sabiex jikkontestaw l-atti kkontestati taħt żewġ aspetti. Fl-ewwel lok, id-WSC jsostnu li l-Unjoni ma tistax legalment tikkonkludi mar-Renju tal-Marokk ftehim applikabbli għat-territorju tas-Saħara tal-Punent u għall-ibħra li jmissu miegħu. Fit-tieni lok, anki jekk l-Unjoni tista' legalment tikkonkludi ftehim simili, id-WSC issostni li l-atti kkontestati huma, fir-rigward tal-kontenut tagħhom, invalidi fir-rigward tal-Artikolu 3(5) TUE u tad-dritt internazzjonali. Sabiex isostnu l-argumenti tagħhom, id-WSC tinvoka diversi regoli tad-dritt internazzjonali, fosthom id-dritt tal-popli għall-awtodeterminazzjoni, l-Artikolu 73 tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti, il-prinċipju ta' sovranità permanenti fuq ir-riżorsi naturali u d-dritt internazzjonali umanitarju inkwantu r-regoli tiegħu jinkludu l-konklużjoni ta' ftehim internazzjonali applikabbli għat-territorji okkupati u l-użu tar-riżorsi naturali tagħhom. Waqt is-seduta, hija spjegat li hija ma kinitx qed tikkontesta l-validità tal-atti kkontestati fir-rigward tad-dritt internazzjonali tal-baħar.

77. F'dan il-kuntest, abbażi tal-prinċipji ddikjarati fis-sentenza tal-21 ta' Diċembru 2011, Air Transport Association of America *et* (C-366/10, EU:C:2011:864), il-Ministru għall-Ambjent, l-Ikel u l-Affarijiet Rurali, il-Comader, il-Gvern Spanjol, Franċiż u dak Portugiż, il-Kunsill kif ukoll il-Kummissjoni jikkontestaw il-possibbiltà li d-WSC tinvoka dawn ir-regoli ta' dritt internazzjonali.

78. Għandu jitfakkar li, skont il-punti 51 sa 55 tas-sentenza tal-21 ta' Diċembru 2011, Air Transport Association of America *et* (C-366/10, EU:C:2011:864) ta' din is-sentenza, l-invokabbiltà tar-regoli ta' dritt internazzjonali konvenzjonali hija suġġetta għall-kundizzjonijiet segwenti: l-Unjoni għandha tkun marbuta bihom, il-kontenut tagħhom għandu jkun mingħajr kundizzjoni u preċiż biżżejjed u, finalment, in-natura u l-istruttura tagħhom ma jipprekludux l-istħarriġ ġudizzjarju tal-att ikkontestat.

48 Skont ir Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi, "[i]l-Protokoll tal-2013 *ma jagħmilx riferiment espliċitu* għas-Saħara tal-Punent *iżda jippermetti l-applikazzjoni tiegħu* għaż-żoni marittimi li jmissu mas-Saħara tal-Punent li ma jaqgħux taħt is-sovranità jew il-ġurisdizzjoni tar-Renju tal-Marokk" ("The protocol *does not explicitly* refer to […] Western Sahara, *but allows for its application* to maritime areas adjacent to […] Western Sahara that are not under the sovereignty or juridiction of Morocco"). Ara d-dikjarazzjoni tar-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi li tinsab fid-dokument tal-Kunsill 15723/13 Add 1 tal-14 ta' Novembru 2013 disponibbli fuq is-sit tal-internet tal-Kunsill: http://register.consilium.europa.eu/doc/srv?1=EN&f=ST%2015723%202013%20ADD%201. Enfasi miżjuda minni.

49 Ara d-dikjarazzjonijiet li jinsabu fid-dokument tal-Kunsill 15723/13 Add 1 tal-14 ta' Novembru 2013 disponibbli fuq is-sit tal-internet tal-Kunsill: http://register.consilium.europa.eu/doc/srv?l=EN&f=ST%2015723%202013%20ADD%201.

79. Skont il-punti 101 sa 103 u 107 tas-sentenza tal-21 ta' Diċembru 2011, Air Transport Association of America *et* (C-366/10, EU:C:2011:864) tal-imsemmija sentenza, l-invokabbiltà tar-regoli tad-dritt internazzjonali konswetudinarju hija suġġetta għall-kundizzjonijiet segwenti: dawn għandhom ikunu jistgħu jikkontestaw il-kompetenza tal-Unjoni sabiex tadotta l-att ikkontestat u dan tal-aħħar għandu jkun jista' jaffettwa d-drittijiet li l-parti fil-kawża tinvoka mid-dritt tal-Unjoni jew li joħloq fir-rigward tagħha obbligi fid-dawl ta' dan id-dritt.

80. Fl-opinjoni tiegħi, jekk l-individwi għandhom jissodisfaw ċerti kundizzjonijiet sabiex ikunu jistgħu jinvokaw ir-regoli tad-dritt internazzjonali fil-kuntest tal-istħarriġ ġudizzjarju tal-atti tal-Unjoni, il-prinċipji stipulati f'din is-sentenza ma humiex awtomatikament trasponibbli għal din il-kawża. Fil-fatt, dawn il-prinċipji jirrigwardaw l-istħarriġ ġudizzjarju ta' atti unilaterali tad-dritt sekondarju purament domestiku (regolament, direttivi, eċċ.) [50] filwaqt li, kif irrilevat il-Kummissjoni [51], din il-kawża tqajjem il-kwistjoni distinta tal-validità ta' ftehim internazzjonali konkluż mill-Unjoni permezz tal-att li japprova l-konklużjoni tiegħu (dritt sekondarju konvenzjonali) [52].

81. F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li l-kwalità ta' membru tal-Organizzazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti (ONU) hija rriżervata għall-Istati [53]. Peress li ma hijiex membru fl-ONU, l-Unjoni ma hijiex parti mill-Istatut tal-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja, kif jipprevedi għall-membri tal-ONU, l-Artikolu 93 tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti. Barra minn hekk, l-Artikolu 34 tal-Istatut tal-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja jillimita għall-Istati biss il-possibbiltà li jidhru quddiemha.

82. Minn dan isegwi li l-istħarriġ tal-azzjoni esterna tal-Unjoni ma taqax fil-ġurisdizzjoni ta' qorti internazzjonali u lanqas tal-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja. Konsegwentement, anki fil-każ fejn l-azzjoni tagħha tikser ir-regoli imperattivi tad-dritt internazzjonali fis-sens tal-Artikolu 53 tal-Konvenzjoni ta' Vjenna fuq il-liġi tat-trattati jew l-obbligi ta' dritt internazzjonali konswetudinarju msejħa "*erga omnes*" [54], ebda ġurisdizzjoni internazzjonali ma hija kompetenti sabiex tiddeċiedi tali ksur.

83. Madankollu, ċerti ftehim internazzjonali jippermettu lill-Unjoni "tissuġġetta ruħha għad-deċiżjonijiet ta' qorti maħluqa jew innominata taħt dawn il-ftehimiet, f'dak li jirrigwarda l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tagħhom", fakultà li hija rrikonoxxuta fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja [55].

50 Ara l-punti 48, 74, 84, 102 tas-sentenza tal-21 ta' Diċembru 2011, Air Transport Association of America *et* (C-366/10, EU:C:2011:864) fejn il-Qorti tal-Ġustizzja titkellem dwar il-"legalità", l-"invalidità" jew il-"validità ta' att tal-Unjoni, *bħalma hija* d-Direttiva 2008/101". Enfasi miżjud minni.

51 Ara l-punti 23 u 24 tar-risposta tagħha għad-domandi bil-miktub magħmula mill-Qorti tal-Ġustizzja.

52 Ara, f'dan is-sens, id-distinzjoni bejn l-istħarriġ ta' validità ta' ftehim internazzjonali konklużi mill-Unjoni (u dan jinkludi fir-rigward tad-dritt internazzjonali li għalih jirreferi l-Artikolu 3(5) TUE) u l-istħarriġ ta' validità tal-atti interni tal-Unjoni fir-rigward tad-dritt internazzjonali magħmula f'Lenaerts, K., Maselis, I. u Gutman, K., *EU Procedural Law*, Oxford University Press, Oxford, 2014, paragrafi 10.05 u 10.08.

53 Ara l-Artikoli 3 sa 6 tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti.

54 Għall-kunċett ta' obbligi *erga omnes*, ara l-Opinjoni konsultattiva tad-9 ta' Lulju 2004 dwar il-konsegwenzi legali tal-bini ta' ħajt fit-territorju Palestinjan okkupat (QIĠ, Ġabra 2004, p. 136, punt 155). Dan il-kunċett ġie wkoll irrikonoxxut mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-punt 88 tas-sentenza tal-21 ta' Diċembru 2016, Il-Kunsill vs Front Polisario (C-104/16 P, EU:C:2016:973).

55 Opinjoni 2/15 (Ftehim ta' Kummerċ Ħieles ma' Singapor), tas-16 ta' Mejju 2017 (EU:C:2017:376, punt 298 u l-ġurisprudenza ċċitata).

84. Dan ma huwiex il-każ tal-Ftehim dwar is-sajd li l-Artikolu 13 tiegħu, intitolat "Nuqqas ta' qbil", jipprevedi li "[i]l-partijiet kontrattanti għandhom jikkonsultaw f'każ li jkun hemm nuqqas ta' qbil fir-rigward ta' l-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni ta' dan il-ftehim". Peress li ma ħoloqx qorti, indipendenti u imparzjali, kompetenti sabiex tiddeċiedi eventwali kwistjonijiet li jirriżultaw fil-kuntest tal-Ftehim dwar is-sajd, is-soluzzjoni tagħhom tiddependi mir-rieda tajba tal-partijiet, b'kull parti tista' għalhekk faċilment twaqqafha [56].

85. Jekk il-Qorti tal-Ġustizzja hija għalhekk, awtomatikament, l-unika qorti li għandha ġurisdizzjoni tistħarreġ l-azzjoni esterna tal-Unjoni u tivverifika li din l-azzjoni tikkontribwixxi "*rispett sħiħ* [...] tad-dritt internazzjonali [u] r-rispett għall-prinċipji tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti" [57], ma huwiex sorprendenti li hija ddeċidiet li "l-eżerċizzju tal-kompetenzi mogħtija [lill-istituzzjonijiet tal-Unjoni] fil-qasam internazzjonali ma jistgħux ma jkunux suġġetti għall-istħarriġ ġudizzjarju ta' validità" [58].

86. F'dan il-kuntest, jekk l-individwi għandhom jissodisfaw ċerti kundizzjonijiet sabiex ikunu jistgħu jinvokaw id-dritt internazzjonali sabiex jikkontestaw il-kompatibbiltà ta' ftehim internazzjonali konkluż mill-Unjoni mal-Artikolu 3(5) TUE, dawn il-kundizzjonijiet ma jistgħux ikunu tali li jagħmlu impossibbli fil-prattika stħarriġ ġudizzjarju effettiv tal-azzjoni esterna tal-Unjoni.

87. Issa, fl-opinjoni tiegħi, dan kien ikun il-każ li kieku l-prinċipji msemmija fl-eżempju msemmi fis-sentenza tal-21 ta' Diċembru 2011, Air Transport Association of America *et* (C-366/10, EU:C:2011:864) kienu trasposti bħala tali għall-istħarriġ ta' validità tal-atti kkontestati.

88. Fil-fatt, ċerti regoli tad-dritt internazzjonali invokati f'din il-kawża huma kemm regoli ta' dritt konswetudinarju, peress li ġew ikkodifikati f'diversi trattati u konvenzjonijiet internazzjonali, filwaqt li regoli oħra, bħad-dritt għall-awtodeterminazzjoni, jiffurmaw parti mid-dritt internazzjonali ġenerali [59] u b'dan il-mod ma jaqgħux esklużivament taħt id-dritt internazzjonali konvenzjonali jew konswetudinarju li l-invokabbiltà tagħhom ġiet ittrattata mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tagħha tal-21 ta' Diċembru 2011, Air Transport Association of America *et* (C-366/10, EU:C:2011:864).

89. Barra minn hekk, jekk kien bil-għan li ma tiġix eskluża *ex officio* l-invokabbiltà tar-regoli tad-dritt internazzjonali konswetudinarju li l-Qorti tal-Ġustizzja stabbilixxiet kundizzjonijiet ta' invokabbiltà differenti minn dawk tad-dritt internazzjonali konvenzjonali, ikun kuntrarju għal dan l-istess għan, kif jipproponu l-Ministru għall-Ambjent, l-Ikel u l-Affarijiet Rurali, il-Gvern Spanjol, Franċiż u Portugiż kif ukoll il-Kunsill u l-Kummissjoni, li l-invokabbiltà tar-regoli tad-dritt internazzjonali ġenerali tiġi suġġetta għall-kundizzjonijiet ta' invokabbiltà tar-regoli tad-dritt internazzjonali konswetudinarju, fil-każ fejn jissodisfaw il-kundizzjonijiet ta' invokabbiltà stabbiliti bir-regoli tad-dritt internazzjonali konvenzjonali.

90. Tali soluzzjoni teskludi *ex officio* l-invokabbiltà għall-individwi ta' regoli, li madankollu huma essenzjali, tad-dritt internazzjonali, bħar-regoli essenzjali tad-dritt internazzjonali ġenerali jew l-obbligi tad-dritt msejħa "*erga omnes*" u dan għar-raġunijiet segwenti.

56 Ara, f'dan is-sens, id-digriet tat-30 ta' April 1999, Pescados Congelados Jogamar vs Il-Kummissjoni (T-311/97, EU:T:1999:89, punt 12): "Permezz ta' ittra tad-29 ta' Lulju 1997, kif ukoll waqt laqgħa li saret fl-istess jum bejn is-Sur Gallimore, chargé d'affaires tad-delegazzjoni tal-Kummissjoni f'Rabat, u s-Sur Rhanmi, Segretarju Ġenerali tal-Ministru tas-Sajd Marokkin, l-awtoritajiet tal-Unjoni għajtu sessjoni straordinarja tal-Kumitat Konġunt previst fl-Artikolu 10 tal-Ftehim [dwar is-sajd UE-Marokk tal-1996]. Din l-istedina ġiet repetuta diversi drabi. *Madankollu, l-awtoritajiet Marokkini kull darba rrifjutaw l-istedina, peress li kkunsidraw li ma kienx hemm ksur tal-ftehim*". Enfasi miżjud minni.

57 Artikolu 3(5) TUE. Enfasi miżjud minni. Ara wkoll, l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 21 TUE, l-Artikolu 21(2)(b) u (C) TUE, u l-Artikoli 23 TUE u 205 TFUE. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li dawn id-dispożizzjonijiet, mhux talli ma humiex programmatiċi, iżda jimponu, fost l-oħrajn, ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u tad-dritt internazzjonali "għal kull azzjoni tal-Unjoni, inkluż fis-settur tal-PESK" (Ara s-sentenza tal-14 ta' Ġunju 2016, Il-Parlament vs Il-Kunsill, C-263/14, EU:C:2016:435, punt 47).

58 Is-sentenza tad-9 ta' Awwissu 1994, Franza vs Il-Kummissjoni (C-327/91, EU:C:1994:305, punt 16).

59 Ara Konformità mad-dritt internazzjonali tad-Dikjarazzjoni unilaterali ta' indipendenza dwar il-Kosovo, Opinjoni konsultattiva (QIĠ Ġabra 2010, p. 403, punt 79).

91. Qabel xejn, skont l-ewwel kundizzjoni ta' invokabbiltà tar-regoli tad-dritt internazzjonali konswetudinarju użata mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-każ fejn l-att ikkontestat huwa att ta' dritt sekondarju unilaterali purament domestiku, ir-regoli invokati għandhom jkunu jistgħu jikkontestaw il-kompetenza tal-Unjoni sabiex jiġi adottat dan l-att. Infakkar li fil-kawża li wasslet għas-sentenza tal-21 ta' Diċembru 2011, Air Transport Association of America *et* (C-366/10, EU:C:2011:864) kif ukoll fil-kawżi li wasslu għas-sentenzi msemmija fil-punt 107 ta' din is-sentenza, kien hemm inkwistjoni l-kompetenza tal-Unjoni sabiex tadotta l-att ikkontestat, li dwarha ġie allegat li kienet tipproduċi effetti barra mit-territorju.

92. F'din il-kawża, ħadd ma jikkontesta l-kompetenza[60] tal-Unjoni li tikkonkludi l-Ftehim dwar is-sajd u l-Protokoll tal-2013 jew li tadotta r-Regolament Nru 764/2006, id-Deċiżjoni 2013/785 u r-Regolament Nru 1270/2013. Għall-kuntrarju, WSC tikkontesta l-kompatibbiltà tal-Ftehim dwar is-sajd u tal-Protokoll tal-2013 mad-dritt primarju tal-Unjoni kif ukoll il-legalità interna tar-Regolament Nru 764/2006, id-Deċiżjoni 2013/785 u tar-Regolament Nru 1270/2013. Ikun assurd li l-istħarriġ tal-atti kkontestati jiġi limitat biss għas-sempliċi kwistjoni ta' kompetenza tal-Unjoni u li jiġi eskluż *ex officio* l-istħarriġ sostanzjali tagħhom anki meta mqabbla mar-regoli l-iktar essenzjali tad-dritt internazzjonali li huma invokati f'din il-kawża.

93. Imbagħad, l-applikazzjoni tat-tieni kundizzjoni ta' invokabbiltà tar-regoli tad-dritt internazzjonali konswetudinarju fil-kuntest ta' kawża bħal dik inkwistjoni tidher iktar problematika. Skont din il-kundizzjoni, l-att ikkontestat għandu jkun jista' jaffettwa d-drittijiet li l-parti f'kawża għandha mid-dritt tal-Unjoni jew joħloq fi ħdanha obbligi fir-rigward ta' dan id-dritt[61].

94. F'dan il-każ, l-atti kkontestati ma jagħtux drittijiet u obbligi ħlief lill-Unjoni u lir-Renju tal-Marokk. Fil-fatt, ma nara ebda dispożizzjoni f'dawn l-atti li toħloq drittijiet jew obbligi lil individwi, ħlief potenzjalment (iżda għandi d-dubji) lis-sidien tal-Unjoni li l-vapuri tagħhom għandhom liċenzja tas-sajd mogħtija fil-kuntest tal-Ftehim dwar is-sajd. Għalhekk, jekk kategorija ta' individwi tista' tagħti bidu għall-istħarriġ ġudizzjarju ta' atti kkontestati skont din il-kundizzjoni, hija tkun tinkludi esklużivament dawk li jibbenefikaw mill-Ftehim dwar is-sajd u għalhekk ma għandhom l-ebda interess li jikkontestawh fil-qrati.

95. Finalment, għalfejn l-istħarriġ ġudizzjarju "għandu neċessarjament jasal biss sal-kwistjoni li jsir magħruf jekk l-istituzzjonijiet tal-Unjoni, meta adottaw l-att inkwistjoni, wettqux żbalji manifesti ta' evalwazzjoni fir-rigward tal-kundizzjonijiet ta' applikazzjoni ta' dawn il-prinċipji"[62], peress li dawn il-prinċipji għandhom "l-istess grad ta' preċiżjoni li jkollha dispożizzjoni ta' ftehim internazzjonali"[63] minħabba l-kodifikazzjoni tagħhom?

96. Sabiex nikkonkludi dwar dan il-punt, nikkunsidra li fil-kuntest tal-istħarriġ ġudizzjarju ta' ftehim internazzjonali konklużi mill-Unjoni kif ukoll ta' atti tal-Unjoni li japprovaw jew jimplementaw tali ftehim, l-invokabbiltà tar-regoli tad-dritt internazzjonali għandhom jiġu suġġetti għal ċerti kundizzjonijiet iżda irrispettivament jekk jappartjenux b'mod formali għal sors wieħed jew iktar tad-dritt internazzjonali skont il-klassifikazzjoni magħmula fl-Artikolu 38(1) tal-Istatut tal-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja. Dawn il-kundizzjonijiet huma dawk stipulati fil-punti 53 sa 55 tas-sentenza tal-21 ta' Diċembru 2011, Air Transport Association of America *et* (C-366/10, EU:C:2011:864), li jipprevedu li l-Unjoni għandha tkun marbuta bir-regola invokata, li l-kontenut tagħha għandu jkun mingħajr kundizzjoni u preċiż biżżejjed u, finalment, li n-natura u l-istruttura tagħha ma jipprekludux l-istħarriġ ġudizzjarju tal-att ikkontestat.

60 Għal qari flessibbli ferm ta' din il-kundizzjoni iżda mhux daqstant sostnut mill-kliem tal-punt 107 tal-imsemmija sentenza, ara Lenaerts, K., "Direct applicability and direct effect of international law in the EU legal order" ippubblikat f'Govaere, I., Lannon, E., van Elsuwege, P. u Adam, S. (edituri), *The European Union in the World*: *Essays in Honour of Marc Maresceau*, Brill, Leyde 2013, p. 45 sa 64, speċjalment p. 61.

61 Il-kriterju jixbah ħafna lil dak dwar il-*locus standi* u l-interess ġuridiku li fil-kuntest ta' rinviju għal deċiżjoni preliminari ma għandhomx, fl-opinjoni tiegħi, jiġu evalwati ħlief fil-kuntest tad-dritt nazzjonali.

62 Sentenza tal-21 ta' Diċembru 2011, Air Transport Association of America *et* (C-366/10, EU:C:2011:864), punt 110).

63 Sentenza tal-21 ta' Diċembru 2011, Air Transport Association of America *et* (C-366/10, EU:C:2011:864), punt 110).

97. Huwa b'rabta ma' dawn il-prinċipji li ser neżamina l-invokabbiltà tar-regoli tad-dritt internazzjonali invokati mid-WSC li huma rilevanti f'din il-kawża.

***b) Fuq l-invokabbiltà tar-regoli tad-dritt internazzjonali applikabbli għall-konklużjoni ta' ftehim internazzjonali li jirrigwardaw riżorsi naturali tas-Saħara tal-Punent***

98. Permezz tal-atti kkontestati, l-Unjoni kkonkludiet mar-Renju tal-Marokk u implementat ftehim internazzjonali dwar l-esplojtazzjoni tas-settur tas-sajd mill-Unjoni tar-riżorsi tas-sajd tas-Saħara tal-Punent. F'dan il-kuntest, ser neżamina l-invokabbiltà tar-regoli tad-dritt internazzjonali li jistgħu jikkontestaw kemm il-konklużjoni mar-Renju tal-Marokk ta' ftehim internazzjonali applikabbli għas-Saħara tal-Punent u l-ibħra li jmissu magħha kif ukoll l-esplojtazzjoni tar-riżorsi naturali ta' dan it-territorju. B'dan, nikkunsidra l-fatti li, mill-perspettiva tiegħu, ir-Renju tal-Marokk jikkunsidra ruħu s-sovran tas-Saħara tal-Punent, mill-perspettiva tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni, ir-Renju tal-Marokk huwa awtorità amministrattiva *de facto* tas-Saħara tal-Punent u mill-perspettiva tal-qorti tar-rinviju u tad-WSC, huwa l-awtorità okkupanti tas-Saħara tal-Punent.

*1) Id-dritt għall-awtodeterminazzjoni*

*i) Id-dritt għall-awtodeterminazzjoni jifforma parti mid-"drittijiet tal-bniedem"*

99. Qabel xejn, nikkunsidra li d-dritt għall-awtodeterminazzjoni ma huwiex suġġett għall-kundizzjonijiet ta' invokabbiltà tar-regoli tad-dritt internazzjonali għaliex huwa parti mid-drittijiet tal-bniedem.

100. Kif iddeċidiet il-Qorti tal-Ġustizzja fil-punti 284 u 285 tas-sentenza tat-3 ta' Settembru 2008, Kadi u Al Barakaat International Foundation vs Il-Kummissjoni u Il-Kunsill (C-402/05 P u C-415/05 P, EU:C:2008:461), ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem jikkostitwixxi rekwiżit tal-legalità tal-atti tal-Unjoni u miżuri inkompatibbli mar-rispett tagħhom ma jistgħux jiġu aċċettati fl-ordinament ġuridiku tal-Unjoni. B'hekk, l-obbligi li ftehim internazzjonali jimponi ma jistax ikollhom bħala effett li jippreġudikaw il-prinċipji kostituzzjonali tat-Trattati UE u FUE, bħall-Artikoli 5(3) TUE u l-Artikolu 21 TUE, li jipprevedu li l-azzjoni esterna tal-Unjoni għandha tirrispetta d-drittijiet tal-bniedem. Hija għalhekk il-Qorti tal-Ġustizzja li għandha tiżgura dan ir-rispett fil-kuntest tas-sistema sħiħa ta' rimedji li jistabbilixxu t-Trattati UE u FUE.

101. Skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, "id-drittijiet fundamentali jifformaw parti integrali mill-prinċipji ġenerali tad-dritt li l-osservanza tagħhom hija żgurata mill-Qorti tal-Ġustizzja. Għal dan il-għan, il-Qorti tal-Ġustizzja tispira ruħha mit-tradizzjonijiet kostituzzjonali komuni tal-Istati Membri *kif ukoll mill-indikazzjonijiet mogħtija mill-istrumenti internazzjonali li jikkonċernaw il-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u li l-Istati Membri kkooperaw fihom jew aderixxew magħhom*" [64].

64 Is-sentenza tat-3 ta' Settembru 2008, Kadi u Al Barakaat International Foundation vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni (C-402/05 P u C-415/05 P, EU:C:2008:461, punt 283 u l-ġurisprudenza ċċitata). Enfasi miżjud minni. Il-fatt li l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea saret mandatorja fl-2009 ma jeskludix ir-rilevanza tar-riferiment għall-istrumenti internazzjonali li jorbtu lill-Istati Membri kollha.

102. L-Istati Membri kollha (u r-Renju tal-Marokk) huma partijiet fil-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali (PIDESC)[65] u fil-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi (PIDCP)[66], iffirmati fi New York fis-16 ta' Diċembru 1966, li l-Artikolu 1 komuni tagħhom jipprevedi dan li ġej:

"1. Il-popli kollha għandhom id-dritt ta' awtodeterminazzjoni. Bis-saħħa ta' dan id-dritt, huma jistabbilixxu *b'mod ħieles* l-istatus politiku tagħhom u jaħdmu *b'mod ħieles* għall-iżvilupp ekonomiku, soċjali u kulturali tagħhom.

2. Sabiex jintlaħqu l-għanijiet tagħhom, il-popli kollha jistgħu *b'mod ħieles* jiddisponu mir-rikkezzi u mir-riżorsi naturali tagħhom, mingħajr preġudizzju għall-obbligi li jirriżultaw mill-kooperazzjoni ekonomika internazzjonali, ibbażata fuq il-prinċipju tal-interess reċiproku, u tad-dritt internazzjonali. Fi kwalunkwe każ, poplu ma jistax jiċċaħħad mill-mezzi tal-għajxien tiegħu.

3. L-Istati partijiet ta' dan il-[p]att, inkluż dawk li għandhom ir-responsabbiltà li jamministraw territorji mhux awtonomi u territorji taħt protezzjoni, huma obbligati jiffaċilitaw ir-realizzazzjoni tad-dritt tal-popli għal awtodeterminazzjoni, u li jirrispettaw dan id-dritt, skont id-dispożizzjonijiet tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti"[67] [traduzzjoni mhux uffiċjali].

103. Barra minn hekk, it-Titolu VIII tal-Att Finali ta' Helsinki tal-1975, intitolat "Ugwaljanza tad-drittijiet tal-popli u d-dritt tal-popli għall-awtodeterminazzjoni", li għalih jirreferi l-Artikolu 21(2)(c) TUE u li l-Istati Membri huma partijiet tiegħu, jistabbilixxi d-dritt għall-awtodeterminazzjoni f'termini kważi identiċi għall-Artikolu 1 komuni tal-PIDESC u PIDCP. Dan it-titolu jipprevedi dan li ġej:

"L-Istati parteċipanti għandhom josservaw l-ugwaljanza tad-drittijiet tal-popli u d-dritt tagħhom għall-awtodeterminazzjoni, billi jaġixxu dejjem skont l-għanijiet u l-prinċipji tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti u r-regoli rilevanti tad-dritt internazzjonali, inkluż dawk li jirrigwardaw l-integrità territorjali tal-Istati.

Skont il-prinċipju ta' ugwaljanza tad-drittijiet tal-popli u tad-dritt tagħhom għall-awtodeterminazzjoni, il-popli kollha għandhom dejjem id-dritt, b'mod ħieles, li jistabbilixxu, meta jixtiequ u kif jixtiequ, l-istatus politiku intern u estern tagħhom, mingħajr indħil barrani, u li jsegwu skont ir-rieda tagħhom l-iżvilupp politiku, ekonomiku, soċjali u kulturali tagħhom.

L-Istati parteċipanti jsostnu l-importanza universali tar-rispett u tal-eżerċizzju effettiv mill-popli tad-drittijiet ugwali u tad-dritt tagħhom għall-awtodeterminazzjoni, għall-iżvilupp ta' relazzjonijiet ta' ħbiberija bejniethom kif ukoll bejn l-Istati kollha; huma jfakkru wkoll fl-importanza li jeliminaw kull ksur ta' dan il-prinċipju, fi kwalunkwe forma".

65 Ġabra tat-trattati tan-Nazzjonijiet Uniti, vol. 993, p. 3.
66 Ġabra tat-trattati tan-Nazzjonijiet Uniti, vol. 999, p. 171.
67 Enfasi miżjud minni.

104. Id-dritt tal-awtodeterminazzjoni huwa għalhekk dritt tal-bniedem li ġie rrikonoxxut bħala tali minn diversi istanzi u strumenti internazzjonali, kif ukoll, mid-duttrina[68]. Skont il-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja, il-benefiċjarji ta' dan id-dritt huma l-popli tat-territorji li ma humiex awtonomi fis-sens tal-Artikolu 73 tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti u li huma suġġetti għal "ħakma"[69], id-dominazzjoni jew it-tmexxija barranija[70].

*ii) Id-dritt għall-awtodeterminazzjoni bħala prinċipju tad-dritt internazzjonali ġenerali tad-dritt internazzjonali konvenzjonali u obbligu erga omnes*

105. Fi kwalunkwe każ, bħala regola tad-dritt internazzjonali ġenerali[71] u obbligu *erga omnes*[72] li hija kkodifikata f'diversi strumenti internazzjonali konvenzjonali[73], id-dritt għall-awtodeterminazzjoni jissodisfa l-kriterji stabbiliti fil-punt 96 ta' dawn il-konklużjonijiet, jiġifieri li l-Unjoni hija marbuta bih, il-kontenut tiegħu għandu jkun mingħajr kundizzjoni u preċiż biżżejjed u, finalment, in-natura u l-istruttura tiegħu ma jippreludix l-istħarriġ ġudizzjarju tal-atti ikkontestati.

*– L-Unjoni hija marbuta bid-dritt għall-awtodeterminazzjoni*

106. Kif iddeċidiet il-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tagħha tal-21 ta' Diċembru 2016, Il-Kunsill vs Front Polisario (C-104/16 P, EU:C:2016:973), l-Unjoni hija marbuta bid-dritt għall-awtodeterminazzjoni li huwa dritt opponibbli *erga omnes* kif ukoll prinċipju essenzjali tad-dritt internazzjonali[74]. B'dan il-mod, "jagħmel parti mir-regoli tad-dritt internazzjonali applikabbli fir-relazzjonijiet bejn l-Unjoni u r-Renju tal-Marokk, li l-Qorti Ġenerali kellha tieħu inkunsiderazzjoni"[75].

68 Ara l-punt 1 tad-Dikjarazzjoni dwar l-għoti tal-Indipendenza lill-pajjiżi u lill-popli kolonjali approvata bir-Riżoluzzjoni tal-Assemblea Ġenerali tal-ONU 1514 (XV) tal-20 ta' Diċembru 1960; Opinjoni Nru 2 tal-Kummissjoni ta' Arbitraġġ tal-Konferenza Ewropea għall-paċi fil-Jugoslavja [komposta minn Robert Badinter, President tal-Kunsill Kostituzzjonali Franċiż, Roman Herzog, President tal-Bundesverfassungsgericht (il-Qorti Kostituzzjonali Federali Ġermaniża), Aldo Corasaniti, President tal-Qorti Kostituzzjonali (il-Qorti Kostituzzjonali Taljana), Francisco Tomas y Valiente, President tal-Qorti Kostituzzjonali (il-Qorti Kostituzzjonali Spanjola) u Irène Petry (il-President tal-Qorti ta' Arbitraġġ Belġjana)], 1993, *International Law Reports*, vol. 92, p. 168 sa 169, punti 2 u 3; Gros-Espiell, H., *Le droit à l'autodétermination: Application des résolutions de l'ONU*, 1980, E/CN.4/Sub.2/405/Rev.1., punt 57); Doehring, K., "Self-Determination" ippubblikat f'Simma, B. (editur), *The Charter of the United Nations: A Commentary*, it-2 edizzjoni, Oxford University Press, Oxford 2002, vol. 1, p. 48, sa 53; Dobelle, J.-F., "Article 1, paragraphe 2" ippubblikat f'Cot, J.-P., Pellet, A. u Forteau, M., *La Charte des Nations Unies: commentaire article par article*, it-3 edizzjoni, Economica, Pariġi 2005, p. 337 sa 356, speċjalment p. 340 sa 341; Dinstein, Y., *The International Law of Belligerent Occupation*, Cambridge University Press, Cambridge 2009, p. 51; Saxer, U., *Die international Steuerung der Selbstbestimmung und der Staatssentstehung*, Springer, Heidelberg 2010, p. 238 sa 249; Oeter, S., "Self-Determination" ippubblikat f'Simma, B., Khan, D.-E., Nolte, G. u Paulus, A. (edituri), *The Charter of the United Nations: A Commentary*, it-3 edizzjoni, Oxford University Press, Oxford 2012, vol. I, p. 313 sa 333, p. 322; Crawford, J., "Third Party Obligations with respect to Israeli Settlements in the Occupied Palestinian Territories", Opinjoni legali tal-24 ta' Jannar 2012, punt 26, disponibbli fuq is-sit tal-Internet (https://www.tuc.org.uk/sites/default/files/tucfiles/LegalOpinionIsraeliSettlements.pdf).

69 Probabbilment tradotta mit-terminu Ingliż "ħakma".

70 Ara Konformità mad-dritt internazzjonali tad-Dikjarazzjoni unilaterali ta' indipendenza dwar il-Kosovo, Opinjoni konsultattiva (QIĠ Ġabra 2010, p. 403, punt 79 u l-ġurisprudenza ċċitata).

71 Ara Konformità mad-dritt internazzjonali tad-Dikjarazzjoni unilaterali ta' indipendenza dwar il-Kosovo, Opinjoni konsultattiva (QIĠ Ġabra 2010, p. 403, punt 79).

72 Ara Timor orjentali (Il-Portugall vs L-Awstralja), sentenza, QIĠ Ġabra 1995, p. 90, punt 29, u Konsegwenzi legali tal-bini ta' ħajt fit-territorju Palestinjan okkupat, Opinjoni konsultattiva (QIĠ, Ġabra 2004, p. 136, punti 88 u 156).

73 Ara pereżempju l-Artikolu 1(2) tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti u l-Artikolu 1 komuni għal ICESCR u ICCPR.

74 Punt 88 ta' din is-sentenza.

75 Punt 89 ta' din is-sentenza.

107. Fil-fatt, id-dritt għall-awtodeterminazzjoni huwa stabbilit fl-Artikolu 1(2) tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti[76]. Issa l-Artikolu 3(5) TUE, l-Artikolu 21(1) TUE, l-Artikolu 21(2)(b) u (c), l-Artikoli 23 TUE u 205 TFUE jobbligaw lill-Unjoni tosserva l-prinċipji tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti. Id-Dikjarazzjoni Nru 13 dwar il-politika barranija u s-sigurtà, annessa mal-Att finali tal-konferenza intergovernattiva li adottat it-Trattat ta' Lisbona, iffirmat fit-13 ta' Diċembru 2007, tiddikjara li "l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha ser jibqgħu *marbutin* bid-dispożizzjonijiet tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti"[77].

108. Barra minn hekk, id-dritt għall-awtodeterminazzjoni huwa wieħed mill-prinċipji tal-Att Finali ta' Helsinki li għalihom jirreferi l-Artikolu 21(2)(c)TUE[78].

109. Finalment, kif jirriżulta mill-Artikolu 1 tal-Protokoll tal-2013, l-implementazzjoni tiegħu hija suġġetta għall-osservanza tal-prinċipji demokratiċi u tad-drittijiet tal-bniedem, li jinkludu l-osservanza tad-dritt tal-popli għall-awtodeterminazzjoni.

*– Id-dritt għall-awtodeterminazzjoni huwa regola tad-dritt internazzjonali li, mill-perspettiva tal-kontenut tagħha, hija mingħajr kundizzjoni u preċiża biżżejjed*

110. Kif iddeċidiet il-Qorti tal-Ġustizzja fil-punt 55 tas-sentenza tal-21 ta' Diċembru 2011, Air Transport Association of America *et* (C-366/10, EU:C:2011:864), "[d]in il-kundizzjoni tiġi sodisfatta meta d-dispożizzjoni invokata tinkludi obbligu ċar u preċiż li ma jkunx suġġett, fl-implementazzjoni tiegħu jew fl-effetti tiegħu, għas-seħħ ta' xi att ieħor sussegwenti".

111. Kif juru l-punti 90, 92 u 93 tas-sentenza tal-21 ta' Diċembru 2016, Il-Kunsill vs Front Polisario (C-104/16 P, EU:C:2016:973), fejn il-Qorti tal-Ġustizzja applikat dan id-dritt għas-Saħara tal-Punent u għall-poplu tagħha mingħajr ma kellha xi dubju dwar il-kontenut jew il-portata tiegħu, id-dritt għall-awtodeterminazzjoni jissodisfa din il-kundizzjoni.

112. Il-fatt li l-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja kienet iddeċidiet li l-bini ta' ħajt minn Iżrael fit-territorju tal-Ċisġordanja jikkostitwixxi ksur tad-dritt tal-poplu Palestinjan għall-awtodeterminazzjoni peress li huwa ekwivalenti għal annessjoni *de facto*[79], juri li dan huwa dritt li għandu tifsira suffiċjentement ċara u preċiża sabiex tiġi applikata.

113. Fil-fatt, il-kontenut tiegħu huwa ddettaljat biżżejjed f'diversi strumenti.

114. F'dan ir-rigward, il-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja bbażat, fl-Artikolu 1(2) tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti, l-eżistenza ta' "dritt għall-indipendenza għall-benefiċċju tal-popli tat-territorji mhux awtonomi u ta' dawk li kienu suġġetti għall-ħakma, id-dominazzjoni jew it-tmexxija barranija"[80].

76 "L-għanijiet tan-Nazzjonijiet Uniti huma s-segwenti: […] [l]-iżvilupp bejn in-nazzjonijiet ta' relazzjonijiet ta' ħbiberija bbażati fuq l-osservanza tal-prinċipju ta' ugwaljanza ta' drittijiet tal-popli u *tad-dritt tagħhom li jiddeċiedu għalihom infushom*, u jieħdu l-miżuri kollha xierqa sabiex tiġi kkonsolidata l-paċi fid-dinja; […]". Enfasi miżjud minni.

77 Enfasi miżjud minni. L-użu tal-partiċipju "marbut" huwa sinjifikattiv għaliex l-Unjoni ma hijiex parti mill-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti.

78 Ara t-Titolu VIII intitolat "Ugwaljanza tad-drittijiet tal-popli u d-dritt tal-popli għall-awtodeterminazzjoni".

79 Ara Konformità legali tal-bini ta' ħajt fit-territorju Palestinjan okkupat, Opinjoni konsultattiva (QIĠ Ġabra 2004, p. 136, punti 121 u 122).

80 Ara Konformità mad-dritt internazzjonali tad-Dikjarazzjoni unilaterali ta' indipendenza dwar il-Kosovo, Opinjoni konsultattiva (QIĠ Ġabra 2010, p. 403, punt 79 u l-ġurisprudenza ċċitata).

115. Il-kontenut ta' dan id-dritt huwa spjegat fl-Artikolu 1 komuni tal-PIDESC u tal-PIDCP[81] u l-modalitajiet tal-implementazzjoni ddettaljata f'diversi riżoluzzjonijiet tal-Assemblea Ġenerali tal-ONU, fosthom b'mod partikolari, ir-riżoluzzjonijiet 1514 (XV), 1541 (XV) u 2625 (XXV) li għalihom irreferiet ħafna drabi l-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja[82].

116. F'dan ir-rigward, ir-Riżoluzzjoni 1514 (XV) tiddikjara dan li ġej:"1. L-issuġġettar tal-popli għall-ħakma, id-dominazzjoni u t-tmexxija barranija jikkostitwixxi ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem, huwa kuntrarju għall-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti u jikkomprometti l-kawża tal-paċi u tal-kooperazzjoni dinjija.

2. Il-popli kollha għandom id-dritt għall-awtodeterminazzjoni; skont dan id-dritt, huma jistabillixu b'mod ħieles l-istatus politiku tagħhom u jsegwu b'mod ħieles l-iżvilupp ekonomiku, soċjali u kulturali tagħhom.

[...]

4. Jintemm wara kull azzjoni armata u wara kull miżura ta' ripressjoni, tkun kif tkun, indirizzata kontra l-popli dipendenti, sabiex jippermetti lil dawn il-popli li jeżerċitaw b'mod paċifiku u ħieles id-dritt tagħhom għall-indipendenza kompleta, u l-integrità tat-territorju nazzjonali tagħhom tiġi osservata.

[...]"

117. Ir-Riżoluzzjoni 1541 (XV) tistabbilixxi l-prinċipji li għandhom jiggwidaw lill-awtoritajiet amministrattivi fl-eżerċizzju tal-obbligi tagħhom li jirriżultaw mill-Artikolu 73 tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti. Għandu jiġi nnotat li l-prinċipju VI jipprevedi li d-dritt għall-awtodeterminazzjoni huwa kkunsidrat bħala li ġie eżerċitat meta t-territorju mhux awtonomu jsir Stat indipendenti u sovran jew meta jassoċja ruħu b'mod ħieles ma' Stat indipendenti jew meta huwa integrat ma' Stat indipendenti.

118. F'dak li jirrigwarda l-integrazzjoni ta' Stat indipendenti, il-prinċipju IX(b) jipprevedi li "[l]-integrazzjoni għandha tirriżulta mix-xewqa ħielsa espressa mill-popolazzjonijiet tat-territorju, konxji b'mod sħiħ tat-tibdil tal-istatus tagħhom, peress li l-konsultazzjoni ssir skont metodi demokratiċi u mifruxa b'mod wiesa', applikati b'mod imparzjali u bbażati fuq votazzjoni universali tal-adulti. L-[ONU] tista', meta jidhrilha neċessarju, tikkontrolla l-applikazzjoni ta' dawn il-metodi".

119. Finalment, ir-Riżoluzzjoni 2625 (XXV) tinkludi "id-dikjarazzjoni dwar il-prinċipji tad-dritt internazzjonali li jirrigwarda r-relazzjonijiet amikevoli u l-kooperazzjoni bejn l-Istati skont il-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti". Taħt it-titolu tagħha "Il-prinċipju ta' ugwaljanza tad-drittijiet tal-popli u tad-dritt tagħhom għall-awtodeterminazzjoni" din ir-riżoluzzjoni timponi fuq l-Istati Membri "id-dmir li jippreferu, flimkien ma' Stati Membri oħra jew b'mod separat, il-prinċipju tal-ugwaljanza tad-drittijiet tal-popli u tad-drittijiet tagħhom għall-awtodeterminazzjoni skont id-dispożizzjonijiet tal-Karta tad-Nazzjonijiet Uniti".

81 Ara l-punti 102 sa 103 ta' dawn il-konklużjonijiet u Konsegwenzi legali tal-bini ta' ħajt fit-territorju Palestinjan okkupat, Opinjoni konsultattiva (QIĠ, Ġabra 2004, p. 136, punt 88).

82 Ara Konsegwenzi legali għall-Istati tal-preżenza kontinwa tal-Afrika ta' Isfel fin-Namibja (Lbiċ tal-Afrika) minkejja r-Riżoluzzjoni 276 (1970) tal-Kunsill tas-Sigurtà, Opinjoni konsultattiva (QIĠ Ġabra 1971, p. 16, punt 52); Saħara tal-Punent, Opinjoni konsultattiva (QIĠ Ġabra 1975, p. 12, punti 55 sa 58) u Konsegwenzi legali tal-bini ta' ħajt fit-territorju Palestinjan okkupat, Opinjoni konsultattiva (QIĠ, Ġabra 2004, p. 136, punt 88). Ara wkoll, f'dan is-sens, Oeter, S., "Self-Determination" ippubblikat f'Simma, B., Khan, D.-E., Nolte, G. u Paulus (edituri), A., *The Charter of the United Nations*: *A Commentary*, it-3 ed., Oxford University Press, Oxford, 2012, vol. I, p. 313 sa 333, speċjalment p. 320 u 321 u Dobelle, J.-F., "Article 1, paragraphe 2" ippubblikat f'Cot, J.-P., Pellet, A. u Forteau, M., *La Charte des Nations Unies*: *commentaire article par article*, it-3 ed., Economica, Pariġi, 2005, p. 337 sa 356.

120. Hija timponi wkoll fuq l-Istati Membri "id-dmir li jastjenu minn kull miżura ta' koerżjoni li ċċaħħad lill-popli msemmija hawn fuq fil-formulazzjoni ta' dan il-prinċipju mid-dritt tagħhom għall-awtodeterminazzjon, mil-libertà u mill-indipendenza tagħhom".

121. F'dak li jirrigwarda b'mod iktar partikolari t-territorji mhux awtonomi, bħas-Saħara tal-Punent, din ir-riżoluzzjoni tipprevedi li huma għandhom "status separat u distint minn dak tat-territorju tal-Istati li jamministrah; dan l-istatus separat u distint bis-saħħa tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti jibqa' jeżisti sakemm il-poplu […] tat-territorju mhux awtonomu ma jeżerċitax id-dritt tiegħu għall-awtodeterminazzjoni skont il-Karta u, b'mod partikolari għall-għanijiet u l-prinċipji tiegħu" [83].

122. Finalment, fid-dispożizzjonijiet ġenerali tagħha, ir-Riżoluzzjoni 2625 (XXV) tiddikjara li "[l]-prinċipji tal-Karta li huma inklużi f'din id-dikjarazzjoni jikkostitwixu prinċipji fundamentali tad-dritt internazzjonali, u titlob konsegwentement lill-Istati kollha li jispiraw ruħhom minn dawn il-prinċipji fl-aġir internazzjonali tagħhom u li jiżviluppaw ir-relazzjonijiet reċiproċi tagħhom abbażi tal-osservanza stretta tal-imsemmija prinċipji".

123. Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li d-dritt għall-awtodeterminazzjoni ma huwa suġġett, fl-eżekuzzjoni tiegħu jew fl-effetti tiegħu, għall-intervent ta' xi att ieħor ulterjuri.

124. F'dan il-każ, kif iddeċidew il-Qorti internazzjonali tal-Ġustizzja u l-Qorti tal-Ġustizzja, il-poplu tas-Saħara tal-Punent jibbenefika mid-dritt tal-awtodeterminazzjoni [84].

*– In-natura u l-istruttura tad-dritt għall-awtodeterminazzjoni ma jipprekludux l-istħarriġ ġudizzjarju tal-atti kkontestati*

125. Fil-punt 89 tas-sentenza tal-21 ta' Diċembru 2016, Il-Kunsill vs Front Polisario (C-104/16 P, EU:C:2016:973), il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li "il-Qorti Ġenerali kellha tieħu inkunsiderazzjoni [d-dritt għall-awtodeterminazzjoni]" fil-kuntest tar-rikors għall-annullament tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni ppreżentat minn Front Polisario. Minn dan isegwi li n-natura u l-istruttura ta' dan id-dritt ma jipprekludux l-istħarriġ ġudizzjarju tal-atti tal-Unjoni.

126. Fil-fatt, l-Artikolu 103 tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti jipprevedi li "[f]il-każ ta' konflitt bejn l-obbligi tal-Membri tan-Nazzjonijiet Uniti skond l-Karta preżenti u l-obbligi tagħhom skond xi ftehim internazzjonali ieħor, l-obbligi tagħhom skond l-Karta preżenti għandhom jegħlbu".

127. Barra minn hekk, skont il-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja, "id-dritt tal-popli għall-awtodeterminazzjoni […] huwa dritt li jista' jiġi kkontestat *erga omnes*" [85]. Dan ifisser li "tali obbligi, minn natura tagħhom stess, "jikkonċernaw l-Istati kollha" u, "[f]id-dawl tal-importanza tad-drittijiet inkwistjoni, l-Istati kollha jistgħu jiġu kkunsidrati bħala li għandhom interess ġuridiku sabiex dawn id-drittijiet jiġu protetti" [86]. F'dan is-sens, il-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja ddeċidiet li "l-Istati kollha għandhom l-obbligu li ma jirrikonoxxux is-sitwazzjoni illegali li tirriżulta mill-[ksur ta' obbligu *erga omnes*]. Għandhom ukoll l-obbligu li ma jagħtux għajnuna jew assistenza insostenn

83 Ara wkoll, f'dan is-sens, is-sentenza tal-21 ta' Diċembru 2016, Il-Kunsill vs Front Polisario (C-104/16 P, EU:C:2016:973, punti 90 sa 92).

84 Ara Saħara tal-Punent, Opinjoni konsultattiva (QIĠ Ġabra 1975, p. 12) u s-sentenza tal-21 ta' Diċembru 2016, Il-Kunsill vs Front Polisario (C-104/16 P, EU:C:2016:973).

85 Ara Timor orjentali (Il-Portugall vs L-Awstralja), sentenza (QIĠ Ġabra 1995), p. 90, punt 29, u Konsegwenzi legali tal-bini ta' ħajt fit-territorju Palestinjan okkupat, Opinjoni konsultattiva (QIĠ, Ġabra 2004, p. 136, punti 88 u 156).

86 Konsegwenzi legali tal-bini ta' ħajt fit-territorju Palestinjan okkupat, Opinjoni konsultattiva (QIĠ, Ġabra 2004, p. 136, punt 155). Ara wkoll, f'dan is-sens, Barcelona Traction, Light and Power Company, Limited, it-tieni fażi, sentenza (QIĠ Ġabra 1970, p. 32, punt 33).

tas-sitwazzjoni maħluqa minn dan il-[ksur]. Barra minn hekk, l-Istati għandhom jiżguraw, skont il-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti u tad-dritt internazzjonali, li jintemmu l-ostakoli, li jirriżultaw mill-[ksur], għall-eżerċizzju mill-poplu [kkonċernat, f'dan il-każ, il-poplu Palestinjan] tad-dritt għall-awtodeterminazzjoni tiegħu" [87].

128. Finalment, id-dritt għall-awtodeterminazzjoni ħafna drabi huwa ċċitat bħala regola imperattiva tad-dritt internazzjonali li l-ksur tiegħu jista' jirriżulta fl-annullament ta' trattat internazzjonali skont l-Artikolu 53 tal-Konvenzjoni ta' Vjenna fuq il-liġijiet tat-trattati [88]. Għandu jiġi enfasizzat li, matul il-proċedura tal-opinjoni konsultattiva quddiem il-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja fil-kawża tas-Saħara tal-Punent, ir-Renju ta' Spanja rrikonoxxa li d-dritt għall-awtodeterminazzjoni jikkostitwixxi fih innifsu regola imperattiva tad-dritt internazzjonali [89] filwaqt li r-Renju tal-Marokk irrikonoxxa l-kwalità ta' regola imperattiva tal-prinċipju ta' dekolonizzazzjoni li tiegħu l-awtodeterminazzjoni hija modalità [90].

129. Minn dan jirriżulta li, iktar milli jipprekludu l-istħarriġ ġudizzjarju, l-istruttura u n-natura tad-dritt għall-awtodeterminazzjoni jimponu fuq il-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tivverifika li, permezz tal-atti kkontestati, l-Unjoni rrispettat dan id-dritt, ma rrikonoxxietx sitwazzjoni illegali li tirriżulta minn ksur ta' dan id-dritt u ma tatx għajnuna jew assistenza insostenn ta' tali sitwazzjoni [91].

*2) Il-prinċipju ta' sovranità permanenti fuq ir-riżorsi naturali*

130. Il-prinċipju ta' sovranità permanenti fuq ir-riżorsi naturali jiżgura d-dritt sovran ta' kull Stat u ta' kull poplu li jiddisponi b'mod ħieles mir-rikkezzi u r-riżorsi naturali tat-territorju tiegħu fl-interess tal-iżvilupp nazzjonali u tal-benesseri tal-poplu tiegħu [92]. Dan huwa prinċipju tad-dritt internazzjonali konswetudinarju [93] li bħala tali jorbot lill-Unjoni.

131. Kif osserva s-Segretarju Ġenerali għall-Affarijiet Legali tal-ONU, konsulent legali, Hans Corell fl-ittra tiegħu datata d-29 ta' Jannar 2002, indirizzata lill-Kunsill tas-Sigurtà tal-ONU, "[i]l-portata u l-effetti ġuridiċi speċifiċi [tal-prinċipju ta' sovranità permanenti fuq ir-riżorsi naturali] jibqgħu diskutibbli" [94].

87 Konsegwenzi legali tal-bini ta' ħajt fit-territorju Palestinjan okkupat, Opinjoni konsultattiva (QIĠ, Ġabra 2004, p. 136, punt 159). Fil-fehma tiegħi, dan l-obbligu ta' nuqqas ta' rikonoxximent, huwa, fih innifsu, prinċipju tad-dritt internazzjonali li jissodisfa l-kriterji ta' invokabbiltà msemmija fil-punt 96 ta' dawn il-konklużjonijiet.

88 Ara s-sentenza tal-25 ta' Ġunju 1985 Nru 1981 tal-Corte suprema di cassazione (il-Qorti ta' Kassazzjoni, l-Italja) fil-Kawża Yasser Arafat, *Rivista di Diritto Internazionale*, 1986, p. 885 sa 889; digriet tas-26 ta' Ottubru 2004 tal-Bundesverfassungsgericht (il-Qorti Kostituzzjonali Federali, il-Ġermanja), 2 BvR 955/00, 1038/01, punt 97; opinjoni individwali tas-Sur Ammoun, Viċi-President, Konsegwenzi legali għall-Istati tal-preżenza kontinwa tal-Afrika ta' Isfel fin-Namibja (Lbiċ tal-Afrika) minkejja r-Riżoluzzjoni 276 (1970) tal-Kunsill tas-Sigurtà, Opinjoni konsultattiva (QIĠ Ġabra 1971, p. 16, p. 77 u 78); Kummissjoni tad-dritt internazzjonali, "Abbozz ta' artikoli dwar id-dritt tat-trattati u kummentarji", *Rapport annwali tal-Kummissjoni tad-dritt internazzjonali*, 1966, vol. II, p. 270 [p. 248 fil-verżjoni Ingliża]; Kummissjoni tad-dritt internazzjonali, "Abbozz ta' artikoli dwar ir-responsabbiltà tal-Istat għal reat internazzjonalment illegali u kummentarji", *Rapport annwali tal-Kummissjoni tad-dritt internazzjonali*, 2001, vol. II, it-tieni parti, p. 91 [p. 85 fil-verżjoni Ingliża]; punt 3.2 tas-sommarju bil-miktub tar-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi, Ara Konformità mad-dritt internazzjonali tad-Dikjarazzjoni unilaterali ta' indipendenza dwar il-Kosovo, Opinjoni konsultattiva (QIĠ Ġabra 2010, p. 403); Cassese, A., *Self-Determination of Peoples: A Legal Reappraisal*, Cambridge University Press, Cambridge, 2005, p. 133 u 136; Raić, D., *Statehood and the Law of Self-Determination*, Kluwer, Law International, Alphen-sur-le-Rhin, 2012, p. 218 u 219; Oeter, S., "Self-Determination" ippubblikat f'Simma, B., Khan, D.-E., Nolte, G. u Paulus, A. (edituri), *The Charter of the United Nations: A Commentary*, it-3 ed., Oxford University Press, Oxford, 2012, vol. I, p. 313 sa 333, p. 316.

89 Ara n-noti tal-QIĠ, Saħara tal-Punent, vol. I, p. 207, punt 344.

90 Ara n-nota tal-QIĠ, Saħara tal-Punent, vol. V, p. 179. Ir-Renju tal-Marokk insista dwar l-integrità tat-territorju tiegħu sabiex jibbaża t-talba tiegħu għat-territorju tas-Saħara tal-Punent iżda l-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja ċaħdet dan l-argument, filwaqt li kkunsidrat li l-poplu tas-Saħara tal-Punent kellu b'mod sħiħ id-dritt għall-awtodeterminazzjoni.

91 Il-ġurisprudenza tal-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja ċċitata fil-punt 1277 ta' dawn il-konklużjonijiet tirreferi wkoll għall-obbligu tal-Istati li jiżguraw li jintemmu l-ostakoli għall-eżerċizzju tad-dritt ta' poplu għall-awtodeterminazzjoni. Ma huwiex meħtieġ li nirreferi għalih hawnhekk.

92 Ara r-Riżoluzzjoni 1803 (XVII) tal-Assemblea Ġenerali tal-ONU.

93 Ara Attivitajiet armati fit-territorju tal-Kongo (Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo vs L-Uganda), sentenza,(QIĠ Ġabra 2005, p. 168, punt 244).

94 S/2002/161, punt 14.

132. Fil-fatt, il-parir legali tiegħu juri din id-diffikultà peress li juża termini differenti sabiex jikkaratterizza dik li hija esplojtazzjoni ta' riżorsi naturali għall-benefiċċju tal-poplu tat-territorju mhux awtonomu. Fil-fatt, jitkellem dwar esplojtazzjoni li ma ssirx "irrispettivament mill-bżonnijiet u l-interessi tal-popolazzjoni [tat-territorju mhux awtonomu], mingħajr ma tibbenefika minnha" [95] jew dwar esplojtazzjoni "għall-benefiċċju tal-popli [tat-territorji mhux awtonomi], f'isimhom, jew b'konsultazzjoni mar-rappreżentanti tagħhom" [96] u jikkonkludi li ma tistax issir esplojtazzjoni "irrispettivament mill-interessi u mill-volontà tal-poplu [tat-territorju mhux awtonomu]" [97].

133. Fid-dawl ta' dan, minkejja l-varjetà tat-terminoloġija, huwa ċert li tal-inqas, l-esplojtazzjoni tar-riżorsi naturali għandha ssir għall-benefiċċju tat-territorju mhux awtonomu, li huwa biżżejjed sabiex jagħti lil dan il-kriterju tal-prinċipju ta' sovranità permanenti fuq ir-riżorsi naturali natura ċara u preċiża biżżejjed.

134. Huwa wkoll utli sabiex ikun il-bażi għal stħarriġ ġudizzjarju tal-atti kkontestati. Fil-fatt, il-Parlament kien oriġinarjament waqqaf l-adozzjoni tal-protokoll li finalment ġie konkluż fl-2013 billi kkunsidra li ma kellux biżżejjed assigurazzjoni li tiżgura li l-esplojtazzjoni tas-sajd tar-riżorsi naturali tas-Saħara tal-Punent mill-vapuri tal-Unjoni ser issir għall-benefiċċju tal-poplu ta' dan it-territorju. Barra minn hekk, il-Kunsill u l-Kummissjoni jammettu li l-kriterju tal-benefiċċju għall-poplu tas-Saħara tal-Punent huwa kundizzjoni ta' legalità ta' ftehim konklużi bejn l-Unjoni u r-Renju tal-Marokk li jirrigwardaw dan it-territorju.

*3) Ir-regoli tad-dritt internazzjonali umanitarji applikabbli għall-konklużjoni tal-ftehim internazzjonali li jirrigwardaw l-esplojtazzjoni tar-riżorsi naturali tat-territorju okkupat*

135. Skont il-qorti tar-rinviju, id-WSC u l-amministrazzjoni fiskali u doganali u l-Ministru għall-Ambjent, l-Ikel u l-Affarijiet Rurali, il-preżenza tar-Renju tal-Marokk fis-Saħara tal-Punent hija okkupazzjoni [98].

136. F'dan ir-rigward, nirrileva li l-kwistjoni dwar jekk ir-Renju tal-Marokk huwiex jew le l-awtorità li tokkupa s-Saħara tal-Punent u jekk ikkonkludiex il-Ftehim dwar is-sajd u l-Protokoll tal-2013 f'din il-kwalità hija kwistjoni ta' interpretazzjoni tad-dritt internazzjonali li għalih il-kundizzjonijiet tal-invokabbiltà tiegħu fid-dritt tal-Unjoni ma japplikawx.

137. Madankollu, jekk ir-Renju tal-Marokk huwa awtorità li tokkupa s-Saħara tal-Punent (kwistjoni li nirritorna għaliha iktar tard [99]), ir-regoli tad-dritt internazzjonali umanitarju, ikkodifikat fir-regolament anness mal-Konvenzjoni ta' Den Haag tat-18 ta' Ottubru 1907 dwar il-liġijiet u l-konswetudnijiet tal-gwerra fuq l-art (iktar 'il quddiem ir-"Regolament ta' Den Haag tal-1907") u l-Konvenzjoni ta' Genève, tat-12 ta' Awwissu 1949, dwar il-protezzjoni ta' persuni ċivili fi żmien ta' gwerra (iktar 'il quddiem il-"Konvenzjoni IV ta' Genève") li jirrigwardaw il-konklużjoni tal-ftehim internazzjonali applikabbli għat-territorju okkupat (Artikolu 43 tar-Regolament ta' Den Haag tal-1907 u t-tieni paragrafu tal-Artikolu 64 tal-Konvenzjoni IV ta' Genève) u l-esplojtazzjoni tar-riżorsi naturali ta' dan it-territorju (Artikolu 55 tar-Regolament ta' Den Haag tal-1907) għandhom ikunu invokati.

138. Fil-fatt, dawn id-dispożizzjonijiet jissodisfaw għalhekk il-kriterji ta' invokabbiltà tad-dritt internazzjonali msemmija fil-punt 96 ta' dawn il-konklużjonijiet.

95 S/2002/161, punt 14

96 S/2002/161, punt 24.

97 S/2002/161, punt 25.

98 Ara l-punti 27, 44.1 u 47.4 tat-talba għal deċiżjoni preliminari kif ukoll il-punti 40, 43, 48 u 49 tas-sentenza tad-19 ta' Ottubru 2015 fil-Kawża *Western Sahara Campaign UK, R (on the application of) v HM Revenue and Customs* [2015] EWHC 2898 (Admin).

99 Ara l-punti 234 sa 255 ta' dawn il-konklużjonijiet.

139. Fl-ewwel lok, id-dispożizzjonijiet tar-Regolament ta’ Den Haag tal-1907 u tal-Konvenzjoni IV ta’ Genève jikkostitwixxu prinċipji intransiġġibbli u li jistgħu jiġu kkontestati *erga omnes* tad-dritt internazzjonali konswetudinarju [100] u bħala tali jorbtu lill-Unjoni.

140. Fit-tieni lok, il-kontenut tagħhom huwa mingħajr kundizzjoni u preċiż biżżejjed inkwantu l-obbligi li jimponi fuq l-awtoritajiet okkupanti ma humiex suġġetti, fl-eżekuzzjoni jew fl-effetti tagħhom, għall-intervent ta’ xi att ieħor.

141. Fit-tielet u l-aħħar lok, in-natura u l-istruttura tagħhom bħala regoli intransiġġibbli ma jipprekludux stħarriġ ġudizzjarju tal-atti kkontestati, u b’mod partikolari tar-Regolament Nru 764/2006, tad-Deċiżjoni°2013/785 u tar-Regolament Nru 1270/2013, inkwantu japprovaw u jimplementaw esplojtazzjoni tar-riżorsi naturali tas-Saħara tal-Punent maqbula bejn l-Unjoni u r-Renju tal-Marokk. Issa, l-Unjoni għandha l-obbligu li ma tirrikonoxxix is-sitwazzjoni illegali li tirriżulta minn ksur ta’ dawn id-dispożizzjonijiet u li ma tagħtix għajnuna jew assistenza insostenn tas-sitwazzjoni maħluqa minn dan il-ksur [101].

142. Wara li stabbilixxejt ir-regoli tad-dritt internazzjonali invokabbli, issa ser ngħaddi sabiex neżamina l-kompatibbiltà tal-atti kkontestati ma’ dawn ir-regoli.

### *3. Fuq il-validità tar-Regolament Nru 764/2006, tad-Deċiżjoni 2013/785 u tar-Regolament Nru 1270/2013 kif ukoll dwar il-kompatibbiltà tal-Ftehim dwar is-sajd u tal-Protokoll tal-2013 mar-regoli invokabbli tad-dritt internazzjonali li għalihom jirreferi l-Artikolu 3(5) TUE*

#### *a) Fuq ir-rispett, mill-atti kkontestati, tad-dritt tal-poplu tas-Saħara tal-Punent għall-awtodeterminazzjoni kif ukoll l-obbligu li ma tiġix irrikonoxxuta sitwazzjoni illegali li tirriżulta mill-ksur ta’ dan id-dritt u li ma tingħatax għajnuna jew assistenza għaż-żamma ta’ din is-sitwazzjoni*

143. Bis-sentenza tagħha tal-21 ta’ Diċembru 2016, Il-Kunsill vs Front Polisario (C-104/16 P, EU:C:2016:973), il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Ftehim ta’ Assoċjazzjoni konkluż bejn l-Unjoni u r-Renju tal-Marokk li, skont it-termini tiegħu japplika għat-“territorju tar-Renju tal-Marokk”, ma huwiex applikabbli għat-territorju tas-Saħara tal-Punent peress li tali applikazzjoni hija inkompatibbli mad-dritt tal-poplu ta’ dan it-territorju għall-awtodeterminazzjoni kif ukoll mal-Artikoli 29 (applikazzjoni territorjali tat-trattati) u 34 (prinċipju tal-effett relattiv tat-trattati li t-trattati ma għandhom la jippreġudikaw u lanqas jibbenefikaw lil suġġetti terzi mingħajr il-kunsens tagħhom) tal-Konvenzjoni ta’ Vjenna dwar il-liġi tat-trattati [102].

144. Skont il-Kunsill u l-Kummissjoni, din il-kawża għandha tiġi distinta minn dik li wasslet għas-sentenza tal-21 ta’ Diċembru 2016, Il-Kunsill vs Front Polisario (C-104/16 P, EU:C:2016:973), peress li, kuntrarjament għall-Ftehim ta’ Assoċjazzjoni, il-Ftehim dwar is-Sajd u l-Protokoll tal-2013 huma applikabbli għas-Saħara tal-Punent. Fil-fatt, skont il-qari tagħhom ta’ din is-sentenza, il-problema tal-Ftehim ta’ Assoċjazzjoni kienet li dan kien applikabbli għas-Saħara tal-Punent mingħajr ma kien applikabbli legalment, minħabba l-fatt li tali applikazzjoni tkun inkompatibbli mad-dritt tal-poplu ta’ dan it-territorju għall-awtodeterminazzjoni kif ukoll mal-Artikoli 29 (implementazzjoni territorjali tat-Trattati) u 34 (prinċipju tal-effett relattiv tat-trattati li t-trattati ma għandhom la jippreġudikaw u lanqas jibbenefikaw lil suġġetti terzi mingħajr il-kunsens tagħhom) tal-Konvenzjoni ta’ Vjenna fuq il-liġi tat-trattati. Huwa fuq il-bażi ta’ dawn l-argumenti li s-soluzzjoni

100 Ara l-punt 2388 ta’ dawn il-konklużjonijiet.

101 Ara l-punt 1277 ta’ dawn il-konklużjonijiet.

102 Ara l-punti 87, 92, 93, 97, 106 sa 108, 114, 116, 123 u 125.

prevista mill-Kummissjoni u mill-Kunsill biex jiġi implementat il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni fis-Saħara tal-Punent f'konformità mas-sentenza tal-21 ta' Diċembru 2016, Il-Kunsill vs Front Polisario (C-104/16 P, EU:C:2016:973) hija li testendi l-kamp ta' applikazzjoni tiegħu bi ftehim permezz ta' skambju ta' ittri bejn l-Unjoni u r-Renju tal-Marokk biex espressament ikopri s-Saħara tal-Punent.

145. Jiena m'iniex persważ minn dan l-argument. Jekk l-applikazzjoni fis-Saħara tal-Punent ta' ftehim internazzjonali konkluż mar-Renju tal-Marokk li l-kamp ta' applikazzjoni territorjali tiegħu ma jinkludix espressament dan it-territorju kien inkompatibbli mad-dritt tal-poplu ta' dan it-territorju għall-awtodeterminazzjoni, ftehim internazzjonali li, bħall-Ftehim dwar is-Sajd u l-Protokoll tal-2013, huwa applikabbli għat-territorju tas-Saħara tal-Punent u l-ibħra li jmissu magħha [103] u jawtorizza esplojtazzjoni mill-Unjoni [104] tar-riżorsi tas-sajd tas-Saħara tal-Punent l-istess ikun *a fortiori*.

146. Dan l-argument *a fortiori* ma huwiex biżżejjed biex jiġi kkonstatat ksur tad-dritt tal-poplu tas-Saħara tal-Punent għall-awtodeterminazzjoni. Fl-interess tal-kompletezza, nixtieq inżid li l-atti kkontestati ma jirrispettawx id-dritt tal-poplu tas-Saħara tal-Punent għall-awtodeterminazzjoni peress li huma la jikkorrispondu ma' twettiq *liberu* tal-iżvilupp ekonomiku tiegħu u lanqas ma' dispożizzjoni *libera* tal-ġid u tar-riżorsi naturali tiegħu [105] u li fi kwalunkwe każ, anki jekk huma stess ma kinux qed jiksru d-dritt għall-awtodeterminazzjoni, huma ma kinux qed jirrispettaw l-obbligu tal-Unjoni li ma jirrikonoxxux sitwazzjoni illegali li tirriżulta mill-ksur tad-dritt tal-poplu tas-Saħara tal-Punent għall-awtodeterminazzjoni u li ma tingħatax għajnuna jew assistenza għall-kontinwazzjoni ta' din is-sitwazzjoni [106].

*1) Dwar l-eżistenza ta' volontà libera tal-poplu tas-Saħara tal-Punent li jsegwi permezz tal-atti kkontestati l-iżvilupp ekonomiku tiegħu u jiddisponi mir-rikkezzi u mir-riżorsi naturali tiegħu*

147. L-ineżistenza ta' tali volontà fl-opinjoni tiegħi tidher mill-fatti sussegwenti [107], li l-mertu tagħhom tressaq quddiem il-qorti tar-rinviju mid-WSC u tfakkar minn din tal-aħħar [108].

148. Fl-20 ta' Diċembru 1966, l-Assemblea Ġenerali tal-ONU adottat ir-Riżoluzzjoni 2229 (XXI) fuq il-kwistjoni tal-Ifni u tas-Saħara Spanjola, li fiha "[reġa' ġie sostnut] id-dritt inaljenabbli [tal-poplu] [...] tas-Saħara Spanjol għall-awtodeterminazzjoni" u talbet lir-Renju ta' Spanja, fil-kapaċità tiegħu bħala poter amministrattiv, sabiex kemm jista' jkun malajr, jistabbilixxi "l-modalitajiet tal-organizzazzjoni ta' referendum li għandu jinżamm taħt l-awspiċi tal-[ONU] sabiex il-popolazzjoni awtoktona tat-territorju tkun tista' teżerċita liberament id-dritt tagħha għall-awtodeterminazzjoni".

149. Fl-20 ta' Awwissu 1974, ir-Renju ta' Spanja informa lill-ONU li kien qed jipproponi li jorganizza, taħt l-awspiċi ta' din tal-aħħar, referendum fis-Saħara tal-Punent [109].

103 Ara l-punti 60 sa 74 ta' dawn il-konklużjonijiet.

104 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-9 ta' Ottubru 2014, Ahlström *et* (C-565/13, EU:C:2014:2273, punt 33).

105 Ara l-Artikolu 1 komuni għal PIDESC u għal PIDCP, punt 2 tar-Riżoluzzjoni 1514 (XV) tal-Assemblea Ġenerali tal-ONU u tat-Titolu VIII tal-Att Finali ta' Helsinki tal-1975.

106 Ara Konsegwenzi legali tal-bini ta' ħajt fit-territorju Palestinjan okkupat, Opinjoni konsultattiva (QIĠ, Ġabra 2004, p. 136, punt 159).

107 Għal espożizzjoni sħiħa ta' fatti, ara r-"Rapport tal-Kumitat Speċjali inkarigat biex jistudja s-sitwazzjoni f'dak li jikkonċerna l-applikazzjoni tad-dikjarazzjoni dwar l-għoti tal-indipendenza għall-pajjiżi u għall-popli kolonjali" (A/31/23/Rev.1), *Dokumenti Uffiċjali tal-Assemblea Ġenerali*, 1977, vol. II, p. 203 sa 225; "Rapport tal-Kumitat Speċjali inkarigat biex jistudja s-sitwazzjoni f'dak li jikkonċerna l-applikazzjoni tad-dikjarazzjoni fuq l-għoti tal-indipendenza għall-pajjiżi u għall-popli kolonjali" (A/31/23/Rev.1), *Dokumenti Uffiċjali tal-Assemblea Ġenerali*, 1980, vol. II, p. 105 sa 117.

108 Ara l-punti 12 sa 18 tas-sentenza tad-19 ta' Ottubru 2015 fil-Kawża *Western Sahara Campaign UK, R (on the application of) v HM Revenue and Customs* [2015] EWHC 2898 (Admin).

109 L-idea ta' referendum ma ntlaqgħetx b'entużjażmu mir-Renju tal-Marokk. Waqt diskussjoni privata ma' M. Kissinger, Segretarju tal-Istat tal-Istati Uniti, ir-Re tal-Marokk, Hassan II, iddikjaralu dan li ġej: "Jiena għidt [lill-Ministru Spanjol għall-Affarijiet Barranin] li jien naqbel li Spanja tibqa' iżda ma naqbilx li s-Saħara tal-Punent issir indipendenti. Nippreferi l-preżenza ta' Spanja mill-awtodeterminazzjoni ta' 30 000 persuna". M. Kissinger wieġeb: "[Il-President Alġerin] il-bieraħ staqsieni x'naħseb fuq dan kollu u jiena għidt: awtodeterminazzjoni għal 30-40 000 persuna li lanqas biss jafu fejn joqogħdu?" Ara l-minuti tal-konverżazzjoni (Rabat, 15 ta' Ottubru 1974, 13h15) ippubblikati f'Burton, M.F., *Foreign Relations of the United States, 1969-1976*, United States Government Printing Office, Washington, 2014, vol. E-9, parti 1 (Dokumenti dwar l-Afrika ta' Fuq, 1973–1976), p. 258 sa 261, speċjalment p. 258.

150. F'Mejju 1975, minkejja d-diffikultajiet affaċċjati, il-missjoni tal-ONU fis-Saħara tal-Punent "kienet f'pożizzjoni li tikkonkludi, wara ż-żjara tagħha f'dan it-territorju, li l-maġġoranza tal-popolazzjoni tas-Saħara Spanjola kienet b'mod ċar favur l-indipendenza" [110].

151. Fis-16 ta' Ottubru 1975, il-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja, fuq talba mressqa mill-Assemblea Ġenerali tan-NU fil-kuntest tax-xogħlijiet dwar id-dekolonizzazzjoni tas-Saħara tal-Punent, tat Opinjoni konsultattiva, li tipprovdi li, minn naħa waħda, is-Saħara tal-Punent ma kinitx territorju mingħajr sid (*terra nullius*) fil-mument tal-kolonizzazzjoni mir-Renju ta' Spanja, u min-naħa l-oħra, anki jekk ċerti elementi kienu juru l-eżistenza, fil-mument tal-kolonizzazzjoni Spanjola, rabtiet ġuridiċi bejn is-sultan tal-Marokk u xi tribujiet li jgħixu fit-territorju tas-Saħara tal-Punent, huma ma stabbilixxew l-eżistenza tal-ebda rabta ta' sovranità territorjali bejn it-territorju tas-Saħara tal-Punent u r-Renju tal-Marokk [111]. Il-Qorti tal-Ġustizzja, għalhekk, ma kkonstatatx l-eżistenza ta' rabtiet ġuridiċi li jibdlu l-applikazzjoni tar-Riżoluzzjoni 1514 (XV) tal-Assemblea Ġenerali tal-ONU fir-rigward tad-dekolonizzazzjoni tas-Saħara tal-Punent u b'mod partikolari tal-applikazzjoni tal-prinċipju ta' awtodeterminazzjoni permezz tal-espressjoni libera u awtentika tar-rieda tal-popolazzjonijiet tat-territorju [112].

152. F'diskors mogħti fil-ġurnata tal-pubblikazzjoni tal-imsemmija Opinjoni konsultattiva, ir-Re tal-Marokk ikkunsidra li "d-dinja kollha [kienet] irrikonoxxiet li s-Saħara [tal-Punent] kienet fil-pussess" tar-Renju tal-Marokk u li "kien l-obbligu tiegħu li jirkupra b'mod paċifiku dan it-territorju", filwaqt li appella, għal dan il-għan, għall-organizzazzjoni ta' mixja li ġabret 350000 ruħ, imsejħa l-"mixja l-ħadra" [113].

153. Adit mir-Renju ta' Spanja, il-Kunsill tas-Sigurtà tal-ONU talab lis-Segretarju Ġenerali tal-ONU, K. Waldheim, biex iħejji rapport dwar ir-riżultati tal-konsultazzjonijiet tiegħu mal-partijiet ikkonċernati, speċjalment ir-Renju tal-Marokk [114].

154. L-argument ta' dan tal-aħħar, deskritt f'dan ir-rapport, kien li referendum ma kienx neċessarju għaliex il-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja rrikonoxxiet ir-rabtiet storiċi bejn is-Sultan tal-Marokk u t-tribujiet li jgħixu b'mod tradizzjonali fit-territorju tas-Saħara tal-Punent u li, fi kwalunkwe każ, "il-popolazzjonijiet tat-territorju fil-fatt kienu diġà eżerċitaw id-dritt tagħhom għall-awtodeterminazzjoni u ddikjaraw ruħhom bħala favur ir-ritorn tat-territorju mal-Marokk", bil-prova l-iktar reċenti tkun "il-ġurament ta' lealtà lejn ir-Re tal-Marokk meħud f'isem it-tribujiet tas-Saħara minn [M.Khatri Ould Said a Ould El Jomaini], President tad-Djemââde[[115]]" waqt ċerimonja li seħħet fl-4 ta' Novembru 1975 fil-palazz ta' Agadir [116].

110 Ara r-rapport tal-10 ta' Ottubru 1975 tal-Missjoni tan-Nazzjonijiet Uniti fis-Saħara Spanjola ppubblikat fir-"Rapport tal-Kumitat Speċjali inkarigat biex jistudja s-sitwazzjoni f'dak li jikkonċerna l-applikazzjoni tad-dikjarazzjoni fuq l-għoti tal-indipendenza għall-pajjiżi u għall-popli kolonjali" (A/10023/Rev.1), *Dokumenti Uffiċjali tal-Assemblea Ġenerali*, 1977, vol. III, p. 12 sa 133, punt 229.

111 Ara Saħara tal-Punent, Opinjoni konsultattiva (QIĠ Ġabra 1975, p. 12, punt 162).

112 Ara Saħara tal-Punent, Opinjoni konsultattiva (QIĠ Ġabra 1975, p. 12, punt 162).

113 Ara l-punt 30 tas-sentenza tal-21 ta' Diċembru 2016, Il-Kunsill vs Front Polisario (C-104/16 P, EU:C:2016:973).

114 Ara r-Riżoluzzjoni 379 (1975) tat-2 ta' Novembru 1975 tal-Kunsill tas-Sigurtà tal-ONU.

115 Stabbilita fl-1967 mill-amministrazzjoni Spanjola, id-Djemââ kienet organu konsultattiv magħmul minn 103 membri fosthom is-sindki ta' bliet kbar, 40 kap ta' tribujiet (cheikhs), 40 rappreżentant ta' gruppi ta' familja u 16–il rappreżentant ta' gruppi professjonali. Ara r-rapport tal-10 ta' Ottubru 1975 tal-Missjoni tan-Nazzjonijiet Uniti għas-Saħara Spanjola ppubblikat fir-"Rapport tal-Kumitat Speċjali inkarigat biex jistudja s-sitwazzjoni f'dak li jikkonċerna l-applikazzjoni tad-dikjarazzjoni fuq l-għoti tal-indipendenza għall-pajjiżi u għall-popli kolonjali" (A/10023/Rev.1), *Dokumenti Uffiċjali tal-Assemblea Ġenerali*, 1977, vol. III, p. 12 sa 133, punti 126 sa 142.

116 Ara r-rapport tat-8 ta' Novembru 1975 imħejji mis-Segretarju Ġenerali skont ir-Riżoluzzjoni 379 (1975) dwar is-sitwazzjoni tas-Saħara tal-Punent (S/11874), punt 17. Ara wkoll, il-minuti tal-1854 laqgħa tal-Kunsill tas-Sigurtà li saret fis-6 ta' Novembru 1975 (S/PV.1854), punti 47 u 48.

155. Wara l-protesti tar-Renju ta' Spanja kontra l-mixja l-ħadra, il-Kunsill tas-Sigurtà tal-ONU adotta, fis-6 ta' Novembru 1975, ir-Riżoluzzjoni 380 (1975) dwar is-Saħara tal-Punent, li fiha "[ddeplora] l-mixja" mħabbra u "[talab] lir-[Renju tal-]Marokk jirtira immedjatament mit-territorju tas-Saħara tal-Punent il-parteċipanti kollha għal [din] il-mixja". Ir-Renju tal-Marokk laqa' din it-talba xi jiem wara.

156. Waqt il-kriżi kkawżata mill-mixja l-ħadra, ir-Renju ta' Spanja, ir-Renju tal-Marokk u r-Repubblika Iżlamika tal-Mawritanja daħlu f'negozjati trilaterali li rriżultaw, fl-14 ta' Novembru 1975, fid-Dikjarazzjoni tal-prinċipji ta' Spanja, tal-Marokk u tal-Mawritanja dwar is-Saħara tal-Punent[117] (iktar 'il quddiem il-"Ftehim ta' Madrid"). Skont dan il-Ftehim, "Spanja se tipproċedi immedjatament biex tistabbilixxi amministrazzjoni temporanja fit-territorju [tas-Saħara tal-Punent], li fiha jipparteċipaw il-Marokk u l-Mawritanja b'kollaborazzjoni mad-Djemââ, u li lilha jingħataw ir-responsabbiltajiet u l-poteri [li hi kellha f'dan it-territorju bħala awtorità amministrattiva]", u dan sar.

157. Il-Ftehim imsemmi kien jipprevedi wkoll li "l-preżenza Spanjola ser tintemm b'mod definittiv qabel it-28 ta' Frar 1976" u li "[l-]opinjoni tal-popolazzjoni Saħarjana, espressa permezz tad-Djemââ, ser tkun irrispettata".

158. Konsegwentement, irriżulta li l-imsemmi ftehim kien akkumpanjat minn numru ta' ftehim bejn dawn it-tliet pajjiżi, formalment imsejħa "atti ta' konverżazzjoni", intiżi sabiex jirregolaw ċerti aspetti ekonomiċi tat-trasferiment tal-amministrazzjoni tas-Saħara tal-Punent, fosthom b'mod partikolari d-drittijiet tas-sajd fl-ibħra li jmissu ma' dan it-territorju[118]. L-eżistenza ta' dawn il-ftehim kif ukoll il-fatt li huma għandhom bħala għan is-sajd ġew ikkonfermati mill-Ministru għall-Affarijiet Barranin tar-Renju ta' Spanja, M. Oreja Aguirre, waqt id-dibattitu parlamentari dwar ir-ratifika tal-Ftehim dwar is-Sajd bejn ir-Renju ta' Spanja u r-Renju tal-Marokk tal-1977[119]. Fl-opinjoni tiegħu, dan kien jikkonċerna "linji gwida [jew] direttivi"[120].

159. L-eżistenza ta' ftehim dwar id-drittijiet tas-sajd fl-ibħra li jmissu mas-Saħara tal-Punent kif ukoll il-fatt li l-eżistenza tiegħu ma ġietx ikkomunikata lis-Segretarju Ġenerali tal-ONU huma kkonfermati wkoll mill-messaġġi diplomatiċi tal-Ministeru għall-Affarijiet Barranin tal-Istati Uniti tal-Amerika[121].

160. Fit-28 ta' Novembru 1975, 67 membru tad-Djemââ, fosthom il-Viċi-President tagħha, miġbura f'El Guelta Zemmur (Saħara tal-Punent) iddikjaraw b'unanimità li d-Djemââ, peress li ma kinitx eletta demokratikament mill-poplu tas-Saħara tal-Punent, ma tistax tiddeċiedi dwar l-awtodeterminazzjoni tagħha. Huma ddeċidew b'mod unanimu li għandha tiġi xolta b'mod definittiv[122].

117 Ġabra tat-trattati tan-Nazzjonijiet Uniti, vol. 988, p. 259.

118 Skont dawn il-ftehim, id-delegazzjonijiet ta' Spanja, tal-Marokk u tal-Mawritanja qablu dwar ir-rikonoxximent tad-drittijiet tas-sajd fl-ibħra li jmissu mas-Saħara tal-Punent għall-benefiċċju ta' 800 dgħajsa Spanjola għal perijodu ta' 20 sena skont l-istess kundizzjonijiet bħal dawk li kienu jeżistu fl-14 ta' Novembru 1975. Ara Cortes, Diario de sesiones del Congreso de los diputados, 1978, Nru 15, p. 498 (diskorsi ta' M. Manuel Marín González, deputat tal-Partido Socialista Obrero Español, u wara l-Viċi-President u tal-Aġent President tal-Kummissjoni Ewropea). Ara wkoll, f'dan is-sens, Dessaints, J., "Politika Kronika tal-Marokk", *Rapport annwali tal-Afrika ta' Fuq*, 1975, vol. 14, p. 457 sa 476, speċjalment p. 463; Alemany Torres, F., "Acuerdo de pesca con Marruecos", *El País*, 8 ta' Frar 1978.

119 Ara Cortes, Diario de sesiones del Congreso de los diputados, 1978, Nru 15, p. 522 u 546.

120 Ara Cortes, Diario de sesiones del Congreso de los diputados, 1978, Nru 15, p. 546.

121 Ara l-messaġġ 1975MADRID08029 tal-15 ta' Novembru 1975 tal-Ambaxxatur W. Stabler lill-Ministru H. Kissinger ("[il-Ministru M. Esteban] Herrera qal ukoll li 'ġew redatti ftehim qafas' mal-Marokk u mal-Mawritanja dwar suġġetti oħra rilevanti: […] u d-drittijiet tas-sajd"); messaġġ 1975STATE276309 tal-21 ta' Novembru 1975 tal-Ministru M. Henry Kissinger lill-Missjoni permanenti tal-Istati Uniti tal-Amerika fil-ONU ("[skont l-Ambaxxatur Marokkin M. Abdelhadi Boutaleb] kopja tal-ftehim se tkun ippreżentata mill-firmatarji lis-Segretarju Ġenerali [tal-ONU] K. Waldheim iżda l-verżjoni ppreżentata ma tinkludix il-ftehim sussidjarji li jagħtu lil Spanja d-drittijiet tas-sajd fl-ilmijiet tas-Saħara tal-Punent u 35 % tal-ishma Spanjoli fil-minjieri tal-fosfat"). Il-messaġġi diplomatiċi huma disponibbli fuq is-sit tal-internet https://wikileaks.org/.

122 Ara "Dokument Storiku ta' El Guelta (Saħara tal-Punent) iffirmat fit-28 ta' Novembru 1975 minn 67 membru tal-Assemblea Ġenerali tas-Saħara, 3 membri Saħarjani tal-Cortes (il-Parlament Spanjol), ir-rappreżentanti tal-membri l-oħra tad-Djemaa u b'iktar minn 60 Chioukhs u kapijiet tat-tribujiet Saħarjani", anness mal-ittra datata d-9 ta' Diċembru 1975, indirizzata lis-Segretarju Ġenerali tal-ONU mir-Rappreżentant Permanenti tal-Alġerija fi ħdan l-ONU (S/11902).

161. Fl-10 ta' Diċembru 1975, l-Assemblea Ġenerali tal-ONU vvotat għal żewġ Riżoluzzjonijiet fuq il-kwistjoni tas-Saħara tal-Punent li l-kontenut tagħhom ma huwiex identiku [123], għaliex ma kienx hemm konsensus dwar il-konsegwenzi dedotti mill-Ftehim ta' Madrid. F'dan is-sens, ir-Riżoluzzjoni 3458 A (XXX) ma tagħmel l-ebda riferiment għal dan il-ftehim u tirreferi għar-Renju ta' Spanja "bħala awtorità amministrattiva" tas-Saħara tal-Punent [124], filwaqt li r-Riżoluzzjoni 3458 B (XXX) "tieħu nota" [125] ta' dan il-ftehim u ma tirreferix għal awtorità amministrattiva iżda għall-"Partijiet Kontraenti għall-Ftehim ta' Madrid tal-14 ta' Novembru 1975" [126] u għall-"amministrazzjoni interim" [127].

162. Madankollu, għandu jiġi nnotat li fost l-144 Stat parteċipanti fis-sessjoni plenarja Nru 2435 tal-Assemblea Ġenerali, 88 ivvotaw favur ir-Riżoluzzjoni 3458 A (XXX), ħadd ma vvota kontra, 41 astjenew u 15 ma vvotawx. L-Istati Membri preżenti tal-Unjoni vvotaw għal din ir-Riżoluzzjoni, ħlief ir-Repubblika Portugiża u r-Renju ta' Spanja li astjenew kif ukoll ir-Repubblika ta' Malta li ma vvotatx. Ir-Renju tal-Marokk ukoll ma vvotax.

163. Ikkontestata iktar, ir-Riżoluzzjoni 3458 B (XXX) ġiet approvata biss minn 56 Stat, filwaqt li 42 Stat ivvotaw kontra, 34 astjenew u 12 ma vvotawx. Kienu biss 11-il Stat Membru preżenti tal-Unjoni li vvotaw għal din ir-Riżoluzzjoni [128], 10 ivvotaw kontra [129], 6 astjenew [130] u wieħed ma vvotax [131]. Ir-Renju tal-Marokk ivvota favur.

164. Minkejja d-differenzi ta' bejniethom, iż-żewġ Riżoluzzjonijiet "sostnew mill-ġdid id-dritt inaljenabbli tal-poplu tas-Saħara [tal-Punent] għall-awtodeterminazzjoni" [132] b'mod konformi mar-Riżoluzzjoni 1514 (XV) tal-Assemblea Ġenerali tal-ONU u jaqblu dwar il-fatt li dan id-dritt għandu jiġi eżerċitat b'mod ħieles [133].

165. Barra minn hekk, ir-Riżoluzzjoni 3458 A (XXX) tipprevedi li d-dritt għall-awtodeterminazzjoni għandu jkun eżerċitat "taħt is-superviżjoni tal-[ONU]" u "titlob lis-Segretarju Ġenerali, b'konsultazzjoni mal-Gvern Spanjol, bħala awtorità amministrattiva, [...] li jieħu l-passi meħtieġa għas-superviżjoni tal-att ta' awtodeterminazzjoni" [134].

166. Fl-istess spirtu, ir-Riżoluzzjoni 3458 B (XXX) tipprevedi l-eżerċizzju mill-poplu tas-Saħara tal-Punent tad-dritt tiegħu għall-awtodeterminazzjoni "permezz ta' konsultazzjoni ħielsa organizzata flimkien ma' rappreżentant tal-[ONU] nnominat mis-Segretarju Ġenerali" [135].

123 Ara r-Riżoluzzjonijiet 3458 A u B (XXX) tal-10 ta' Diċembru 1975.

124 Ara l-paragrafu 8 ta' din ir-riżoluzzjoni.

125 Ara l-paragrafu 1 ta' din ir-riżoluzzjoni.

126 Ara l-paragrafu 3 ta' din ir-riżoluzzjoni.

127 Ara l-paragrafu 4 ta' din ir-riżoluzzjoni.

128 Id-disa' Stati Membri ta' dak iż-żmien kif ukoll ir-Renju ta' Spanja u r-Repubblika ta' Malta.

129 Ir-Repubblika tal-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Polonja, u r-Repubblika Slovakka li dak iż-żmien kienet parti miċ-Ċekoslovakkja, kif ukoll ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika tal-Kroazja (bħala Stati Federali tal-Jugoslavja) u l-Estonja, ir-Repubblika tal-Latvja u r-Repubblika tal-Litwanja (bħala Stati Federali tal-URSS).

130 Ir-Repubblika Ellenika, l-Ungerija, ir-Repubblika tal-Awstrija, ir-Repubblika Portugiża, il-Finlandja u r-Renju tal-Isvezja.

131 Ir-Rumanija.

132 Paragrafu 1 tar-Riżoluzzjoni 3458 A (XXX). Ara wkoll, f'dan is-sens, il-paragrafu 2 tar-Riżoluzzjoni 3458 B (XXX).

133 Ara l-paragrafu 7 tar-Riżoluzzjoni 3458 A (XXX) u l-paragrafu 4 tar-Riżoluzzjoni 3458 B (XXX).

134 Ara l-paragrafi 7 u 8 ta' din ir-riżoluzzjoni.

135 Ara l-paragrafu 4 ta' din ir-riżoluzzjoni.

167. Mill-aħħar tal-1975, ir-Renju ta' Spanja beda l-irtirar tal-amministrazzjoni tiegħu fis-Saħara tal-Punent. Filwaqt li t-truppi Spanjoli rtiraw, il-forzi Marokkini u Mawritanji daħlu fit-territorju tas-Saħara tal-Punent. F'xi postijiet, kien hemm konfrontazzjoni bl-armi bejn il-forzi tagħhom u dawk tal-Front popolari għal-liberazzjoni tas-saguia-el-hamra u tar-rio de oro (Front Polisario)[136].

168. Waqt konferenza stampa fi Frar 1976, Olof Rydbeck, Ambaxxatur Svediż fi ħdan l-ONU u mibgħut speċjali tas-Segretarju Ġenerali tal-ONU għas-Saħara tal-Punent, iddikjara li "kif [kienet], is-sitwazzjoni militari [fis-Saħara tal-Punent] konsultazzjoni utli mas-Saħarjani kienet diffiċli ħafna, saħansitra impossibbli"[137].

169. Permezz tal-memorandum tiegħu tal-25 ta' Frar 1976 indirizzat lis-Segretarju Ġenerali tal-ONU, ir-Renju ta' Spanja nformah li ddeċieda li jtemm b'mod permanenti l-preżenza tiegħu fis-Saħara tal-Punent il-jum ta' wara (26 ta' Frar 1976) u li ssejħet seduta tad-Djemâa għal dan il-jum li matulha l-Gvernatur Spanjol, fil-kwalità tiegħu ta' membru tal-amministrazzjoni provviżorja, kien ser jinformaha b'din id-deċiżjoni[138].

170. Fis-26 ta' Frar 1976, ir-Renju ta' Spanja temm b'mod permanenti l-preżenza tiegħu fit-territorju tas-Saħara tal-Punent u permezz tal-ittra tiegħu datata fl-istess jum indirizzata lis-Segretarju Ġenerali tal-ONU ddikjara lilu nnifsu bħala "mingħajr responsabbiltà ta natura internazzjonali f'dak li jirrigwarda l-amministrazzjoni [tas-Saħara tal-Punent] billi waqaf milli jipparteċipa fl-amministrazzjoni proviżorja li ġiet stabbilita"[139] u ddikjara li "[id-]dekolonizzazzjoni tas-Saħara tal-Punent ser tintemm meta l-popolazzjoni Saħarjana tkun tista' tagħti l-opinjonijiet tagħha b'mod sinjifikattiv"[140].

171. Fl-istess jum, minkejja x-xoljiment deċiż minn 67 mill-membri tagħha, id-Djemâa approvat "[l-]integrazzjoni mill-ġdid [tas-Saħara tal-Punent] mal-Marokk u mal-Mawritanja" u "esprim[iet] b'hekk l-opinjoni unanima tal-popolazzjonijiet Saħarjani u tat-tribujiet kollha li minnhom hija ħarġet u li tagħhom hija r-rappreżentant awtentiku u legali"[141]. Mill-perspettiva tar-Renju tal-Marokk, din id-deċiżjoni hija l-konkretizzazzjoni tad-dispożizzjoni tal-Ftehim li tgħid li "[l-]opinjoni tal-popolazzjoni Saħarjana, espressa permezz tad-Djemâa, ser tkun rispettata".

172. F'dak li jikkonċerna din il-laqgħa mad-Djemâa, la r-Renju ta' Spanja, u lanqas l-ONU ma rrikonoxxewha bħala eżerċizzju tad-dritt tal-poplu tas-Saħara tal-Punent għall-awtodeterminazzjoni, skont ir-Riżoluzzjonijiet 3458 A u B (XXX) tal-Assemblea Ġenerali tal-ONU.[142]

136 Ara r-"Rapport tal-Kumitat Speċjali inkarigat biex jistudja s-sitwazzjoni f'dak li jikkonċerna l-applikazzjoni tad-dikjarazzjoni fuq l-għoti tal-indipendenza għall-pajjiżi u għall-popli kolonjali" (A/31/23/Rev.1), *Dokumenti Uffiċjali tal-Assemblea Ġenerali*, 1977, vol. II, p. 203 sa 225, punt 44; Dessaints, J., "Chronique politique Maroc", *Rapport annwali tal-Afrika ta' Fuq*, 1975, vol. 14, p. 457 sa 476, speċjalment p. 464.

137 Ara *Keesing's Record of World Events*, 13 ta' Frar 1976, p. 27746.

138 Rapport tal-Kumitat Speċjali inkarigat biex jistudja s-sitwazzjoni f'dak li jikkonċerna l-applikazzjoni tad-dikjarazzjoni fuq l-għoti tal-indipendenza għall-pajjiżi u għall-popli kolonjali (A/31/23/Rev.1), *Dokumenti Uffiċjali tal-Assemblea Ġenerali*, 1977, vol. II, p. 203 sa 225, punt 45.

139 Dan ma seħħx totalment hekk. Fil-fatt, ir-Renju ta' Spanja kompla jamministra l-ispazju tal-ajru tas-Saħara tal-Punent li jagħmel parti mis-settur "OCE" tar-"Reġjun ta' Informazzjoni dwar it-Titjir" (Flight Information Region (FIR)) tal-Gżejjer Kanarji. Ara mapep ippubblikati fuq is-sit tal-internet tal-ENAIRE (http://www.enaire.es/csee/ccurl/130/603/fir_canarias.swf).

140 Ittra datata s-26 ta' Frar 1976, indirizzata lis-Segretarju Ġenerali mir-Rappreżentant Permanenti ta' Spanja fl-ONU (S/11997).

141 Il-mozzjoni tas-27 ta' Frar 1976 vvotata mid-Djemâa, *Rapport annwali tal-Afrika tan-Nord*, 1976, vol. 15, p. 847 u 848. Permezz tal-messaġġ tiegħu lis-Segretarju Ġenerali tal-ONU, Khatri Ould Said a Ould El Jomaini, il-President tad-Djemâa ħabbarlu li "d-Djemâa Saħarjana, waqt is-seduta straordinarja tal-lum, il-Ħamis 26 ta' Frar 1976, f'El Aaiun, approvat b'mod unanimu l-integrazzjoni mill-ġdid tat-[t]erritorju tas-Saħara mal-Marokk u mal-Mawritanja skont ir-realtajiet storiċi u r-rabtiet li dejjem għaqqdu lill-popolazzjoni Saħarjana ma' dawn iż-żewġ pajjiżi". Ara r-"Rapport tal-Kumitat Speċjali inkarigat biex jistudja s-sitwazzjoni f'dak li jikkonċerna l-applikazzjoni tad-dikjarazzjoni fuq l-għoti tal-indipendenza għall-pajjiżi u għall-popli kolonjali" (A/31/23/Rev.1), *Dokumenti Uffiċjali tal-Assemblea Ġenerali*, 1977, vol. II, p. 203 sa 225, punt 51.

142 Skont is-Segretarju tal-Istat tal-Istati Uniti, Cyrus Vance, "Waldheim qal[li] li [...] ir-Re Hassan iqis li l-problema ġiet riżolta u li l-kriterju ta' awtodeterminazzjoni ġie sodisfatt permezz tal-konsultazzjoni tal-Assemblea tas-Saħara. Madankollu, la Spanja, la l-alġerija ma aċċettawha, billi kollox jindika li li [ir-Re] Hassan ikkonsulta biss ma assemblea mhux importanti komposta minn servi Marokkini [*a rump assembly consisting of Moroccan stooges*]". Ara telegramma tas-Segretarju tal-Istat Vance lill-Ambaxxatur tal-Istati Uniti għall-Marokk tal-20 ta' Mejju 1977 ippubblikata f'Burton, M. F., *Foreign Relations of the United States, 1977-1980*, United States Government Printing Office, Washington, 2017, vol. XVII, parti 3 (Dokumenti dwar l-Afrika ta' Fuq), p. 507 sa 508, speċjalment p. 508.

173. Skont il-memorandum datat 25 ta' Frar 1975 li r-Renju ta' Spanja bagħat lis-Segretarju Ġenerali tal-ONU, "din is-seduta ma [fihiex] konsultazzjoni maċ-ċittadini bħal dik prevista fil-Ftehim ta' Madrid tal-14 ta' Novembru 1975 u fir-Riżoluzzjoni 3458 B (XXX) tal-Assemblea Ġenerali, sakemm il-kundizzjonijiet neċessarji ma jkunux issodisfatti, inkluż, b'mod partikolari, il-preżenza ta' rappreżentant tal-[ONU] maħtur mis-[Segretarju Ġenerali] skont il-paragafu 4 tar-Riżoluzzjoni msemmija iktar 'il fuq"[143].

174. Fit-tweġiba tiegħu għall-Memorandum tal-25 ta' Frar 1975 tar-Renju ta' Spanja, is-Segretarju Ġenerali tal-ONU fakkar il-paragrafi 7 u 8 tar-Riżoluzzjoni 3458 A (XXX) u l-paragrafu 4 tar-Riżoluzzjoni 3458 B (XXX) u kkonkluda dan li ġej:

"Jidher, skont il-paragrafi ċċitati hawn fuq, li la l-[G]vern Spanjol, fil-kapaċità tiegħu ta' awtorità amministrattiva, u lanqas l-amministrazzjoni temporanja, li tagħha [ir-Renju ta'] Spanja hija membru, ma ħadu l-miżuri neċessarji biex jiżguraw għall-popolazzjonijiet tas-Saħara tal-Punent l-eżerċizzju tad-dritt għall-awtodeterminazzjoni. Konsegwentement, anke jekk iż-żmien kien jippermetti u jekk il-kjarifiki neċessarji kienu ġew ipprovduti fir-rigward tal-laqgħa tad-Djemâa li dwarha intom infurmajtuni lbieraħ li l-gvern tagħkom ma kienx informat, il-preżenza għal din il-laqgħa ta' rappreżentant tal-[ONU] maħtur minni ma hijiex fiha nnifisha applikazzjoni tar-Riżoluzzjonijiet tal-Assemblea Ġenerali msemmija hawn fuq"[144].

175. Fl-14 ta' April 1976, ir-Renju tal-Marokk ikkonkluda mar-Repubblika Iżlamika tal-Mawritanja trattat dwar it-tqassim tat-territorju tas-Saħara tal-Punent[145] u formalment għaqqad il-provinċji li kienu allokati lilu permezz ta' dan it-Trattat[146].

176. Sadanittant, żviluppa kunflitt bl-armi f'dan ir-reġjun bejn ir-Renju tal-Marokk, ir-Repubblika Iżlamika tal-Mawritanja u l-Front Polisario.

177. F'Mejju 1979, ir-Repubblika Iżlamika tal-Mawritanja informat lis-Segretarju Ġenerali tal-ONU li hija kienet lesta li tapplika d-dispożizzjonijiet tar-Riżoluzzjonijiet 3458 A (XXX) u 3458 B (XXX) tal-Assemblea Ġenerali tal-ONU u li tistudja l-metodi u l-mezzi biex jintlaħaq id-dritt ta' awtodeterminazzjoni fis-Saħara tal-Punent[147]. Madankollu, "minn Lulju 1978, il-Gvern Marokkin iddikjara diversi drabi li hu ma kien se jċedi l-ebda "provinċja Saħarjana irkuprata tiegħu" u li ma kienx se jaċċetta l-ħolqien ta' Stat ċkejken ikkontrollat mill-Front [Polisario] fis-settur Mawritanju tas-Saħara tal-Punent"[148].

143 Din l-istess kwistjoni tpoġġiet fi ħdan il-Parlament Spanjol waqt id-dibattitu dwar ir-ratifika tal-Ftehim dwar is-Sajd bejn ir-Renju ta' Spanja u r-Renju tal-Marokk tal-1977 li fih il-Ministru għall-Affarijiet Barranin tar-Renju ta' Spanja, Oreja Aguirre, iddikjara li Spanja ma rrikonoxxietx is-sovranità tar-Renju tal-Marokk fuq is-Saħara tal-Punent u li l-proċess ta' dekolonizzazzjoni tas-Saħara tal-Punent ma kienx se jintemm sal-mument li fih il-poplu li joriġina minn dan it-territorju jeżerċita d-dritt tiegħu għall-awtodeterminazzjoni skont ir-Riżoluzzjoni 1514 (XV) tal-Assemblea Ġenerali tal-ONU. Ara Cortes, *Diario de sesiones del Congreso de los diputados*, 1978, Nru 15, p. 522 u 523. Ara wkoll, f'dan is-sens, "Contestacíon del Gobierno a la pregunta formulada por don Gregorio Lopez Raimundo, del Grupo Parlamentario Mixto del, sobre política espanola hacia el Sahara", *Boletin oficial de las Cortes generales*, Serje D, 23 ta' Settembru 1983, p. 223 u 224.

144 "Rapport tal-Kumitat Speċjali inkarigat biex jistudja s-sitwazzjoni f'dak li jikkonċerna l-applikazzjoni tad-dikjarazzjoni fuq l-għoti tal-indipendenza għall-pajjiżi u għall-popli kolonjali" (A/31/23/Rev.1), *Dokumenti Uffiċjali tal-Assemblea Ġenerali*, 1977, vol. II, p. 203 sa 225, punt 46.

145 Ara l-Konvenzjoni dwar id-delimitazzjoni tal-fruntiera ta' Stat stabbilita bejn ir-Repubblika Iżlamika tal-Mawritanja u r-Renju tal-Marokk, iffirmata f'Rabat fl-14 ta' April 1976, *Rapport Annwali tal-Afrika ta' Fuq*, 1976, vol. 15, p. 848 u 849.

146 Ara l-punt 73 ta' dawn il-konklużjonijiet u d-dokumenti ċċitati. Fl-14 ta' April 1976, ir-Renju tal-Marokk u r-Repubblika Iżlamika tal-Mawritanja ffirmaw il-Ftehim ta' Kooperazzjoni biex isir użu tajjeb mit-territorji Saħarjani rkuprati (*Rapport annwali tal-Afrika ta' Fuq*, 1976, vol. 15, p. 849 u 850) li jipprevedi l-parteċipazzjoni tar-Repubblika Iżlamika tal-Mawritanja fil-kapital azzjonarju tas-Soċjetà Fos Bucraâ (li tiġġestixxi l-fosfati tas-Saħara tal-Punent) u kooperazzjoni fis-settur tas-sajd.

147 Ittra datata t-23 ta' Mejju 1979 mibgħuta miċ-chargé d'affaires permezz tal-missjoni permanenti tal-Mawritanja fi ħdan l-ONU lis-Segretarju Ġenerali tagħha (A/34/276).

148 "Rapport tal-Kumitat Speċjali inkarigat biex jistudja s-sitwazzjoni f'dak li jikkonċerna l-applikazzjoni tad-dikjarazzjoni fuq l-għoti tal-indipendenza għall-pajjiżi u għall-popli kolonjali" (A/34/23/Rev.1), *Dokumenti Uffiċjali tal-Assemblea Ġenerali*, 1977, vol. II, p. 105 sa 117, punt 32. Skont dan ir-rapport, "ir-re Hassan II iddikjara li 's-soluzzjoni għall-paċi magħżula [ma għandhiex] […] twassal għall-ħolqien ta' Stat ġdid bejn il-Marokk u l-Mawritanja'" (punt 32).

178. Fl-10 ta' Awwissu 1979, ir-Repubblika Iżlamika tal-Mawritanja kkonkludiet ftehim ta' paċi mal-Front Polisario, li permezz tiegħu rrinunzjat għal kull pretensjoni territorjali fis-Saħara tal-Punent[149]. Ir-Renju tal-Marokk immedjatament assuma l-kontroll tat-territorju li tneħħa mill-forzi Mawritanji[150] u pproċeda bl-annessjoni tiegħu[151].

179. Fil-21 ta' Novembru 1979, l-Assemblea Ġenerali tal-ONU adottat ir-Riżoluzzjoni 34/37 fuq il-kwistjoni tas-Saħara tal-Punent, li fiha hija "reġgħet irrepetiet id-dritt inaljenabbli tal-poplu tas-Saħara tal-Punent għall-awtodeterminazzjoni u għall-indipendenza, b'mod konformi mal-[K]arta tal-[ONU] [...] u mal-għanijiet tar-Riżoluzzjoni 1514 (XV) tagħha", hija "iddeplora[t] bil-qawwa l-aggravazzjoni tas-sitwazzjoni li kienet tirriżulta mill-persistenza tal-okkupazzjoni tas-Saħara tal-Punent mill-Marokk", u "talbet immedjatament lill-Marokk biex jinvolvi ruħu hu wkoll fid-dinamika tal-paċi u jtemm l-okkupazzjoni tat-territorju tas-Saħara tal-Punent" u "rrakkomandat għal dak l-għan li l-[Front Polisario], rappreżentant tal-poplu tas-Saħara tal-Punent, jipparteċipa bis-sħiħ f'kull tiftixa ta' soluzzjoni politika ġusta, dewwiema u definittiva tal-kwistjoni tas-Saħara tal-Punent, skont ir-riżoluzzjonijiet u d-dikjarazzjonijiet tal-[ONU]"[152].

180. Il-kunflitt armat bejn ir-Renju tal-Marokk u l-Front Polisario baqa' għaddej sakemm, fit-30 ta' Awwissu 1988, il-partijiet aċċettaw, fil-prinċipju, proposti ta' regolament li ħarġu b'mod partikolari mis-Segretarju Ġenerali tal-ONU u li jipprevedu b'mod partikolari t-tħabbir ta' waqfien mill-ġlied kif ukoll l-organizzazzjoni ta' referendum għall-awtodeterminazzjoni taħt il-kontroll tal-ONU[153].

181. Minn dak iż-żmien, ma sar l-ebda progress li seta' jippermetti lill-poplu tas-Saħara tal-Punent jeżerċita d-dritt tiegħu għall-awtodeterminazzjoni. Kif irrileva s-Segretarju Ġenerali tal-ONU fl-aħħar rapport tiegħu dwar is-Saħara tal-Punent, "id-diffikultà [fit-tiftixa għal soluzzjoni] ġejja essenzjalment mid-diverġenzi ta' opinjonijiet u ta' interpretazzjoni bejn il-partijiet kemm fir-rigward tal-istorja tal-kunflitt kif ukoll mid-dokumenti annessi magħha. Il-Marokk jisħaq li s-Saħara tal-Punent diġà tagħmel parti mit-territorju nazzjonali u li n-negozjati jistgħu jkopru biss il-proposta ta' status awtonomu taħt sovranità Marokkina, peress li l-Alġerija għandha tkun involuta f'dawn in-negozjati. Il-Front Polisario jsostni li, peress li l-Assemblea Ġenerali ddefinixxiet is-Saħara tal-Punent bħala territorju mhux awtonomu, huwa d-dmir tal-popolazzjoni indiġena li tiddeċiedi dwar il-futur tagħha fil-kuntest ta' referendum fejn l-indipendenza tkun għażla possibbli, li l-proposti u l-ideat imressqa kollha minn xi waħda mill-partijiet għandhom jiġu diskussi u li huma l-Marokk u hu stess biss li għandhom jipparteċipaw fin-negozjati"[154].

182. Minn dawn il-fatti kollha jirriżulta li, minflok jipprova jeżerċita id-dritt tiegħu għall-awtodeterminazzjoni skont l-indikazzjonijiet mogħtija mill-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja fl-Opinjoni konsultattiva tagħha dwar is-Saħara tal-Punent[155], il-poplu tas-Saħara tal-Punent kien, sa issa, imċaħħad anki mill-opportunità stess li jeżerċita dan id-dritt f'kundizzjonijiet previsti mir-Riżoluzzjonijiet 1514 (XV), 1541 (XV), 2625 (XXV) u 3458 A u B (XXX) tal-Assemblea Ġenerali

149 Ara l-Ftehim Mawritan-Saħarawi, iffirmat f'Alger fl-10 ta' Awwissu 1979, anness mal-ittra datata t-18 ta' Awwissu 1979, indirizzata lis-Segretarju Ġenerali tal-ONU mir-Rappreżentant permanenti tar-Repubblika Iżlamika tal-Mawritanja fi ħdan l-ONU (A/34/427).

150 Ara Hodges, T., "*The Western Saharans*", *Chicago Review Press*, Chicago 1984, p. 12.

151 Ara l-punt 733 ta' dawn il-konklużjonijiet u dokumenti ċċitati.

152 85 Stat vvotaw favur, 6 kontra, 41 astjenew u 20 ma vvotawx. L-Istati Membri preżenti tal-Unjoni vvotaw favur jew astjenew. Ara wkoll f'dan is-sens il-paragrafu 3 tar-Riżoluzzjoni 35/19 tal-Assemblea Ġenerali tal-ONU (88 Stat vvotaw favur, 8 kontra, 43 astjenew u 15 ma vvotawx).

153 Ara r-Riżoluzzjoni 621 (1988) tal-20 ta' Settembru 1988 tal-Kunsill tas-Sigurtà tal-ONU u r-Riżoluzzjoni 43/33 tat-22 ta' Novembru 1988 tal-Assemblea Ġenerali tal-ONU.

154 Rapport, tal-10 ta' April 2017, tas-Segretarju Ġenerali tal-ONU dwar is-sitwazzjoni li tirrigwarda s-Saħara tal-Punent (S/2017/307), punt 82.

155 Ninnota b'interess li wara li temm il-funzjonijiet tiegħu, l-Ambaxxatur tal-Pajjiżi l-Baxxi, Peter van Walsum, mibgħut speċjali tal-ONU għas-Saħara tal-Punent (2005-2008) irrikonoxxa li "abbażi tal-Opinjoni konsultattiva tal-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja, il-Front Polisario għandu l-iktar pożizzjoni b'saħħitha fid-dritt internazzjonali". Ara van Walsum, P., "The question of Western Sahara", 16 ta' Diċembru 2012, u "The question of Western Sahara (II)", 7 ta' Frar 2013, ippubblikat fuq is-sit tal-internet tiegħu http://www.petervanwalsum.com/the-question-of-western-sahara/.

tal-ONU, permezz ta' serje ta' miżuri li wasslu għat-tqassim tat-territorju tas-Saħara tal-Punent fl-1976 u għall-annessjoni tiegħu fl-1976 u fl-1979. Il-fatt li xi wħud minn dawn il-miżuri huma attribwibbli għal diversi Stati ma jnaqqas bl-ebda mod l-eżistenza u l-gravità tal-ksur tal-liġi ta' dan il-poplu għall-awtodeterminazzjoni.

183. Barra minn hekk, minkejja li dawn ir-riżoluzzjonijiet jipprevedu li d-dritt għall-awtodeterminazzjoni jimplika l-għażla ħielsa bejn tliet alternattivi [156] fosthom l-indipendenza [157], l-assoċjazzjoni ma' Stat ieħor indipendenti u l-integrazzjoni ma' Stat indipendenti, kif ukoll l-organizzazzjoni ta' referendum [158] (minflok konsultazzjoni tad-Djemââ), ir-Renju tal-Marokk integra lis-Saħara tal-Punent mat-territorju tiegħu permezz ta' tqassim u annessjoni, mingħajr konsultazzjoni tal-poplu tas-Saħara tal-Punent u mingħajr is-superviżjoni tal-ONU.

184. F'dan is-sens, it-teħid ta' ġurament ta' alleanza lejn ir-Re tal-Marokk f'isem it-tribujiet Saħarjani mill-President tad-Djemââ fl-4 ta' Novembru 1975 u l-laqgħa tad-Djemââ tas-26 ta' Frar 1976, mhux irrikonoxxuti mill-ONU u mir-Renju ta' Spanja bħala awtorità amministrattiva tas-Saħara tal-Punent u membru tal-amministrazzjoni temporanja tagħha, ma jikkostitwixxux il-konsultazzjoni tal-poplu tas-Saħara tal-Punent għall-awtodeterminazzjoni mitluba bir-Riżoluzzjonijiet 1514 (XV), 1541 (XV), 2625 (XXV) u 3458 A u B (XXX) tal-Assemblea Ġenerali tal-ONU.

185. Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li s-Saħara tal-Punent ġiet integrata mar-Renju tal-Marokk mingħajr ma l-poplu ta' dan it-territorju esprima x-xewqa tiegħu b'mod ħieles f'dan ir-rigward. Il-Ftehim dwar is-Sajd u l-Protokoll tal-2013 konklużi mir-Renju tal-Marokk abbażi tal-integrazzjoni mas-Saħara tal-Punent fit-territorju tiegħu u fuq id-dikjarazzjoni tas-sovranità tiegħu fuq dan it-territorju, huwa ċar li l-poplu tas-Saħara tal-Punent ma ddisponiex mir-riżorsi naturali tiegħu b'mod ħieles, kif jitolbu l-Artikolu 1 komuni tal-PIDESC u għall-PIDCP, il-paragrafu 2 tar-Riżoluzzjoni 1514 (XV) tal-Assemblea Ġenerali tal-ONU u t-Titolu VII tal-Att Finali ta' Ħelsinki tal-1975.

186. Għal din ir-raġuni, l-esplojtazzjoni tas-sajd fl-ibħra li jmissu mas-Saħara tal-Punent stabbilita u implementata permezz tal-atti kkontestati ma tirrispettax id-dritt tal-poplu ta' dan it-territorju għall-awtodeterminazzjoni [159].

156 Ara l-prinċipju VI tar-Riżoluzzjoni 1541 (XV) tal-Assemblea Ġenerali tal-ONU.

157 Ara l-paragrafi 3 u 4 tar-Riżoluzzjoni 1514 (XV) tal-Assemblea Ġenerali tal-ONU; Bedjaoui, M., "Article 73" ippubblikat f'Cot, J.-P., Pellet, A. u Forteau, M., *La Charte des Nations Unies*: *commentaire article par article*, it-3 ed. Economica, Pariġi, 2005, p. 1751 sa 1767, speċjalment p. 1761; Fastenrath, U., "Chapter XI Declaration Regarding Non-self-governing Territories" ippubblikat f'Simma, B., Khan, D.-E., Nolte, G. u Paulus, A. (edituri), *The Charter of the United Nations*: *A Commentary*, it-3 ed., Oxford University Press, Oxford, 2012, vol. II, p. 1829 sa 1839, speċjalment p. 1834 u 1835.

158 Ara r-Riżoluzzjoni 2351 (2017) tal-Kunsill tas-Sigurtà tal-ONU li "tfakkar u ssostni mill-ġdid ir-riżoluzzjonijiet preċedenti tagħha dwar is-Saħara tal-Punent" u-"tiddeċiedi li testendi l-mandat tal-[Missjoni tan-Nazzjonijiet Uniti għall-organizzazzjoni ta' referendum fis-Saħara tal-Punent (MINURSO)]". Ara wkoll, f'dan is-sens, ir-Riżoluzzjoni 2229 (XXI) tal-20 ta' Diċembru 1966 tal-Assemblea Ġenerali, paragrafi 4 u 5; Ir-riżoluzzjoni 621 (1988) tal-20 ta' Settembru 1988 tal-Kunsill tas-Sigurtà tal-ONU, paragrafu 2, kif ukoll ir-Riżoluzzjoni 43/33 tat-22 ta' Novembru 1988 tal-Assemblea Ġenerali tal-ONU.

159 Ara Crawford, J., "Third Party Obligations with respect to Israeli Settlements in the Occupied Palestinian Territories", Opinjoni legali tal-24 ta' Jannar 2012, punt 131, disponibbli fuq is-sit tal-internet (https://www.tuc.org.uk/sites/default/files/tucfiles/LegalOpinionIsraeliSettlements.pdf).

*2) Dwar l-obbligu li ma tiġix rikonoxxuta sitwazzjoni illegali li tirriżulta mill-ksur tad-dritt tal-poplu tas-Saħara tal-Punent għall-awtodeterminazzjoni u li ma tingħatax għajnuna jew assistenza għaż-żamma ta' din is-sitwazzjoni*

187. Anki jekk il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-atti kkontestati ma kisrux fihom infushom id-dritt tal-poplu tas-Saħara tal-Punent għall-awtodeterminazzjoni u li l-ksur ta' dan id-dritt ma kienx attribwibbli għall-Unjoni iżda esklużivament għar-Renju tal-Marokk, xorta jibqa' l-fatt li l-atti kkontestati ma jirrispettawx l-obbligu tal-Unjoni li ma tiġix irrikonoxxuta sitwazzjoni illegali li tirriżulta mill-ksur tal-liġi tal-poplu tas-Saħara tal-Punent għall-awtodeterminazzjoni u li ma tingħatax għajnuna jew assistenza għaż-żamma ta' din is-sitwazzjoni [160].

188. Kif jirriżulta mit-termini tagħhom, il-Ftehim dwar is-Sajd u tal-Protokoll tal-2013 jkopru s-Saħara tal-Punent u l-ibħra li jmissu magħha bħal ftehim li jkun esklużivament applikabbli għat-territorju rrikonoxxut bħala territorju *sovran* tar-Renju tal-Marokk mill-komunità internazzjonali.

189. Għandu jiġi enfasizzat f'dan ir-rigward li, kif iddeċidiet il-Qorti Permanenti tal-Ġustizzja Internazzjonali, "il-kapaċità li jieħu obbligi internazzjonali hija preċiżament attribut ta' sovranità tal-Istat" [161] fit-territorju li jirreferu għalih dawn l-obbligi.

190. Dan jgħodd ukoll għall-ftehim internazzjonali li jkopru l-baħar. Fil-fatt, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja, "il-liġijiet dwar il-baħar jirriżultaw mis-sovranità tal-Istat kostali fuq l-art, prinċipju li jista' jiġi mqassar kif ġej: "l-art tiddomina l-baħar" […] Hija għalhekk is-sitwazzjoni territorjali tal-art li għandha tittieħed bħala l-punt tat-tluq biex jiġu stabbiliti l-liġijiet ta' Stat kostali bil-baħar" [162].

191. Dejjem skont il-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja, "huwa ben stabbilit li 'it-Titolu ta' Stat fuq […] iż-żona ekonomika esklużiva huwa bbażat fuq il-prinċipju li l-art tiddomina l-baħar minħabba l-estensjoni tal-kosti jew tal-konfini kostali' […]. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja esprimietha […], 'l-art hija s-sors legali tas-setgħa li Stat jista' jeżerċita fl-estensjonijiet marittimi' […]" [163].

192. Għalhekk, jekk l-art tiddomina l-baħar, ma hemm l-ebda dubju li, kif isostni l-Comader, ir-Renju tal-Marokk ikkonkluda l-Ftehim dwar is-sajd billi kkunsidra lilu nnifsu s-sovran tas-Saħara tal-Punent bid-drittijiet u l-obbligi fir-rigward tal-ibħra li jmissu ma' dan it-territorju li d-dritt internazzjonali jagħti lill-Istat kostali [164]. Fil-fatt, kif iddikjara r-Re Mohammed VI fl-okkażjoni tad-39 anniversarju tal-mixja l-ħadra, "jien ngħid le għall-attentat li għandu bħala għan li jbiddel in-natura ta' dan il-kunflitt reġjonali billi jippreżentah bħala kawża ta' dekolonizzazzjoni. Fil-fatt, il-Marokk fis-Saħara tiegħu, qatt ma kien awtorità li tokkupa jew awtorità amministrattiva. Huwa iktar jeżerċita l-karatteristiċi tas-sovranità tiegħu fuq l-art" [165].

160 Ara Konsegwenzi legali tal-bini ta' ħajt fit-territorju Palestinjan okkupat, Opinjoni konsultattiva (QIĠ, Ġabra 2004, p. 136, punt 159).

161 Kawża tal-Vapeur Wimbledon (Ir-Renju Unit vs Il-Ġermanja), is-sentenza tas-17 ta' Awwissu 1923, CPJI Serje A Nru 1, p. 25.

162 Delimitazzjoni marittima u kwistjonijiet territorjali bejn il-Qatar u l-Bahrein, mertu, sentenza (QIĠ, Ġabra 2001, p. 40, punt 185). Ara wkoll, f'dan is-sens, Plateau Kontinentali tal-Baħar tat-Tramuntana, sentenza (QIĠ Ġabra 1969, p. 3, punt 96); Plateau Kontinentali tal-Baħar Eġew, sentenza (QIĠ Ġabra 1978, p. 3, punt 86); Delimitazzjoni marittima fil-Baħar l-Iswed (Ir-Rumanija vs L-Ukrajna), sentenza (QIĠ Ġabra 2009, p. 61, punt 77), kif ukoll il-Kwistjoni territorjali u marittima (In-Nikaragwa vs Il-Kolombja), sentenza (QIĠ Ġabra 2012, p. 624, punt 140).

163 Kwistjoni territorjali u marittima (In-Nikaragwa vs Il-Kolombja), sentenza (QIĠ Ġabra 2012, p. 624, punt 140 u l-ġurisprudenza ċċitata).

164 Ara, f'dan is-sens, punt 73 ta' dawn il-konklużjonijiet u l-leġiżlazzjoni Marokkina ċċitata.

165 Diskors tal-Maestà Tiegħu r-Re Mohammed VI fl-okkażjoni tad-39 anniversarju tal-Mixja l-Ħadra, 6 ta' Novembru 2014, disponibbli fuq is-sit tal-internet (http://www.sahara.gov.ma/blog/messages-royaux/discours-de-sa-majeste-le-roi-mohammed-vi-a-loccasion-du-39eme-anniversaire-de-la-marche-verte/)

193. Għaldaqstant, għandu jitwarrab l-argument tal-Kunsill u tal-Kummissjoni li, billi jirreferu għall-"ibħra li jaqgħu taħt is-sovranità jew il-ġurisdizzjoni tar-Renju tal-Marokk", l-atti kkontestati ma jinkludu l-ebda rikonoxximent għat-talba ta' sovranità tar-Renju tal-Marokk dwar it-territorju tas-Saħara tal-Punent u għas-sovranità jew il-ġurisdizzjoni li dan l-Istat jippretendi li jeżerċita fl-ibħra ta' madwar dan it-territorju.

194. L-ewwel nett, in-negozjar u l-konklużjoni mar-Renju tal-Marokk ta' ftehim internazzjonali applikabbli għas-Saħara tal-Punent u għall-ibħra li jmissu magħha jikkostitwixxi fih innifsu rikonoxximent *de jure* tal-integrazzjoni[166] tas-Saħara tal-Punent mar-Renju tal-Marokk, bl-annessjoni mwettqa fl-1976 u l-1979, li jimplika r-rikonoxximent tas-sovranità fit-territorju, l-ilmijiet interni u l-baħar territorjali tas-Saħara tal-Punent kif ukoll drittijiet sovrani u l-ġurisdizzjoni li d-dritt internazzjonali jagħti lill-Istat kostali fuq iż-żoni marittimi li jestendu lil hinn mill-baħar territorjali.

195. Infakkar li fil-kawża tat-Timor orjentali bejn ir-Repubblika Portugiża (bħala awtorità amministrattiva mkeċċija mit-Timor orjentali mir-Repubblika tal-Indoneżja) u l-Commonwealth tal-Awstralja (bħala pajjiż terz li kkonkluda mar-Repubblika tal-Indoneżja ftehim internazzjonali applikabbli għat-Timor orjentali), il-Commonwealth tal-Awstralja kkunsidrat li "il-bidu ta' negozjati [għall-konklużjoni tat-Trattat tal-1989 li jikkonċerna t-Timor Gap] kien ifisser *ir-rikonoxximent de jure* mill-Awstralja tal-integrazzjoni tat-Timor orjentali fl-Indoneżja"[167].

196. Il-fatt li ftehim dwar is-sajd applikabbli f'territorju u fiż-żoni marittimi tiegħu jista' jikkostitwixxi l-prova ta' rikonoxximent ta' sovranità huwa muri mill-istorja stess tas-Saħara tal-Punent. Infakkar f'dan ir-rigward li r-Renju tal-Marokk ippreżenta provi tas-sovranità tiegħu fuq is-Saħara tal-Punent il-ftehim internazzjonali li kien ikkonkluda ma' diversi Stati, fosthom b'mod partikolari l-ftehim tal-kummerċ u tas-sajd konklużi mar-Renju ta' Spanja mill-1767[168].

197. Issa, kif iddeċidiet il-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja, l-annessjoni ta' territorju li fih il-poplu jibbenefikaw mid-dritt tal-awtodeterminazzjoni filwaqt li dan il-poplu għadu ma eżerċitax dan id-dritt, tikkostitwixxi ksur tal-obbligu tar-rispett tal-imsemmi dritt[169]. Konsegwentement, terz jikser l-obbligu tiegħu li ma jirrikonoxxix sitwazzjoni illegali li tirriżulta minn ksur tal-imsemmi dritt meta huwa jirrikonoxxi *de jure* permezz tal-konklużjoni ta' ftehim internazzjonali l-annessjoni ta' tali territorju.

198. It-tieni nett, it-termini "ilmijiet li jaqgħu taħt is-sovranità jew il-ġurisdizzjoni tar-Renju tal-Marokk" ma humiex biżżejjed biex jeskludu r-rikonoxximent *de jure* tas-sovranità tar-Renju tal-Marokk dwar is-Saħara tal-Punent, u dan għal żewġ raġunijiet prinċipali.

199. L-ewwel raġuni hija li l-Ftehim dwar is-Sajd u l-Protokoll tal-2013 ma humiex applikabbli biss għall-ibħra li jmissu mas-Saħara tal-Punent iżda wkoll mat-territorju tagħha[170]. F'dan is-sens, l-użu tat-termini "ilmijiet li jaqgħu taħt is-sovranità jew il-ġurisdizzjoni tar-Renju tal-Marokk" ma jistax jeskludi r-rikonoxximent *de jure* tas-sovranità tar-Renju tal-Marokk fuq it-territorju tas-Saħara tal-Punent u għalhekk il-ksur tad-dritt tal-poplu ta' dan it-territorju għall-awtodeterminazzjoni.

166 Fis-sens li dan it-terminu għandu fil-kuntest tal-eżerċizzju tad-dritt għall-awtodeterminazzjoni. Ara l-prinċipji VI, VIII u IX tal-prinċipji li għandhom jiggwidaw l-Istati Membri tal-ONU biex jistabbilixxu jekk l-obbligu li jikkomunikaw din l-informazzjoni, previst fis-subparagrafu (e) tal-Artikolu 73 tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti, japplikax għalihom, approvati mir-Riżoluzzjoni 1541 (XV) tal-Assemblea Ġenerali tal-ONU (ara l-punti 1177 u 1188 ta' dawn il-konklużjonijiet).

167 Ara Timor orjentali (Il-Portugall vs L-Awstralja), sentenza (QIĠ, Ġabra 1995, p. 90, punt 17) (Enfasi miżjud minni). Ara wkoll, il-punt 69 tar-risposta tal-Commonwealth tal-Awstralja ppreżentata f'din il-kawża. Il-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja ma ddeċidietx dwar il-mertu ta' din il-kawża billi ddeċidiet li n-nuqqas tar-Repubblika tal-Indoneżja fil-kawża ma kienx jippermettilha teżerċita l-ġurisdizzjoni tagħha.

168 Ara Saħara tal-Punent, Opinjoni konsultattiva (QIĠ Ġabra 1975, p. 12, punti 108 sa 127 u, b'mod partikolari, il-punti 109, 110, 113 u 121).

169 Ara Konsegwenzi legali tal-bini ta' ħajt fit-territorju Palestinjan okkupat, Opinjoni konsultattiva (QIĠ, Ġabra 2004, p. 136, punti 121 u 122).

170 Ara l-punt 71 ta' dawn il-konklużjonijiet.

200. It-tieni raġuni tikkonċerna l-applikazzjoni tal-Ftehim dwar is-sajd u l-Protokoll tal-2013 għall-ilmijiet li jmissu mas-Saħara tal-Punent. Kuntrarjament għal dak li ssostni l-Kummissjoni, l-espressjoni "ilmijiet taħt ġurisdizzjoni Marokkina" [171], riprodotta fil-ftehim dwar is-sajd konklużi bejn ir-Renju ta' Spanja u r-Renju tal-Marokk qabel l-adeżjoni tar-Renju ta' Spanja mal-Unjoni, ma tistax tidentifika l-ilmijiet li jmissu mas-Saħara tal-Punent mingħajr ma tirrikonoxxi d-drittijiet *sovrani* u l-ġurisdizzjoni li r-Renju tal-Marokk jallega li għandu f'dawn l-ibħra bħala Stat kostali [172]. Bħall-prinċipju li l-art tiddomina l-baħar, ir-rikonoxximent ta' sovranità fuq l-art timplika r-rikonoxximent tad-drittijiet sovrani fuq il-baħar u viċe-versa.

201. F'dan ir-rigward, għandu jiġi enfasizzat li l-ftehim dwar is-sajd konklużi mir-Renju ta' Spanja u r-Renju tal-Marokk saru qabel ir-ratifika tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar, konkluża f'Montego Bay fl-10 ta' Diċembru 1982 [173], (iktar 'il quddiem l-"UNCLOS") mill-Unjoni [174], l-Istati Membri tagħha u r-Renju tal-Marokk, filwaqt li l-ftehim dwar is-sajd fil-kawża preżenti ġie ffirmat u rratifikat taħt din il-konvenzjoni li "tipprevali, bejn l-Istati kontraenti, fuq il-konvenzjonijiet ta' Genève tad-29 ta' April 1958 dwar il-Liġi tal-Baħar" [175].

202. Il-Konvenzjoni dwar is-sajd u l-konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar miftuħ u l-Konvenzjoni dwar il-baħar miftuħ, magħmulin f'Genève fid-29 ta' April 1958, ma kinux jinkludu d-dritt tal-Istati li jistabbilixxu Żona Ekonomika Esklużiva (ŻEE) iżda l-Artikolu 2 ta' din l-aħħar Konvenzjoni kien jipprevedi li l-ebda Stat ma jista' jippretendi li jissottometti l-baħar miftuħ għas-sovranità tiegħu u li l-libertà tal-baħar miftuħ tinkludi l-libertà tas-sajd. Barra minn hekk, skont l-Artikolu 6 tagħha, il-vapuri fil-baħar miftuħ ikunu taħt il-ġurisdizzjoni esklużiva tal-Istat tal-bandiera tagħhom.

203. Dan il-kuntest legali li fih it-termini "ilmijiet taħt ġurisdizzjoni Marokkina" ("*aguas bajo juridiccíon marroqui*") kellhom sens, mhux talli ma għadux jeżistix bejn l-Unjoni u r-Renju tal-Marokk iżda ġie ssostitwit mill-UNCLOS. Il-frażi "ilmijiet li jaqgħu taħt is-sovranità jew il-ġurisdizzjoni tar-Renju tal-Marokk" għandha għalhekk tiġi evalwata fid-dawl tal-ordinament ġuridiku introdott mill-UNCLOS li stabbilixxa l-kunċett taż-ŻEE, diġà eżistenti fil-prassi tal-Istati, fid-dritt internazzjonali.

204. Dan il-qari tal-Ftehim dwar is-sajd fid-dawl tal-UNCLOS huwa kkonfermat kemm mill-premessa 2 tal-Ftehim dwar is-sajd [176] kif ukoll mill-Artikolu 5(4) ta' dan il-ftehim li jirreferi għal-leġiżlazzjoni Marokkina "li tirregola s-sajd fl-ilmijiet li jaqgħu taħt il-ġurisprudenza tal-Marokk, skont l-[UNCLOS]".

171 Artikolu 11 tal-Ftehim dwar is-sajd.

172 Ara Cortes, Diario de sesiones del Congreso de los diputados, 1978, Nru 15, p. 523, 546 u 547 (diskors ta' M. Oreja Aguirre, il-Ministru għall-Affarijiet Barranin) fuq il-Ftehim ta' Kooperazzjoni fil-qasam tas-sajd marittimu bejn il-Gvern tar-Renju tal-Marokk u l-Gvern tar-Renju ta' Spanja, iffirmat f'Rabat fis-17 ta' Frar 1977, u "Contestacíon del Gobierno a la pregunta formulada por don Gregorio Lopez Raimundo, del Grupo Parlamentario Mixto del, sobre política espanola hacia el Sahara", *Boletin oficial de las Cortes generales*, Serje D, 23 ta' Settembru 1983, p. 224 dwar il-ftehim dwar is-sajd konklużi sa dak iż-żmien bejn ir-Renju ta' Spanja u r-Renju tal-Marokk.

173 Ġabra tat-trattati tan-Nazzjonijiet Uniti, vol. 1834, p. 3.

174 Ara d-Deċiżjoni tal-Kunsill 98/392/KE, tat-23 ta' Marzu 1998 (ĠU 1998, L 179, p. 1).

175 Ara l-Artikolu 311(1) tal-UNCLOS. Il-Konvenzjonijiet ta' Genève dwar il-Liġi tal-Baħar huma l-Konvenzjoni dwar il-Baħar Territorjali u ż-Żona Kontigwa, magħmula f'Genève, fid-29 ta' April 1958 (*Ġabra tat-Trattati tan-Nazzjonijiet Uniti*, vol. 516, p. 205), il-Konvenzjoni dwar il-Baħar Miftuħ, magħmula f'Genève, fid-29 ta' April 1958 (*Ġabra tat-Trattati tan-Nazzjonijiet Uniti*, vol. 450, p. 11), il-Konvenzjoni dwar is-Sajd u l-Konservazzjoni tar-Riżorsi Ħajjin tal-Ibħra Miftuħa, magħmula f'Genève, fid-29 ta' April 1958 *Ġabra tat-Trattati tan-Nazzjonijiet Uniti*, vol. 559, p. 258) kif ukoll il-Konvenzjoni dwar il-Blata Kontinentali, magħmula f'Genève, fid-29 ta' April 1958 (*Ġabra tat-Trattati tan-Nazzjonijiet Uniti*, vol. 499, p. 311).

176 "Ara d-dispożizzjonijiet stipulati fil-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar".

205. Issa, skont l-UNCLOS, l-ilmijiet interni ta' Stat u l-baħar territorjali tiegħu jikkostitwixxu fl-ilmijiet taħt is-sovranità tiegħu [177] filwaqt li ż-ŻEE taqa' taħt "[il-]ġurisdizzjoni" tal-Istat kostali [178]. F'dan is-sens, l-ewwel parti tal-frażi użata mill-atti kkontestati "ilmijiet li jaqgħu taħt is-sovranità u l-ġurisdizzjoni tar-Renju tal-Marokk" tirrigwarda l-ilmijiet interni u l-baħar territorjali tar-Renju tal-Marokk (ilmijiet li jaqgħu taħt is-sovranità tiegħu) filwaqt li t-tieni parti tirrigwarda ż-ŻEE tiegħu (ilmijiet li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tiegħu).

206. Madankollu, kif tammetti l-Kummissjoni fil-punt 14 tar-risposti tagħha għall-mistoqsijiet bil-miktub magħmula mill-Qorti tal-Ġustizzja, kuntrarjament għaż-ŻEE stabbilita mir-Repubblika Għarbija Demokratika tas-Saħara (entità mhux rikonoxxuta mill-Unjoni u l-Istati Membri tagħha), iż-ŻEE Marokkina preżenti, stabbilita fl-1981 anki qabel ir-ratifika tal-UNCLOS mir-Renju tal-Marokk, ma tkoprix l-ilmijiet li jmissu mas-Saħara tal-Punent li huma msemmija bħala żoni tas-sajd Nru 3 sa 6 tal-Ftehim dwar is-sajd [179], u kien minħabba f'hekk li l-Kunsill tal-Gvern tar-Renju tal-Marokk adotta wkoll, fis-6 ta' Lulju 2017, l-abbozz ta' Liġi Nru 38-17 li temenda u tissupplimenta l-Liġi Nru 1-18 li tistabbilixxi żona ekonomika esklużiva ta' 200 mil nawtiku 'il barra mix-xtut tal-Marokk u tas-Saħara tal-Punent [180].

207. F'dawn iċ-ċirkustanzi, is-sajd "fl-ilmijiet li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tal-Marokk, skont l-[UNCLOS]" [181] għandu jitwaqqaf fil-latitudni 27°42'N li jservi ta' konfini taż-ZEE Marokkina preżenti [182] kif ukoll ta' fruntiera bejn ir-Renju tal-Marokk u s-Saħara tal-Punent [183]. Għalhekk, iż-żoni ta' sajd Nru 3 sa 6 jkopru essenzjalment l-ilmijiet tan-nofsinhar ta' din il-fruntiera li jmissu mas-Saħara tal-Punent.

208. Kif tammetti l-Kummissjoni, is-sajd f'ŻEE huwa dritt *sovran* tal-Istat kostali [184]. Konsegwentement, billi kkonkludiet il-ftehim dwar is-sajd li jkopri l-ilmijiet li jikkostitwixxu ż-ŻEE tas-Saħara tal-Punent, l-Unjoni tirrikonoxxi *de jure* li r-Renju tal-Marokk jeżerċita dritt sovran f'dawn l-ilmijiet.

177 Ara l-Artikolu 2(1) tal-UNCLOS, li jipprevedi li "is-sovranità tal-Istat kostali testendi, lil hinn mit-territorju tiegħu u mill-ilmijiet interni u, fil-każ ta' Stat arċipelagu, mill-ilmijiet arċipelaġiċi tiegħu, għal żona ta' baħar li jmis miegħu msejjaħ baħar territorjali".

178 Ara l-Artikolu 55 tal-UNCLOS, li jipprevedi li "iż-[ZEE] hija żona li tinsab lil hinn mill-baħar territorjali u tmiss miegħu, suġġetta għal ordinament legali partikolari stabbilit mill-[Artikoli 55 sa 75 tal-imsemmija Konvenzjoni], li permezz tagħha d-drittijiet u l-*ġurisdizzjoni* tal-Istat kostali u d-drittijiet u l-libertajiet tal-Istati l-oħra huma rregolati mid-dispożizzjonijiet rilevanti tal-konvenzjoni". Enfasi miżjud minni.

179 Ara l-Artikoli 8 u 9 tad-Digriet Irjali Nru 1-81-179 tat-8 ta' April 1981 li ġab il-promulgazzjoni tal-Liġi Nru 1-81 li tistabilixxi żona ekonomika esklużiva ta' 200 mil nawtiku 'il barra mix-xtut Marokkini, *Gazzetta Uffiċjali tar-Renju tal-Marokk*, Nru 3575, p. 232 u l-Artikolu 4 tad-Digriet Nru 2-75-311 tal-21 ta' Lulju 1975 li jistabbilixxi l-konfini ta' bajjiet fuq il-kosti Marokkini u l-koordinati ġeografiċi tal-limitu tal-ilmijiet territorjali u taż-żona ta' sajd esklużiva Marokkini, *Gazzetta Uffiċjali tar-Renju tal-Marokk*, Nru 3276, p. 996. Skont dawn id-dispożizzjonijiet iż-ŻEE Marokkina ma testendix san-Nofsinhar ta' Cap Juby/Pointe Stafford, li hija l-fruntiera bejn ir-Renju tal-Marokk u s-Saħara tal-Punent.

180 Ara "Qasam marittimu: Il-Kunsill tal-Gvern jadotta żewġ abbozzi ta' liġijiet" ippubblikata minn *The Huffington Post* Marokk fis-7 ta' Lulju 2017 u aċċessibbli fuq is-sit tal-internet http://www.huffpostmaghreb.com/2017/07/07/loi-domaine-maritime-_n_17422798.html. Skont il-Ministru għall-Affarijiet Barranin u l-Kooperazzjoni Internazzjonali tar-Renju tal-Marokk, il-kreazzjoni ta' ŻEE 'il barra mix-xtut tas-Saħara tal-Punent kienet neċessarja sabiex "tikkonsolida t-tutela legali tal-Marokk fuq dawn l-ilmijiet u t-twaqqif l-allegazzjonijiet kollha li kienu qed jikkontestaw mill-ġdid is-sovranità tar-Renju fuq dan l-ispazju".

181 Ara l-Artikolu 5(4) tal-Ftehim dwar is-sajd.

182 Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 181.

183 F'dan is-sens, jiena ma nifhimx għaliex l-Unjoni tikkontribwixxi lir-Renju tal-Marokk diversi miljuni ta' Ewro fis-sena bħala kumpens finanzjarju għas-sajd fl-ilmijiet li jmissu mas-Saħara tal-Punent li fuqhom ir-Renju tal-Marokk ma stabbilixxa l-ebda żona marittima, ċertament lanqas fuq ŻEE, filwaqt li l-istrumenti li ppreżenta lil-ONU skont l-Artikolu 75(2) tal-UNCLOS ma jinkludux l-ilmijiet li jmissu mas-Saħara tal-Punent fiż-żoni marittimi Marokkini.

184 Ara l-Artikolu 56(1)(a) tal-UNCLOS ("fiż-[ZEE], l-Istat kostali għandu […] drittijiet *sovrani* għall-iskop tal-esplorazzjoni u l-esplojtazzjoni, tal-konservazzjoni u l-immaniġġjar tar-riżorsi naturali, sew jekk ħajjin jew mhux ħajjin, tal-baħar supra-qarib tal-qiegħ [li jinsab fuq il-qiegħ] tal-baħar jew tal-qiegħ tal-baħar u l-istrata ta' taħt il-wiċċ tal-qiegħ tiegħu […]"). Enfasi miżjud minni.

209. Fl-aħħar nett, kuntrarjament għal dak li tirrileva l-Kummissjoni, it-termini "ilmijiet taħt ġurisdizzjoni" u "ilmijiet li jaqgħu taħt is-sovranità u l-ġurisdizzjoni" ma humiex adattati għall-atti kkontestati, għax kieku setgħu jiġu interpretati li jkopru s-sitwazzjoni partikolari tas-Saħara tal-Punent. Għall-kuntrarju, dawn huma deskrizzjonijiet klassiċi tal-kamp ta' applikazzjoni tal-ftehim dwar is-sajd konklużi mill-Unjoni [185] u, f'dan is-sens, ikopru wkoll l-ilmijiet interni u l-baħar territorjali tal-pajjiż terz (ilmijiet li jaqgħu taħt is-sovranità tagħha) kif ukoll iż-ŻEE tagħha (ilmijiet li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tagħha).

210. Konsegwentement, kuntrarjament għal dak li jsostnu l-Kunsill u l-Kummissjoni, l-użu tal-espressjoni "ilmijiet li jaqgħu taħt is-sovranità jew il-ġurisdizzjoni tar-Renju tal-Marokk" hija rikonoxximent tal-eżerċizzju tad-drittijiet sovrani mir-Renju tal-Marokk fuq is-Saħara tal-Punent u l-ilmijiet li jmissu magħha. Dan ir-rikonoxximent ikun iktar ċar wara d-dħul fis-seħħ tal-abbozz ta' Liġi Nru 38-17 li bih ir-Renju tal-Marokk jistabbilixxi ŻEE fl-ilmijiet li jmissu mas-Saħara tal-Punent.

211. Barra minn hekk, permezz tal-atti kkontestati, l-Unjoni tat għajnuna u assistenza għall-kontinwazzjoni ta' sitwazzjoni illegali li wasslet għall-ksur tad-dritt tal-poplu tas-Saħara tal-Punent għall-awtodeterminazzjoni. Din l-għajnuna għandha l-forma ta' benefiċċji ekonomiċi (b'mod partikolari l-kontribuzzjoni finanzjarja) li l-Ftehim dwar is-Sajd u l-Protokoll tal-2013 jagħtu lir-Renju tal-Marokk [186].

212. Peress li l-konferma tas-sovranità Marokkina fuq is-Saħara tal-Punent tirriżulta minn ksur tad-dritt tal-poplu ta' dan it-territorju għall-awtodeterminazzjoni għar-raġunijiet li evokajt fil-punti 1477 sa 186 ta' dawn il-konklużjonijiet, l-Unjoni naqset mill-obbligu tagħha li ma tirrikonoxxix sitwazzjoni illegali li tirriżulta mill-ksur tad-dritt tal-poplu tas-Saħara tal-Punent għall-awtodeterminazzjoni mir-Renju tal-Marokk kif ukoll li ma tagħtix għajnuna jew assistenza għall-kontinwazzjoni ta' din is-sitwazzjoni [187]. Għaldaqstant, sa fejn dawn japplikaw għat-territorju tas-Saħara tal-Punent u għall-ilmijiet li jmissu magħha, il-Ftehim dwar is-Sajd u l-Protokoll tal-2013 huma inkompatibbli mal-Artikolu 3(5) TUE, l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 21(1) TUE, l-Artikolu 21(2)(b) u (c) TUE, u l-Artikoli23 TUE u 205 TFUE, li jimponu fuq l-Unjoni l-obbligu li l-azzjoni esterna tagħha tipproteġi d-drittijiet tal-bniedem u tirrispetta strettament id-dritt internazzjonali.

213. Ir-Regolament Nru 764/2006, id-Deċiżjoni 2013/785 u r-Regolament Nru 1270/2013 huma għalhekk kuntrarji għall-Artikolu 3(5) TUE, l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 21(1) TUE, l-Artikolu 21(2)(b) u (c) TUE, l-Artikoli 23 TUE u 205 TFUE inkwantu japprovaw u jimplementaw l-applikazzjoni tal-Ftehim dwar is-sajd u tal-Protokoll tal-2013 għat-territorju tas-Saħara tal-Punent u għall-ibħra li jmissu miegħu.

185 Ara, pereżempju, l-Artikolu 5(4) tal-Ftehim ta' sħubija fis-settur tas-sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tas-Seychelles (ĠU 2006, L 290, p. 2); l-Artikoli 2(a) u 11 tal-Ftehim ta' sħubija fis-settur tas-sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Iżlamika tal-Mawritanja (ĠU 2006, L 343, p. 4); l-Artikolu 2(a) u l-Artikolu 11 tal-Ftehim ta' sħubija dwar is-sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Ginea-Bissau għall-perijodu mis-16 ta' Ġunju 2007 sal-15 ta' Ġunju 2011 (ĠU 2007, L 342, p. 5); l-Artikolu 2(c) tal-Ftehim ta' sħubija fis-settur tas-sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Kosta tal-Avorju u (ĠU 2008, L 48, p. 41); l-Artikolu 1(f) tal-Ftehim ta' sħubija dwar is-sajd sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tas-Senegal (ĠU 2014, L 304, p. 3).

186 Ara l-Artikolu 7 tal-Ftehim dwar is-Sajd kif ukoll l-Artikolu 3(1), (4) u (5) u l-Artikolu 6 tal-Protokoll tal-2013. Dawn id-dispożizzjonijiet ma jiżgurawx li l-kontribut finanzjarju jkun ta' benefiċċju għall-poplu tas-Saħara tal-Punent b'mod proporzjonali mal-kwantitajiet ta' qabdiet magħmula fl-ilmijiet li jmissu mas-Saħara tal-Punent. Ara l-punti 271 sa 285285 ta' dawn il-konklużjonijiet.

187 Ara Milano, E., "The New Fisheries Partnership Agreement between the EC and Morocco: Fishing too South?", *Anuario español de derecho internacional*, 2006, vol. 22, p. 413 sa 457, speċjalment p. 442 sa 447 u Dawidowicz, M., "Trading Fish or Human Rights in Western Sahara? Self-Determination, Non-Recognition and the EC-Morocco Fisheries Agreement" ippubblikat bil-Franċiż, D. (ed.), *Statehood, Self-Dtermination and Minorities*: *Reconciling Tradition and Modernity in International Law*, Cambridge University Press, Cambridge, 2013, p. 250 sa 276.

*3) Il-ftehim internazzjonali applikabbli għas-Saħara tal-Punent saru mar-Renju tal-Marokk abbażi ta' titolu ieħor u mhux id-dikjarazzjoni tiegħu ta' sovranità fuq dan it-territorju?*

214. L-analiżi preċedenti saret abbażi tad-dikjarazzjoni mir-Renju tal-Marokk tas-sovranità tiegħu fir-rigward tas-Saħara tal-Punent li ppermettietlu jikkonkludi mal-Unjoni l-Ftehim dwar is-Sajd u l-Protokoll tal-2013.

215. Madankollu, kif qalet il-Comader fis-seduta, irrispettivament mill-perspettiva tar-Renju tal-Marokk fuq din il-kwistjoni, hu jaċċetta li l-Unjoni u l-Istati Membri tiegħu jista' jkollhom perspettiva differenti.

216. Għaldaqstant, jien se nistudja l-kwistjoni dwar jekk il-konklużjoni tal-Ftehim dwar is-Sajd u tal-Protokoll tal-2013 jistax jiġi ġġustifikat abbażi ta' titolu ieħor li r-Renju tal-Marokk jista' jkollu fir-rigward tas-Saħara tal-Punent, li jagħtih dak li l-Kummissjoni sejħet, waqt is-seduta, is-"setgħa li jikkonkludi trattati" (*treaty-making power*) li jinkludi t-territorju mhux awtonomu tas-Saħara tal-Punent.

217. F'dan ir-rigward, il-Gvern Franċiż, il-Kummissjoni u l-Kunsill isostnu li r-Renju tal-Marokk huwa "awtorità amministrattiva *de facto*" tas-Saħara tal-Punent, li jippermetti l-konklużjoni tal-ftehim internazzjonali applikabbli għas-Saħara tal-Punent u għall-ilmijiet li jmissu magħha mingħajr ksur tad-dritt tal-poplu tiegħu għall-awtodeterminazzjoni.

218. Għall-kuntrarju, id-WSC issostni li peress li huwa l-awtorità li tokkupa s-Saħara tal-Punent [188], ir-Renju tal-Marokk ma jista' jikkonkludi l-ebda ftehim internazzjonali applikabbli għas-Saħara tal-Punent u għall-ibħra li jmissu magħha.

219. Il-Gvern Spanjol u Portugiż ma ħadux pożizzjoni fuq din il-kwistjoni, peress li l-Gvern Spanjol qal biss li r-Renju tal-Marokk ma huwiex l-awtorità li tokkupa s-Saħara tal-Punent, mingħajr madankollu ma speċifika f'liema kwalità hu allura jista' jikkonkludi ftehim internazzjonali applikabbli għal dan it-territorju u għall-ilmijiet li jmissu miegħu.

220. Din il-kwistjoni tal-eżistenza fid-dritt internazzjonali ta' bażi legali li tippermetti lill-Unjoni li tikkonkludi mar-Renju tal-Marokk ftehim internazzjonali applikabbli għas-Saħara tal-Punent u għall-ilmijiet li jmissu magħha hija kwistjoni ta' interpretazzjoni tal-liġi internazzjonali li għaliha l-kundizzjonijiet ta' invokabbiltà tad-dritt internazzjonali ma humiex applikabbli.

*i) Ir-Renju tal-Marokk bħala awtorità amministrattiva de facto tas-Saħara tal-Punent*

221. Fl-opinjoni tiegħi, l-argument tal-Gvern Franċiż, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, li r-Renju tal-Marokk huwa l-"awtorità amministrattiva *de facto*" tas-Saħara tal-Punent ma għandux jintlaqa'. Għandu jiġi enfasizzat li la l-Gvern Spanjol u lanqas il-Gvern Portugiż ma adottaw dawn it-termini.

188 Il-qorti tar-rinviju taqbel ma' din l-evalwazzjoni. L-istess jgħodd għall-amministrazzjoni fiskali u doganali u għall-Ministru għall-Ambjent, l-Ikel u l-Affarijiet Rurali. Ara l-punti 27 u 44.1, 47.4 tad-deċiżjoni ta' talba għal deċiżjoni preliminari kif ukoll il-punti 40, 43, 48 u 49 tas-sentenza tad-19 ta' Ottubru 2015 fil-Kawża *Western Sahara Campaign UK, R (on the application of) v HM Revenue and Customs* [2015] EWHC 2898 (Admin). Il-Kummissjoni ma teskludix li r-Renju tal-Marokk jista' jiġi kkunsidrat bħala awtorità li tokkupa s-Saħara tal-Punent. Ara l-punt 43 tar-risposti tagħha għall-mistoqsijiet bil-miktub magħmula mill-Qorti tal-Ġustizzja.

222. Mill-kliem tal-Artikolu 73 tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti jirriżulta li l-kunċett ta' "awtorità amministrattiva" ifisser "il-membri tan-Nazzjonijiet Uniti li għandhom jew li jassumu r-responsabbiltà li jamministraw it-territorji [mhux awtonomi]". Ir-Renju tal-Marokk ma kellux ir-responsabbiltà li jamministra s-Saħara tal-Punent fil-mument tal-adeżjoni tagħha mal-ONU fl-1956 u qatt ma assuma tali responsabbiltà peress li jikkunsidra lilu nnifsu bħala s-sovran ta' dan it-territorju [189].

223. Barra minn hekk, il-kunċett ta' "awtorità amministrattiva *de facto*" ma jeżistix fid-dritt internazzjonali u ġie użat għall-ewwel darba mill-Kummissjoni f'risposta mogħtija f'isimha mir-Rappreżentanta Għolja tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, il-Viċi-President tal-Kummissjoni, il-Barunessa Catherine Ashton, għall-mistoqsijiet parlamentari li bir-riferimenti E–001004/11, P-001023/11 u E-002315/11 [190].

224. Fil-fatt, il-Kunsill u l-Kummissjoni ma setgħux jagħtu eżempju ieħor fejn dan it-terminu ġie użat biex jiddeskrivi r-relazzjoni bejn Stat u territorju mhux awtonomu. F'dan ir-rigward għandu jiġi enfasizzat li dan fil-każ kontemporanju u simili ħafna tal-annessjoni tat-Timor orjentali mir-Repubblika tal-Indoneżja, it-terminu ta' "awtorità amministrattiva *de facto*" ma ġiex użat biex jiddeskrivi l-kwalità ta' dan l-Istat fil-konfront tat-Timor orjentali. Għall-kuntrarju, il-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja kklassifikat bħala okkupazzjoni l-intervent militari tar-Repubblika tal-Indoneżja fit-Timor orjentali [191].

225. Il-fatt li, bil-Ftehim ta' Madrid, ir-Renju tal-Marokk sar membru tal-amministrazzjoni temporanja tas-Saħara tal-Punent ma setax jagħtih l-istatus ta' awtorità amministrattiva li tista' tikkonkludi ftehim internazzjonali applikabbli għas-Saħara tal-Punent mingħajr ma jikser id-dritt tal-poplu ta' dan it-territorju għall-awtodeterminazzjoni. Fil-fatt, minn naħa waħda, il-leġittimità tal-Ftehim ta' Madrid hija kkontestata bis-sħiħ [192], u dan huwa kkonfermat mill-fatt li r-Riżoluzzjoni 3458 B (XXX), li tieħu konjizzjoni tal-imsemmi ftehim, ġiet approvata minn 56 Stat biss filwaqt li diversi Stati Membri tal-Unjoni vvotaw kontra jew astjenew [193]. Min-naħa l-oħra, kif jirriżulta mill-paragrafu 4 tar-Riżoluzzjoni 3458 B (XXX), l-Assemblea Ġenerali tal-ONU ma ħaditx konjizzjoni tal-Ftehim ta' Madrid u tal-eżistenza tal-amministrazzjoni temporanja ħlief sa fejn din l-amministrazzjoni kienet mistennija tieħu kull miżura neċessarja sabiex tippermetti lill-poplu tas-Saħara tal-Punent jeżerċita

189 Ara l-punt 19292 ta' dawn il-konklużjonijiet. Ara Milano, E., "The New Fisheries Partnership Agreement between the EC and Morocco: Fishing too South?", *Anuario español de derecho internacional*, 2006, vol. 22, p. 413 sa 457, speċjalment p. 430.

190 ĠU 2011, C 286 E, p. 1. Skont din ir-risposta, "skont il-pożizzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar din il-kwistjoni, li magħha hija msieħba l-UE, is-Saħara tal-Punent hija kkunsidrata bħala 'territorju mhux awtonomu' u l-Marokk huwa *de facto* l-awtorità amministrattiva tagħha".

191 Ara Timor orjentali (Il-Portugall vs L-Awstralja), sentenza (QIĠ, Ġabra 1995, p. 90, punt 13). F'din il-kawża, ir-Repubblika Portugiża sostniet li, minkejja l-okkupazzjoni tat-Timor orjentali mir-Repubblika tal-Indoneżja, il-Commonwealth tal-Awstralja ma setgħetx tikkonkludi trattat internazzjonali applikabbli għat-Timor orjentali ħlief mar-Repubblika Portugiża fid-dawl tal-kwalità tagħha bħala awtorità amministrattiva ta' dan it-territorju. Għalhekk ma huwa xejn sorprendenti li, fl-osservazzjonijiet bil-miktub tiegħu ppreżentati fil-kuntest ta' din il-kawża, il-Gvern Portugiż ma ħax pożizzjoni dwar il-validità tal-atti kkontestati filwaqt li qal biss li l-validità tagħhom ma tistax tiġi ġġudikata fil-kuntest tal-Artikolu 3(5) TUE u li r-regoli tad-dritt internazzjonali invokati mid-WSC ma kinux invokabbli. Huwa lanqas wieġeb il-mistoqsijiet li sarulu mill-Qorti tal-Ġustizzja, u lanqas ipparteċipa fis-seduta.

192 Ara s-sentenza tad-19 ta' Ottubru 2015 fil-Kawża *Western Sahara Campaign UK, R (on the application of) v HM Revenue and Customs* [2015] EWHC 2898 (Admin), punt 40 u r-Riżoluzzjoni 3458 A (XXX) tal-Assemblea Ġenerali tal-ONU li ma ssemmix dan il-ftehim u tirreferi għar-Renju ta' Spanja bħala awtorità amministrattiva. Ara wkoll f'dan is-sens Brownlie, I., *African Boundaries: a Legal and Diplomatic Encyclopaedia*, C. Hurst & Company, Londra, 1979, p. 149 sa 158, li jipprevedi li "fl-1976, Spanja ttrasferiet it-territorju tas-Saħara Spanjola lill-Marokk u lill-Mawritanja u saret diviżjoni [….] Peress li l-leġittimità tal-arranġament ta' diviżjoni huwa kkuntestat u nieqes minn bażi legali, il-fruntieri tas-Saħara tal-Punent għandhom jiġu eżaminati" (p. 149) ("*In 1976 Spain transferred the territorry of Spanish Sahara to Morocco and Mauritania and a partition was arranged [...] Since the legitimacy of the partition arrangement is in question and lacks a legal basis, the frontiers of Western Sahara merit examination*"). Skont l-istess awtur, "Huwa riskjuż li jiġi aċċettat il-*fait accompli* (jekk huwa hekk) li sar minn Spanja, il-Marokk u l-Mawritanja sakemm is-sitwazzjoni politika ma tevolvix iktar. In-nuqqas ta' rikonoxximent ta' dan ir-riżultat mill-Istati Membri kollha għandu bażi fid-dritt internazzjonali." (p. 157) ["*Until the political situation evolves further, it is unsafe to accept the fait accompli (if that is what it is) arranged by Spain, Morocco and Mauritania. Non-recognition of the outcome by other States has a basis in International Law.*"]. Ara fl-aħħar nett Soroeta Liceras, J., "La posicíon de la Unión Europea en el conflicto del Sahara Occidental, una muestra palpable (más) de la primacía de sus intereses económicos y políticos sobre la promoción de la democracia y de los derechos humanos", *Revista de Derecho Comunitario Europeo*, 2009, vol. 34, p. 823 sa 864, sa p. 832, u Saul, B. "The Status of Western Sahara as Occupied Territory under International Humanitarian Law and the Exploitation of Natural Ressources", *Sydney Law School Legal Studies Research Paper* Nru 15/81 (Settembru 2015), p. 18.

193 Ara l-punt 163 ta' dawn il-konklużjonijiet. Għall-kuntrarju, ir-Riżoluzzjoni 3458 A (XXX) li ma rrikonoxxietx il-Ftehim ta' Madrid, ġiet approvata minn 88 Stat, mingħajr vot wieħed kontra, peress li l-Istati Membri preżenti tal-Unjoni Ewropea vvotaw favur din ir-riżoluzzjoni, bl-eċċezzjoni tar-Renju ta' Spanja u tar-Repubblika Portugiża li astjenew kif ukoll ir-Repubblika ta' Malta li ma vvotatx.

d-dritt tiegħu għall-awtodeterminazzjoni. F'dan is-sens, anki l-Istati li vvotaw għal din ir-riżoluzzjoni, fosthom b'mod partikolari l-Istati Uniti, ma jirrikonoxxux li r-Renju tal-Marokk għandu s-setgħa amministrattiva iżda jirrikonoxxu l-fatt li r-Renju tal-Marokk qiegħed lis-Saħara tal-Punent taħt il-"kontroll amministrattiv" tiegħu (administrative control)[194]. F'dan il-kuntest, il-konklużjoni ta' ftehim internazzjonali, u iktar ta' ftehim ta' esplojtazzjoni ta' riżorsi naturali tas-Saħara tal-Punent bħall-Ftehim dwar is-Sajd, jaqbeż bis-sħiħ l-interpretazzjoni, anki l-iktar waħda wiesgħa, li tista' tingħata lill-mandat mogħti lill-amministrazzjoni temporanja tas-Saħara tal-Punent li tagħha r-Renju tal-Marokk kien membru.

226. Fi kwalunkwe każ, ma hijiex l-Assemblea Ġenerali tal-ONU li għandha tirrikonoxxi territorju bħala mhux awtonomu u għalhekk, tidentifika l-awtorità amministrattiva tiegħu[195].

227. Iż-żewġ eżempji mogħtija mill-Kummissjoni u li jirreferu għall-gżejjer Cocos (Keeling) u l-Guinea l-Ġdida tal-Punent[196] jikkonfermaw dan ir-rwol privileġġat tal-Assemblea Ġenerali tal-ONU. Fil-każ tal-gżejjer Cocos (Keeling), ir-Renju Unit irtira dawn il-gżejjer mill-kolonja ta' Singapor u poġġihom taħt l-awtorità tal-Commonwealth tal-Awstralja[197]. Anki jekk l-Assemblea Ġenerali tal-ONU ma tatx l-awtorizzazzjoni minn qabel għal dan it-trasferiment, il-Commonwealth tal-Awstralja kompliet il-prassi tar-Renju Unit li tikkonsisti f'li jipprovdi lill-ONU l-informazzjoni prevista fl-Artikolu 73(e) tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti mill-1957[198] u l-Assemblea Ġenerali approvat dan it-trasferiment sussegwentement billi poġġiet il-Commonwealth tal-Awstralja bħala awtorità amministrattiva tal-gżejjer Cocos (Keeling) fil-lista tagħha tat-territorji mhux awtonomi[199].

228. F'dak li jikkonċerna l-Guinea l-Ġdida tal-Punent, li l-awtorità amministrattiva tagħha kienet ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi, kuntrarjament għal dak li tqajjem il-Kummissjoni, it-trasferiment ta' dan it-territorju mir-Renju tal-Pajjiż lill-awtorità eżekuttiva temporanja tan-Nazzjonijiet Uniti u minn din lir-Repubblika tal-Indoneżja saret permezz ta' trattat internazzjonali li ma daħalx fis-seħħ *qabel l-approvazzjoni tiegħu* mill-Assemblea Ġenerali tan-NU[200].

229. F'dan il-każ, filwaqt li s-Saħara tal-Punent ġiet irrikonoxxuta mill-1960 mill-Assemblea Ġenerali tal-ONU bħala territorju mhux awtonomu[201], din qatt ma rrikonoxxiet il-kwalità tal-awtorità amministrattiva (*de jure* jew *de facto*) lir-Renju tal-Marokk u tkompli, anki llum, turi lir-Renju ta' Spanja bħala tali fil-lista tat-territorji mhux awtonomi tagħha u tal-awtoritajiet amministrattivi[202].

194 Ara, pereżempju, Burton, M. F., *Foreign Relations of the United States, 1977-1980*, United States Government Printing Office, Washington, 2017, vol. XVII, parti 3 (Dokumenti fuq l-Afrika ta' Fuq), p. 90, 371, 372 u 575.

195 Ara Bedjaoui, M., "Article 73" ippubblikat f'Cot, J.-P., Pellet, A. u Forteau, M., *La Charte des Nations Unies*: *commentaire article par article*, it-3 ed., Economica, Pariġi, 2005, p. 1751 sa 1767, speċjalment p. 1763; Fastenrath, U., "Chapter XI Declaration Regarding Non-self-governing Territories" ippubblikat f'Simma, B., Khan, D.-E., Nolte, G. u Paulus, A. (edituri), *The Charter of the United Nations*: *A Commentary*, it-3 ed., Oxford University Press, Oxford, 2012, vol. II, p. 1829 sa 1839, speċjalment p. 1836. Ara wkoll, f'dan is-sens, il-punt 3 tar-Riżoluzzjoni 742 (VIII), tas-27 ta' Novembru 1953, tal-Assemblea Ġenerali tal-ONU.

196 Ara l-punt 57 tar-risposti tal-Kummissjoni għall-mistoqsijiet bil-miktub magħmula mill-Qorti tal-Ġustizzja.

197 Ara l-Liġi dwar il-gżejjer Cocos tal-1955 (Cocos Islands Act 1955) u d-digriet tal-Kunsill dwar il-gżejjer Cocos tal-1955 (Cocos Islands Order in Council 1955, SI 1955/1642). Ara, f'dan is-sens, Kerr, A., *A Federation in These Seas*, Attorney General's Department of the Commonwealth of Australia, 2009, p. 271 sa 273 u 308 sa 310; Spagnolo, B., *The Continuity of Legal Systems in Theory and Practice*, Hart Publishing, Oxford, 2015, p. 62.

198 Ara *Répertoire de la pratique suivie par les organes des Nations Unies*, suppliment Nru 2 (1955-1959), vol. 3, punt 6.

199 Ara *Répertoire de la pratique suivie par les organes des Nations Unies*, suppliment Nru 3 (1959-1966), vol. 3, punt 215. Ara wkoll, f'dan is-sens, ir-Riżoluzzjoni 39/30 tal-Assemblea Ġenerali tal-ONU li tirreferi għall-Commonwealth tal-Awstralja bħala awtorità amministrattiva.

200 Ara l-Artikoli I u XXVII tal-Ftehim bejn ir-Repubblika tal-Indoneżja u r-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi dwar il-Guinea l-Ġdida tal-Punent (Iran tal-Punent), iffirmat fis-sede tal-ONU, fi New York, fil-15 ta' Awwissu 1962, *Ġabra tat-trattati tan-Nazzjonijiet Uniti*, vol. 437, p. 274. Ara wkoll, f'dan is-sens, ir-Riżoluzzjoni 1752 (XVII) tal-Assemblea Ġenerali tal-ONU.

201 Ara *Répertoire de la pratique suivie par les organes des Nations unies*, suppliment Nru 3 (1959-1966), vol. 3, punti 52 sa 55.

202 Ara r-rapport tat-3 ta' Frar 2017 tas-Segretarju Ġenerali tal-ONU dwar l-informazzjoni relatata mat-territorji awtonomi mibgħuta skont il-punt (e) tal-Artikolu 73 tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti (A72/62).

230. Din il-konklużjoni hija msaħħa mill-ittra datata d-29 ta' Jannar 2002, indirizzata lill-President tal-Kunsill tas-Sigurtà mis-Segretarju Ġenerali għall-Affarijiet Legali, konsulent legali, Hans Corell li tgħid li "[l-][Ftehim ta' Madrid ma kienx jipprevedi trasferiment ta' sovranità fit-territorju u lanqas ma jagħti lil xi firmatarju l-istatus ta' awtorità amministrattiva, status li Spanja ma setgħetx barra minn hekk tittrasferixxi unilateralment"[203]. Barra minn hekk, anki jekk innota li "l-Marokk jamministra biss it-territorju tas-Saħara tal-Punent mill-[1976]", li huwa fatt inkontestabbli, huwa żied li "madankollu, il-Marokk ma jidhirx bħala awtorità amministrattiva tat-territorju fil-lista tat-territorji mhux awtonomi tal-ONU, u konsegwentement, ma kkomunikax informazzjoni fuq it-territorju skont is-subparagrafu (e) tal-Artikolu 73 tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti"[204].

231. Għall-kumplament, is-Segretarju Ġenerali inkarigat mill-affarijiet legali analizza *b'analoġija* l-legalità tad-deċiżjonijiet li l-awtoritajiet Marokkini ħadu f'dak li jikkonċerna l-offerta u l-iffirmar tal-kuntratti ta' esplorazzjoni tar-riżorsi minerali tas-Saħara tal-Punent ta' qabel ma' kumpanniji privati barranin, abbażi tal-prinċipji applikabbli għas-setgħat u r-responsabbiltajiet ta' awtoritajiet amministrattivi fuq l-attivitajiet li jirrigwardaw ir-riżorsi minerali tat-territorji mhux awtonomi[205]. Hu bbaża din l-analoġija fuq is-sistema ġuridika għall-awtoritajiet amministrattivi fuq l-idea li, peress li s-Saħara tal-Punent hija territorju mhux awtonomu u li din is-sistema teżisti għall-benefiċċju tal-poplu tiegħu, ir-Renju tal-Marokk għandu jwettaq l-istess obbligi bħal awtorità amministrattiva.

232. Madankollu, din l-ittra ma tista' bl-ebda mod isservi bħala bażi għall-eżistenza, fid-dritt internazzjonali, tal-kunċett ta' "awtorità amministrattiva *de facto*" b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda l-kwistjoni dwar il-konklużjoni tal-ftehim internazzjonali li, kuntrarjament għall-firma tal-kuntratti ma' kumpanniji privati, huwa "attribut tas-sovranità"[206].

233. Fl-aħħar nett, għandu jiġi nnotat li l-kapaċità tal-awtorità amministrattiva li tikkonkludi ftehim internazzjonali applikabbli għat-territorju mhux awtonomu u li tirrigwarda elementi essenzjali tad-dritt tal-popli, fosthom id-dritt għall-awtodeterminazzjoni u l-prinċipju ta' sovranità permanenti fuq ir-riżorsi naturali, hija limitata mill-mument li fih "[l-]attività [ta' moviment ta' liberazzjoni nazzjonali] kellha portata internazzjonali"[207]. Konsegwentement, anki jekk ir-Renju tal-Marokk jiġi rrikonoxxut bħala awtorità amministrattiva, il-kapaċità tiegħu li jikkonkludi ftehim internazzjonali applikabbli għas-Saħara tal-Punent kienet tkun "limitata"[208].

*ii) Ir-Renju tal-Marokk bħala awtorità okkupanti tas-Saħara tal-Punent*

234. Il-qorti tar-rinviju u d-WSC jikkunsidraw li r-Renju tal-Marokk jokkupa s-Saħara tal-Punent. Madankollu, kuntrarjament għall-qorti tar-rinviju, id-WSC tikkunsidra li bħala awtorità okkupanti, ir-Renju tal-Marokk ma jista' bl-ebda mod jikkonkludi mal-Unjoni Ewropea ftehim internazzjonali applikabbli għas-Saħara tal-Punent u l-ibħra li jmissu magħha.

203 S/2002/161, punt 6.

204 S/2002/161, punt 7.

205 S/2002/161, punti 8 u 21.

206 Kawża tal-Vapeur Wimbledon (Ir-Renju Unit *et* vs Il-Ġermanja), is-sentenza tas-17 ta' Awwissu 1923, CPJI Serje A Nru 1, p. 25.

207 Ara l-Kawża tad-delimitazzjoni tal-fruntiera marittima bejn il-Guinea-Bissau u s-Senegal, is-sentenza tal-31 ta' Lulju 1989, *Ġabra ta' sentenzi ta' arbitraġġ*, vol. XX, p. 119 à 213, punti 51 u 52. Il-validità ta' din is-sentenza ġiet ikkonfermata mill-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja (ara s-sentenza ta' arbitraġġ tal-31 ta' Lulju 1989, sentenza (QIĠ Ġabra 1991, p. 53)). Skont it-tribunal ta' arbitraġġ, l-attivitajiet ta' liberazzjoni nazzjonali "għandhom portata fuq il-pjan internazzjonali mill-mument li fih jikkostitwixxu fil-ħajja istituzzjonali ta' Stat territorjali avveniment anormali li jisfurżawh jieħu miżuri eċċezzjonali, jiġifieri meta, sabiex jiddominda jew jipprova jiddomina l-avvenimenti, ikollu juża mezzi li ma humiex dawk li normalment jintużaw sabiex jilqa' problemi okkażżjonali". L-eżistenza ta' kunflitt armat li żviluppa bejn il-Front Polisario u l-armati Marokkini u Mawritanji jissodisfa dan il-kriterju.

208 Ara l-Kawża tad-delimitazzjoni tal-fruntiera marittima bejn il-Guinea-Bissau u s-Senegal, sentenza tal-31 ta' Lulju 1989, *Ġabra ta' sentenzi ta' arbitraġġ*, vol. XX, p. 119 sa 213, punt 52.

235. Fir-rigward tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni, hemm differenza sinjifikattiva bejn il-pożizzjonijiet tal-Kunsill u tal-Kummissjoni. Fil-fatt, il-Kunsill jinnega b'mod kategoriku l-applikazzjoni għas-Saħara tal-Punent tar-regoli tad-dritt internazzjonali dwar l-okkupazzjonijiet militari minkejja li l-Kummissjoni ma teskludix dan filwaqt li ssostni li s-sistemi ġuridiċi applikabbli għall-awtoritajiet amministrattivi u għall-awtoritajiet li jokkupaw ma humiex reċiprokament esklużivi.

236. Jien ma naqbilx mal-argument tad-WSC għaliex, taħt ċerti kundizzjonijiet, awtorità okkupanti tista' tikkonkludi ftehim internazzjonali applikabbli għat-territorju okkupat. Dan huwa l-każ f'dan il-każ?

*– Dwar l-applikabbiltà tad-dritt internazzjonali umanitarju għas-Saħara tal-Punent*

237. Id-dispożizzjonijiet tad-dritt internazzjonali umanitarju (jew id-dritt tal-kunflitti armati) rilevanti għall-analiżi li ġejja huma l-Artikoli 42 u 43 tar-Regolament ta' Den Haag tal-1907, l-Artikoli 2 u 64 tal-Konvenzjoni IV ta' Genève, u l-Artikolu 1(4) tal-Ewwel Protokoll addizzjonali tat-8 ta' Ġunju 1977 għall-Konvenzjonijiet ta' Genève tat-12 ta' Awwissu 1949 dwar il-protezzjoni tal-vittmi ta' kunflitti armati [209] (iktar 'il quddiem il-"Protokoll addizzjonali I") [210].

238. Qabel xejn għandu jiġi nnotat li, kif iddeċidiet il-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja, "[ir-regoli fundamentali tad-dritt internazzjonali umanitarju fosthom ir-Regolament ta' Den Haag tal-1907] huma imposti barra minn hekk fuq l-Istati kollha, irrispettivament minn jekk irratifikawx l-istrumenti konvenzjonali li jesprimuhom, għaliex dawn jikkostitwixxu prinċipji intransgressivi tad-dritt internazzjoanli konswetudinarju" [211] u "jinkorporaw obbligi li għandhom essenzjalment natura *erga omnes*" [212].

239. Fil-fatt, skont l-Artikolu 1 tal-Konvenzjoni IV ta' Genève, li hija dispożizzjoni komuni għall-erba' Konvenzjonijiet ta' Genève, "[l]-Awtoritajiet Għolja Kontraenti jobbligaw ruħhom sabiex josservaw u *jitolbu l-osservanza* ta' dan il-ftehim fi kwalunkwe ċirkustanza" [213].

240. Skont il-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja, "[m]inn din id-dispożizzjoni jirriżulta l-obbligu ta' kull Stat parti ta' din il-Konvenzjoni, kemm jekk huwa parti minn kunflitt partikolari u kemm jekk le, li jitlob li d-dispożizzjonijiet tal-istrumenti kkonċernati jiġu osservati" [214].

241. F'dan is-sens, skont l-Artikolu 3(5)TUE, fir-rigward tal-osservanza stretta tad-dritt internazzjonali, l-Unjoni għandha l-obbligu li ma tirrikonoxxix sitwazzjoni illegali li tirriżulta minn ksur ta' dawn ir-regoli u li ma tagħtix għajnuna jew assistenza insostenn ta' din is-sitwazzjoni [215].

209 Ġabra tat-Trattati tan-Nazzjonijiet Uniti, Vol. 1125, p. 3.

210 Fi kwalunkwe każ, dawn ir-regoli jissodisfaw il-kriterji ta' invokabbiltà msemmija fil-punt 966 ta' dawn il-konklużjonijiet għall-istess raġunijiet bħal dawk mogħtija fil-punt 1399 ta' dawn il-konklużjonijiet.

211 Leġittimità tat-theddida jew tal-użu ta' armi nukleari, Opinjoni konsultattiva (QIĠ Ġabra 1996, p. 226, punt 79). Ara wkoll f'dan is-sens is-sentenza tal-1 ta' Ottubru 1946 tal-Qorti militari internazzjonali ta' Nuremberg fil-Kawża L-Istati Uniti tal-Amerika *et* vs Goering *et*, ippubblikata fi *Trial of the Major War Criminals before the International Military Tribunal (Nuremberg, 14 November 1945 – 1 October 1946)*, 1947, pp. 171 sa 341, speċjalment p. 253 u 254; Konsegwenzi legali tal-bini ta' ħajt fit-territorju Palestinjan okkupat, Opinjoni konsultattiva (QIĠ, Ġabra 2004, p. 136, punti 89 u 157).

212 Konsegwenzi legali tal-bini ta' ħajt fit-territorju Palestinjan okkupat, Opinjoni konsultattiva (QIĠ, Ġabra 2004, p. 136, punt 157).

213 Enfasi miżjud minni. L-Istati Membri kollha tal-Unjoni u r-Renju tal-Marokk huma partijiet f'dawn il-Konvenzjonijiet u fil-Protokoll addizzjonali I. Barra minn hekk, permezz ta' dikjarazzjoni unilaterali tat-23 ta' Ġunju 2015 imressqa quddiem il-Kunsill Federali Svediż bħala depożitarju tal-Konvenzjonijiet ta' Genève, li ġiet innotifikata lill-Istati li kienu parti f'dawn il-Konvenzjonijiet, il-Front Polisario kien obbliga ruħu li japplika l-erba' Konvenzjonijiet ta' Genève tal-1949 u l-Protokoll addizzjonali I tal-1977 fil-kunflitt li kellu mar-Renju tal-Marokk.

214 Konsegwenzi legali tal-bini ta' ħajt fit-territorju Palestinjan okkupat, Opinjoni konsultattiva (QIĠ, Ġabra 2004, p. 136, punt 158).

215 Ara l-punt 127 ta' dawn il-konklużjonijiet.

242. Il-Konvenzjoni IV ta' Genève hija applikabbli għalhekk meta jiġu ssodisfatti żewġ kundizzjonijiet, jiġifieri l-eżistenza ta' kunflitt armat (irrispettivament minn jekk l-istat ta' gwerra ġiex irrikonoxxut jew le) u l-eżistenza ta' dan il-kunflitt bejn żewġ partijiet kontraenti[216]. Skont il-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja, "[i]t-tieni paragrafu tal-Artikolu 2 ma għandux l-għan li jirrestrinġi l-kamp ta' applikazzjoni tal-ftehim kif stabbilit bl-ewwel paragrafu, billi jeskludi minn dan il-kamp ta' applikazzjoni t-territorji li ma jaqgħux fis-sovranità ta' waħda mill-partijiet kontraenti. Huwa intiż biss sabiex jispjega li, anki jekk l-okkupazzjoni li jkun hemm matul il-kunflitt tkun seħħet mingħajr reżistenza militari, il-ftehim jibqa' xorta applikabbli"[217].

243. Barra minn hekk, l-Artikolu 1(4) tal-Protokoll addizzjonali I jestendi l-applikazzjoni tal-erba' Konvenzjonijiet ta' Genève tal-1949 għall-"kunflitti armati li fihom l-popli jikkumbattu kontra d-dominanza kolonjali u l-okkupazzjoni barranija [...] fl-eżerċizzju tad-dritt tal-popli għall-awtodeterminazzjoni"[218]. Dan huwa l-każ tal-poplu tas-Saħara tal-Punent li għadu ma eżerċitax dan id-dritt u jinsab fi proċedura ta' dekolonizzazzjoni[219].

244. Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li l-kunflitt armat li seħħ fis-Saħara tal-Punent bejn l-1976 u l-1988 huwa kunflitt armat internazzjonali, li jagħmel ir-regolament ta' Den Haag tal-1907 applikabbli għas-Saħara tal-Punent.

*– Fuq l-eżistenza ta' okkupazzjoni militari fis-Saħara tal-Punent*

245. F'dan il-kuntest, għandu jiġi eżaminat jekk il-preżenza tar-Renju tal-Marokk fis-Saħara tal-Punent hijiex okkupazzjoni fis-sens tal-Artikolu 42 tar-Regolament ta' Den Haag tal-1907 li l-Unjoni ma tistax tirrikonoxxi jew tagħti għajnuna jew assistenza. Skont din id-dispożizzjoni, "[t]erritojru huwa kkunsidrat bħala okkupat meta jkun jinsab taħt l-awtorità tal-armati tal-għadu".

246. F'dan ir-rigward, qabel xejn għandu jiġi enfasizzat li l-eżistenza ta' okkupazzjoni hija kwistjoni ta' fatt[220]. Il-qorti tar-rinviju kif ukoll l-amministrazzjoni fiskali u doganali u l-Ministru għall-Ambjent, l-Ikel u l-Affarijiet Rurali jikkunsidraw li s-Saħara tal-Punent tinsab taħt okkupazzjoni Marokkina[221], li huwa kkonfermat bir-Riżoluzzjoni 34/37 tal-Assemblea Ġenerali tal-ONU[222] li għaliha rreferiet il-Qorti tal-Ġustizzja fil-punti 35 u 105 tas-sentenza tagħha tal-21 ta' Diċembru 2016, Il-Kunsill vs Front Polisario (C-104/16 P, EU:C:2016:973).

216 Ara l-Artikolu 2 ta' dan il-ftehim, kif ukoll Konsegwenzi legali tal-bini ta' ħajt fit-territorju Palestinjan okkupat, Opinjoni konsultattiva (QIĠ, Ġabra 2004, p. 136, punt 95).

217 Konsegwenzi legali tal-bini ta' ħajt fit-territorju Palestinjan okkupat, Opinjoni konsultattiva (QIĠ, Ġabra 2004, p. 136, punt 95).

218 Artikolu 1(4) tal-Protokoll addizzjonali I u l-kummentarji tal-Kumitat Internazzjonali tas-Salib Aħmar (KISA) tal-1987, punt 114. Ara wkoll f'dan is-sens Roberts, A., "What is military occupation?", *British Yearbook of International Law*, 1985, vol. 55, p. 249 sa 305, speċjalment p. 254 u 255.

219 Ara David, É., *Principes de droit des conflits armés*, 5[e] éd., Brussell, Bruylant, 2012, p. 189 u 190; Milanovic, M., "The Applicability of the Conventions to 'Transnational' and 'Mixed' Conflicts" ippubblikat fi Clapham, A., Gaeta, P. u Sassòli, M. (edituri.), *The 1949 Geneva Conventions*: A commentary, Oxford University Press, Oxford, 2015, p. 27 sa 50, punt 43; Saul, B., "The Status of Western Sahara as Occupied Territory under International Humanitarian Law and the Exploitation of Natural Resources", *Sydney Law School Legal Studies Research Paper* Nru 15/81, Settembru 2015, p. 5 u 6.

220 Ara s-sentenza tal-31 ta' Marzu 2003 tal-Qorti tal-Ewwel Istanza tat-Tribunal Kriminali Internazzjonali tal-ex-Jugoslavja fil-Kawża Le Procureur *vs* Mladen Naletilić u Vinko Martinović (Nru IT-98-34-T), punt 211; Stato maggiore della difesa, *Manuale di diritto umanitario*, 1991, vol. I, punt 32; Federal Ministry of Defence of the Federal Republic of Germany, *Humanitarian Law in Armed Conflicts Manual*, 1992, punt 526; Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali tal-Kanada, *Law of Armed Conflict*, 2001, punt 1203(1); UK Ministry of Defence, *The Manual of the Law of Armed Conflict*, Oxford University Press, Oxford, 2004, punt 11.2; Ministerio de defensa, *El derecho de los conflictos armados*, it-2 edizzjoni, Centro Geográfico del Ejército, Madrid, 2007, vol. I, p. 2-20; U.S. Department of Defense, *Law of War Manual*, 2015, p. 744; Dinstein, Y., *The International Law of Belligerent Occupation*, Cambridge University Press, Cambridge, 2009, p. 42, punt 96; Sassòli, M., "The Concept and the Beginning of Occupation" ippubblikat fi Clapham, A., Gaeta, P. u Sassòli, M. (edituri), *The 1949 Geneva Conventions*: A commentary, Oxford University Press, Oxford, 2015, p. 1389 sa 1419, punt 8.

221 Ara l-punti 27, 44.1 u 47.4 tad-deċiżjoni preliminari kif ukoll il-punti 40, 43, 48 u 49 tas-sentenza tad-19 ta' Ottubru 2015 fil-Kawża *Western Sahara Campaign UK, R (on the application of) v HM Revenue and Customs* [2015] EWHC 2898 (Admin).

222 Ara l-paragrafi 5 u 6. 85 Stat ivvotaw favur, 6 kontra, 41 astjenew u 20 ma vvotawx. L-Istati Membri preżenti tal-Unjoni vvotaw favur jew astjenew. Ara wkoll f'dan is-sens ir-Riżoluzzjoni 35/19 tal-Assemblea Ġenerali tal-ONU.

247. Barra minn hekk, l-eżistenza ta' okkupazzjoni Marokkina fis-Saħara tal-Punent hija magħrufa ferm[223], u dan anki minn Hans Corell[224] li, bħala Segretarju Ġenerali inkarigat mill-Affarijiet Legali tal-ONU u konsulent legali, kien ta opinjoni legali dwar il-legalità tad-deċiżjoni li kienu ħadu l-awtoritajiet Marokkini li jagħtu lil kumpanniji barranin kuntratti ta' esplorazzjoni ta' riżorsi minerali fis-Saħara tal-Punent[225].

248. Finalment, skont il-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja, sabiex ikun magħruf jekk "Stat li l-forzi militari tiegħu huma preżenti fit-territorju ta' Stat ieħor minħabba intervent huwa "awtorità okkupanti" fis-sens tal-*jus in bello*, [għandu jiġi eżaminat] jekk jeżistux provi suffiċjenti li juru li l-awtorità [tal-armata tal-għadu] kienet effettivament stabbilita u eżerċitata fil-kwistjoni fl-Istat awtur tal-intervent"[226].

249. Dan huwa ċar li huwa l-każ għal--parti l-kbira tas-Saħara tal-Punent li testendi lejn il-lvant tal-ħajt tar-ramel mibni u mgħasses mill-armata Marokkina u li jinsab taħt l-awtorità tar-Renju tal-Marokk minn meta ġie anness f'żewġ fażijiet (fl-1976 u l-1979[227]). Hija ġiet amministrata b'mod strutturat[228] mir-Renju tal-Marokk minn dakinhar, mingħajr il-kunsens tal-poplu tas-Saħara tal-Punent li għadu ma eżerċitax id-dritt tiegħu għal awtodeterminazzjoni[229].

223 Ara, b'mod partikolari, Roberts, A., "What is military occupation?", *British Yearbook of International Law*, 1985, vol. 55, pp. 249 sa 305, speċjalment p. 280 sa 281; Gasser, H.P., "The Conflict in Western Sahara – An Unresolved Issue from the Decolonization Period", *Yearbook of International Humanitarian Law*, 2002, vol. 5, pp. 375 sa 380, speċjalment p. 379; Arai-Takahashi, Y., *The Law of Occupation*: Continuity and Change of International Humanitarian Law, and its Interaction with International Human Rights Law, Martinus Nijhoff, De Hague, 2009, p. 140; Chinkin, C., "Laws of occupation" ippubblikat f'Botha, N., Olivier, M. u van Tonder, D. (edituri), *Multilateralism and International Law with Western Sahara as a Case Study*, VerLoren van Themaat Centre, Pretoria, 2010, p. 197 sa 221, speċjalment p. 197 sa 200; Benvenisti, E., *The International Law of Occupation*, it-2 edizzjoni, Oxford University Press, Oxford, 2012, p. 171; Fastenrath, U., "Chapter XI Declaration Regarding Non-self-governing Territories" ippubblikat f'Simma, B., Khan, D.-E., Nolte, G. u Paulus, A. (edituri), *The Charter of the United Nations*: A Commentary, it-3 edizzjoni, Oxford University Press, Oxford, 2012, vol. II, p. 1829 sa 1839, speċjalment p. 1837; Koutroulis, V., "The application of international humanitarian law and international human rights law in prolonged occupation: only a matter of time?", *International Review of the Red Cross*, 2012, vol. 94, p. 165 sa 205, speċjalment p. 171; David, É., *Principes de droit des conflits armés*, il-5 edizzjoni, Bruylant, Brussell, 2012, p. 192; Ruiz Miguel, C., "La responsabilité internationale et les droits de l'homme: le cas du Saħara tal-Punent", *Cahiers de la recherche sur les droits fondamentaux*, 2013, vol. 11, p. 105 sa 130, speċjalment p. 107; Dawidowicz, M., "Trading Fish or Human Rights in Western Sahara? Self-Determination, Non-Recognition and the EC-Morocco Fisheries Agreement" ippubblikat bil-Franċiż, D. (editur), *Statehood, Self-Dtermination and Minorities*: *Reconciling Tradition and Modernity in International Law*, Cambridge University Press, Cambridge, 2013, p. 250 sa 276; Bothe, M., "The Administration of Occupied Territory" ippubblikat fi Clapham, A., Gaeta, P. u Sassòli, M. (edituri), *The 1949 Geneva Conventions*: *A commentary*, Oxford University Press, Oxford, 2015, p. 1455 sa 1484, speċjalment p. 1459; Kontorovich, E., "Economic Dealings with Occupied Territories", *Columbia Journal of Transnational Law*, 2015, vol. 53, p. 584 sa 637, speċjalment p. 611 u 612; Saul, B. "The Status of Western Sahara as Occupied Territory under International Humanitarian Law and the Exploitation of Natural Ressources", *Sydney Law School Legal Studies Research Paper* Nru 15/81 (Settembru 2015). Ara wkoll is-sentenza tal-15 ta' Ġunju 2017 tal-High Court of South Africa (il-Qorti Suprema tal-Afrika ta' Isfel) fil-Kawża Nru 1487/17, *The Saharawi Arab Democratic Republic and Front Polisario v The Owner and charterers of the MV "NM Cherry Blossom"*, punt 29.

224 Ara Corell, H., "Western Sahara – status and resources", *New Routes*, 2010, vol. 15, p. 10 sa 13, speċjalment p. 11.

225 Ara l-ittra datata d-29 ta' Jannar 2002, indirizzata lill-President tal-Kunsill tas-Sigurtà mis-Segretarju Ġenerali inkarigat mill-Affarijiet Legali, konsulent legali (S/2002/161).

226 Attivitajiet armati fit-territorju tal-Kongo (Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo vs L-Uganda), sentenza (QIĠ Ġabra 2005, p. 168, punt 173). L-istess prinċipju japplika għall-okkupazzjoni tat-territorji mhux awtonomi skont l-Artikolu 1(4) tal-Protokoll addizzjonali I.

227 Infakkar li r-Repubblika Iżlamika tal-Mawritanja rtirat mis-Saħara tal-Punent fl-14 ta' Awwissu 1979 wara li ffirmat ftehim ta' paċi mal-Front Polisario. Fl-istess jum, ir-Renju tal-Marokk annetta l-parti tas-Saħara tal-Punent li oriġinarjament kienet okkupata mir-Repubblika Iżlamika tal-Mawritanja. Din tal-aħħar irrikonoxxiet din l-"okkupazzjoni bis-saħħa" permezz tad-dikjarazzjoni tal-Prim Ministru tagħha, fl-14 ta' Awwissu 1979, annessa mal-ittra datata t-18 ta' Awwissu 1979, indirizzata lis-Segretarju Ġenerali tal-ONU mir-rappreżentant permanenti tar-Repubblika Iżlamika tal-Mawritanja fi ħdan l-ONU (A/34/427).

228 Għal rapport iddettaljat tat-tqegħid tas-Saħara tal-Punent taħt l-awtorità Marokkina, ara Dessaints, J., "Chronique politique Maroc", *Rapport annwali tal-Afrika ta' Fuq*, 1975, vol. 14, p. 457 sa 476, speċjalment p. 463 sa 465; Santucci, J.C., "Chronique politique Maroc", *Rapport annwali tal-Afrika ta' Fuq*, 1976, vol. 15, p. 357 sa 379, speċjalment p. 359 sa 361.

229 Nenfasizza wkoll li, anki jekk kien ikkunsidrat validu, il-Ftehim ta' Madrid ma jawtorizzax preżenza militari Marokkina fit-territorju tas-Saħara tal-Punent mingħajr il-kunsens tal-poplu tiegħu, kunsens li qatt ma ngħata.

250. Barra minn hekk, għandu jiġi nnotat li l-eżistenza ta' okkupazzjoni ma hijiex limitata għat-territorju kontinentali iżda testendi wkoll għall-ibħra interni u għall-baħar territorjali[230]. ŻEE ma taqax fis-sovranità tal-Istat kostali, okkupazzjoni ma tkoprix dan iżda l-awtorità okkupanti tat-territorju kostali, f'dan il-każ ir-Renju tal-Marokk, jista' jeżerċita f'din iż-żona l-ġurisdizzjoni li l-baħar jagħti lit-territorju kostali[231].

– *Fuq il-kapaċità tal-awtorità okkupanti li tikkonkludi ftehim internazzjonali applikabbli għat-territorju okkupat u fuq il-kundizzjonijiet ta' legalità li għalihom hija suġġetta l-konklużjoni ta' tali ftehim*

251. F'dak li jirrigwarda l-kapaċità ta' awtorità okkupanti li tikkonkludi ftehim internazzjonali applikabbli għat-territorju okkupat, għandu jiġi nnotat li mill-Artikolu 43 tar-Regolament ta' Den Haag tal-1907[232] u tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 64 tal-Konvenzjoni IV ta' Genève[233] jirriżulta li l-awtorità okkupanti tista' tippromulga liġijiet sabiex tiżgura l-ħajja pubblika u l-amministrazzjoni regolari tat-territorju okkupat[234]. Kif tosserva l-Kummissjoni, din is-setgħa legali li għandha l-awtorità okkupanti f'dan it-territorju okkupat tinkludi l-kapaċità li jiġu konklużi ftehim internazzjonali applikabbli għall-imsemmi territorju[235]. F'dan ir-rigward, għandu jiġi nnotat li l-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja ma eskludietx *ex officio* l-possibbiltà li t-terzi jistgħu jikkonkludu ftehim internazzjonali applikabbli għal territorju mhux awtonomu okkupat ħlief permezz ta' setgħa amministrattiva li ma tibqax teżerċita l-funzjoni tagħha minħabba intervent militari[236].

252. Madankollu, meta tikkonkludi ftehim internazzjonali applikabbli għat-territorju okkupat, l-awtorità okkupanti għandha taġixxi fil-kwalità tagħha ta' awtorità okkupanti u mhux bħala sovrana tat-territorju okkupat[237], madankollu l-annessjoni tat-territorju okkupat huwa strettament ipprojbit[238].

230 Ara Dinstein, Y., *The International Law of Belligerent Occupation*, Cambridge University Press, Cambridge, 2009, p. 47 u 48; Benvenisti, E., *The International Law of Occupation*, it-2 edizzjoni, Oxford University Press, Oxford, 2012, p. 55; Sassòli, M., "The Concept and the Beginning of Occupation" ippubblikat fi Clapham, A., Gaeta, P. u Sassòli, M. (edituri), *The 1949 Geneva Conventions*: *A commentary*, Oxford University Press, Oxford, 2015, p. 1389 sa 1419, punt 15.

231 Ara Benvenisti, E., *The International Law of Occupation*, it-2 edizzjoni, Oxford University Press, Oxford, 2012, p. 55.

232 "L-awtorità ta' setgħa legali li tkun għaddiet minn idejn l-awtorità okkupanti, b'din tal-aħħar tieħu l-miżuri kollha li jiddependu fuqha sabiex tistabbilixxi u tiżgura, kemm jista' jkun, l-ordni u l-ħajja pubblika filwaqt li tirrispetta, ħlief f'każ ta' preklużjoni totali, il-liġijiet fis-seħħ fil-pajjiż".

233 "L-awtorità okkupanti madankollu tista' tissuġġetta lill-popolazzjoni tat-territorju okkupat għal dispożizzjonijiet li huma indispensabbli sabiex tippermettilha tissodisfa l-obbligi tagħha li jirriżultaw minn din il-konvenzjoni, u tiżgura l-amministrazzjoni regolari tat-territorju kif ukoll is-sigurtà kemm tal-awtorità okkupanti, u tal-membri u tal-beni tal-forzi jew tal-amministrazzjoni ta' okkupazzjoni kif ukoll tal-istabbilimenti u tal-linji ta' komunikazzjoni użati minnha".

234 Ara Sassòli, M., "Legislation and Maintenance of Public Order and Civil Life by Occupying Powers", *European Journal of International Law*, 2005, vol. 16, p. 661 sa 694; Dinstein, Y., *The International Law of Belligerent Occupation*, Cambridge University Press, Cambridge, 2009, p. 115 u 116; Arai-Takahashi, Y., *The Law of Occupation*: Continuity and Change of International Humanitarian Law, and its Interaction with International Human Rights Law, Martinus Nijhoff, De Hague, 2009, p. 120 u 121.

235 Ara Benvenisti, E., *The International Law of Occupation*, it-2 edizzjoni, Oxford University Press, Oxford, 2012, p. 83 sa 86; Bothe, M., "The Administration of Occupied Territory" ippubblikat fi Clapham, A., Gaeta, P. u Sassòli, M. (edituri), *The 1949 Geneva Conventions*: A commentary, Oxford University Press, Oxford, 2015, p. 1455 sa 1484, punt 98.

236 Ara Timor orjentali (Il-Portugall vs L-Awstralja), sentenza (QIĠ Ġabra 1995, p. 90, punti 13 u 32). La l-Qorti tal-Ġustizzja ma eżerċitatx il-ġurisdizzjoni tagħha f'din il-kawża, huwa għaliex hija kellha tiddeċiedi dwar il-legalità tal-integrazzjoni tat-Timor orjentali mar-Repubblika tal-Indoneżja. Madankollu, dan ma ppreskludihiex milli tikklassifika bħala okkupazzjoni l-intervent militari Indoneżjan (ara l-punt 13 tas-sentenza), li barra minn hekk hija kwistjoni ta' fatt (ara l-punt 246 ta' dawn il-konklużjonijiet).

237 Ara Benvenisti, E., *The International Law of Occupation*, it-2 edizzjoni, Oxford University Press, Oxford, 2012, p. 85; Bothe, M., "The Administration of Occupied Territory" ippubblikat fi Clapham, A., Gaeta, P. u Sassòli, M. (edituri), *The 1949 Geneva Conventions*: A commentary, Oxford University Press, Oxford, 2015, p. 1455 sa 1484, punt 98.

238 Ara l-Artikolu 4 tal-Protokoll addizzjonali I; Artikolu 47 tal-Konvenzjoni IV ta' Genève; is-sentenza tat-18 ta' April 1925 fil-Kawża tad-Dejn pubbliku Ottoman (Bulgarija, Iraq, Palestina, Transġordanja, Greċja, Italja u Turkija), *Ġabra ta' sentenzi ta' arbitraġġ*, vol. 1, p. 529 sa 614, speċjalment p. 555; sentenza tal-10 ta' Marzu 1948 tat-Tribunal militari Nru I fil-Kawża RuSHA (Stati Uniti tal-Amerika vs Greifelt *et*), *Trials of War Criminals before the Nuerenberg Military Tribunals*, U.S. Government Printing Office, Washington, 1950, vol. V, p. 154; Oppenheim, L., "The Legal Relations between an Occupying Power and the Inhabitants", *Law Quarterly Review*, 1917, vol. 33, p. 363, p. 364; Dinstein, Y., *The International Law of Belligerent Occupation*, Cambridge University Press, Cambridge, 2009, p. 49 sa 51; David, É., *Principes de droit des conflits armés*, il-5 edizzjoni, Bruylant, Brussell, 2012, pp. 582 u 583; Benvenisti, E., *The International Law of Occupation*, it-2 edizzjoni, Oxford University Press, Oxford, 2012, p. 85; Bothe, M., "The Administration of Occupied Territory" ippubblikat fi Clapham, A., Gaeta, P. u Sassòli, M. (edituri), *The 1949 Geneva Conventions*: A commentary, Oxford University Press, Oxford, 2015, p. 1455 sa 1484, punt 10.

253. F'dan is-sens, pereżempju, il-Konfederazzjoni Svizzera kkonkludiet mal-Awtorità provviżorja tal-koalizzjoni[239] billi aġixxiet espressament f'isem ir-Repubblika tal-Iraq, ftehim dwar il-garanzija tar-riskji għall-esportazzjoni[240], billi kkunsidrat li "Stat li jokkupa għandu setgħa legali fil-pajjiż li huwa jokkupa (l-Artikolu 43 tal-Konvenzjoni ta' Den Haag tal-1907) [li] jfisser b'mod partikolari li l-awtorità okkupanti tista' tilleġiżla jew tikkonkludi ftehim internazzjonali f'isem l-Istat okkupat"[241]. Din il-prattika ġiet sostnuta bir-Riżoluzzjonijiet 1483 (2003) tat-23 ta' Mejju 2003[242] u 1511 (2003) tas-16 ta' Ottubru 2003[243] tal-Kunsill tas-Sigurtà tal-ONU.

254. Mill-kliem ta' dan il-ftehim qafas jirriżulta b'mod ċar li dan ma ġiex konkluż mal-awtoritajiet li jokkupaw tar-Repubblika tal-Iraq iżda mal-Awtorità ta' koalizzjoni provviżorja li "bis-saħħa tal-liġijiet u konswetudni tal-gwerra [...] temporanjament kellha saħħa ta' awtorità governattiva fl-Iraq"[244]. Għalhekk ma kinitx kwistjoni ta' rikonoxximent mill-Konfederazzjoni Svizzera ta' sitwazzjoni illegali li tirriżulta minn ksur ta' regoli intransiġġibbli tad-dritt internazzjonali konswetudinarju li jinkorporaw obbligi *erga omnes*.

255. F'dan il-każ, il-kliem tal-Ftehim dwar is-sajd u l-Protokoll tal-2013 ma jipprovdux b'mod espliċitu li huma ġew konklużi mar-Renju tal-Marokk fil-kwalità tiegħu bħala awtorità okkupanti tas-Saħara tal-Punent. Għall-kuntrarju, kif jidher, ir-Renju tal-Marokk ikkonkluda dawn il-ftehim bħala sovran tas-Saħara tal-Punent. Konsegwentement, kuntrarjament għal dak li tallega l-Kummissjoni fil-punt 139 tal-osservazzjonijiet tagħha, l-Artikolu 43 tar-Regolament ta' Den Haag tal-1907 u l-paragrafu 2 tal-Artikolu 64 tal-Konvenzjoni IV ta' Genève ma jawtorizzawx il-konklużjoni tal-Ftehim dwar is-sajd u l-Protokoll tal-2013 fil-forma u bil-mod li bihom ġew konklużi, anki jekk ir-Renju tal-Marokk kellu jiġi kkunsidrat bħala awtorità okkupanti tas-Saħara tal-Punent.

#### *b) Fuq ir-rispett, mill-atti kkontestati, tal-prinċipju ta' sovranità permanenti fuq ir-riżorsi naturali u tar-regoli tad-dritt internazzjonali umanitarju applikabbli għall-esplojtazzjoni tar-riżorsi naturali tat-territorju okkupat*

##### *1) Il-prinċipju ta' sovranità permanenti fuq ir-riżorsi naturali*

256. Is-Saħara tal-Punent hija territorju mhux awtonomu li qed jiġi dekolonizzat. B'dan il-mod, l-esplojtazzjoni tar-rikkezzi naturali tiegħu taqa' taħt l-Artikolu 73 tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti u l-prinċipju konswetudinarju ta' sovranità permanenti fuq ir-riżorsi naturali[245]. Barra minn hekk, l-UNCLOS fir-Riżoluzzjoni III annessa mal-att finali tat-tielet konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti dwar

239 Din hija l-awtorità ta' okkupazzjoni stabbilita fl-Iraq mill-Istati Uniti tal-Amerika u l-koalizzjoni tagħhom sabiex tiggverna lill-pajjiż bejn l-2003 u l-2004.

240 Ara l-ftehim qafas bejn l-Awtorità provviżorja tal-koalizzjoni ("l-Awtorità") li, bl-applikazzjoni tal-liġijiet u konswetudni tal-gwerra kif ukoll tar-Riżoluzzjonijiet rilevanti tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti, b'mod partikolari r-Riżoluzzjoni 1483 (2003), għandha b'mod temporanju saħħa ta' awtorità governattiva fl-Iraq, it-Trade Bank of Iraq (TBI), stabbilit bis-saħħa tar-Regolament Nru 20 tal-Awtorità, u l-Uffiċċju għall-garanzija kontra r-riskji għall-esportazzjoni (GRE), li kien qed jaġixxi għan-nom tal-Konfederazzjoni Svizzera, iffirmat f'Ruma fil-5 ta' Diċembru 2003, *Ġabra sistematika tad-dritt federali*, 0.946.144.32.

241 Nota tal-15 ta' Diċembru 2003 tat-Taqsima tad-Dritt internazzjonali pubbliku tal-Konfederazzjoni Svizzera riprodotta f'Ferraro, T. (edizzjoni), Rapport tal-esperti taċ-CIRC "Occupation and other forms of administration of foreign territory", 2012, p. 59. Ara wkoll, f'dan is-sens, Caflisch, L.C., "La pratique suisse en matière de droit international public 2003", *Rivista Svizzera tad-dritt internazzjonali u tad-dritt Ewropew*, 2004, vol. 5, p. 661 sa 719, speċjalment p. 663 u 664.

242 Ara l-paragrafu 4, li jipprevedi li l-Kunsill tas-Sigurtà "[talab] lill-Awtorità [provviżorja ta' koalizzjoni], skont il-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti u d-dispożizzjonijiet rilevanti tad-dritt internazzjonali, li jippromwovi l-benesseri tal-poplu Iraqi billi *jiżgura amministrazzjoni effiċjenti tat-territorju*, b'mod partikolari billi timpenja ruħha sabiex terġa' tistabbilixxi s-sigurtà u l-istabbiltà u jinħolqu l-kundizzjonijiet li jippermettu lill-poplu Iraqi jistabbilixxi b'mod ħieles il-futur politiku tiegħu". Enfasi miżjud minni.

243 Ara l-paragrafu 1 li jipprevedi li l-Kunsill tas-Sigurtà "[jerġa' jiddikjara] s-sovranità u l-integrità territorjali tal-Iraq u enfasizza f'dan il-kuntest li l-*Awtorità provviżorja tal-koalizzjoni (l-Awtorità) teżerċita b'mod temporanju r-responsabbiltajiet, is-setgħat u l-obbligi fir-rigward tad-dritt internazzjonali* applikabbli li huma rrikonoxxuti u ddikjarati fir-Riżoluzzjoni 1483 (2003), sakemm gvern rappreżentattiv irrikonoxxut b'mod internazzjonali jidħol fis-seħħ mill-poplu Iraqi u jassumi r-responsabbiltajiet tal-Awtorità". Enfasi miżjud minni.

244 Ara t-titolu tal-ftehim qafas (*Ġabra sistematika tad-dritt federali*, 0.946.144.32).

245 Ara Attivitajiet armati fit-territorju tal-Kongo (Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo vs L-Uganda), sentenza (QIĠ Ġabra 2005, p. 168, punt 244).

id-dritt tal-baħar tipprevedi li "fil-każ ta' territorju li l-poplu tiegħu ma għandux l-indipendenza sħiħa jew sistema ta' awtonomija oħra rrikonoxxuta min-Nazzjonijiet Uniti, jew ta' territorju taħt dominju kolonjali, id-dispożizzjonijiet relatati ma' drittijiet jew interessi msemmija fl-[UNCLOS] huma applikati għall-benefiċċju tal-poplu ta' dan it-territorju bil-għan li jippromwovu l-prosperità u l-iżvilupp tiegħu".

257. F'dan il-kuntest, l-esplojtazzjoni ta' riżorsi naturali ta' territorju mhux awtonomu, inkluż l-esplojtazzjoni tas-sajd tal-ibħra li jmissu ma' dan it-territorju, għandha tibbenefika lill-poplu tiegħu [246].

*2) L-Artikolu 55 tar-Regolament ta' Den Haag tal-1907*

258. Peress li huwa awtorità okkupanti tas-Saħara tal-Punent [247], ir-Renju tal-Marokk huwa marbut bl-Artikolu 55 tar-Regolament ta' Den Haag tal-1907 li jirrigwarda l-esplojtazzjoni tal-proprjetà pubblika ta' pajjiż okkupat. Skont dan l-Artikolu, "[l]-Istat li jokkupa jista' jiġi kkunsidrat biss bħala amministratur u użufruttwarju ta' bini pubbliku, immobbli, foresti u territorji agrikoli li jappartjenu lill-Istat għadu u li jinsabu fil-pajjiż okkupat. Huwa għandu jissalvagwardja l-beni ta' dawn il-proprjetajiet u jamministrahom skont ir-regoli tal-użufrutt".

259. Bħall-Kummissjoni, nikkunsidra li l-Artikolu 55 tar-Regolament ta' Den Haag tal-1907 jista' wkoll jiġi applikat għall-esplojtazzjoni tal-istokk tas-sajd ta' żoni marittimi li jinsabu lil hinn mill-kosti tat-territorju okkupat.

260. L-użufrutt huwa d-dritt li tuża oġġetti (*jus utendi*) ta' ħaddieħor u li tieħu l-frott tagħhom (*jus fruendi*), mingħajr ma tibdel is-sustanza tagħhom [248]. Dan ifisser li l-awtorità okkupanti ma tistax tbiegħ beni pubbliċi tal-pajjiż okkupat iżda tista' tuża, tirċievi u tbiegħ il-frott tagħhom u tuża l-profitti ġġenerati mid-disponibbiltà tal-frott ta' dan l-użu, mingħajr madankollu ma dan l-użu jkun ta' ħela, abbandun jew dannu għall-valur ekonomiku tal-beni inkwistjoni jew imur lil hinn minn dak li huwa neċessarju jew normali [249].

246 Ara l-punti 130 sa 134 ta' dawn il-konklużjonijiet.

247 Ara l-punti 245 sa 249ta' dawn il-konklużjonijiet.

248 Ara "Iustiniani Institutiones", Ktieb II, Kapitolu IV "(*De usu fructu*), *principium*" ippubblikat fi Krueger, P. (edizzjoni), *Corpus Iuris Civilis*, Weidmann, Berlin, 1889, vol. I; U.S. Department of State, "Memorandum of Law on Israel's right to develop new oil field in Sinai and the Gulf of Suez", 1 ta' Ottubru 1976, *International Law Materials*, 1977, vol. 16, p. 733 sa 753, speċjalment p. 736; Ministry of Foreign Affairs of Israel, "Memorandum of Law on the Right to develop new oil fields in Sinai and the Gulf of Suez", 1 ta' Awwissu 1977, *International Law Materials*, 1978, vol. 17, p. 432 sa 444, punt 2; Dinstein, Y., *The International Law of Belligerent Occupation*, Cambridge University Press, Cambridge, 2009, p. 214; Van Engeland, A., "Protection of Public Property" ippubblikat fi Clapham, A., Gaeta, P. u Sassòli, M. (edituri), *The 1949 Geneva Conventions*: A commentary, Oxford University Press, Oxford, 2015, p. 1535 sa 1550, punti 20 sa 22.

249 Ara Dinstein, Y., *The International Law of Belligerent Occupation*, Cambridge University Press, Cambridge, 2009, p. 215; Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali tal-Kanada, *Law of Armed Conflict*, 2001, punt 1243; UK Ministry of Defence, *The Manual of the Law of Armed Conflict*, Oxford University Press, Oxford, 2004, punt 11.86; U.S. Department of Defense, *Law of War Manual*, 2015, p. 793.

261. Il-kliem tal-Artikolu 55 ma jipprevedi l-ebda restrizzjoni speċifika fir-rigward tad-disponibbiltà tal-frott tal-użu tal-proprjetà pubblika[250]. Madankollu, kien deċiż li "l-Artikoli 53, 55 u 56 tar-Regolament ta' Den Haag tal-1907] li jikkonċernaw il-proprjetà pubblika, juru b'mod ċar li, wara l-liġijiet tal-gwerra, l-ekonomija tal-pajjiż okkupat għandha ssostni biss l-ispejjeż tal-okkupazzjoni […]; barra minn hekk dawn ma għandhomx ikunu ta' piż ikbar minn dak li hija tista' raġonevolment tiflaħ"[251].

262. Barra minn hekk, esplojtazzjoni tal-proprjetà pubblika tat-territorju okkupat hija permessa bl-Artikolu 55 tar-Regolament ta' Den Haag tal-1907, iktar u iktar fil-kuntest ta' okkupazzjoni fit-tul[252].

263. B'hekk, waqt l-okkupazzjoni tal-Iraq, l-Istati Uniti tal-Amerika, ir-Renju Unit u l-membri tal-koalizzjoni aċċettaw immedjatament li "l-petrol tal-Iraq jiġi protett u użat għall-benefiċċju tal-poplu Iraqi"[253] u, bis-saħħa tal-paragrafu 20 tar-Riżoluzzjoni 1483 (2003) tal-Kunsill tas-Sigurtà tal-ONU, stabbilixxa l-Fond ta' Żvilupp għall-Iraq[254] sabiex jgħaddu fihom id-dħul mill-bejgħ tal-esportazzjoni tal-petrol, ta' prodotti tal-petrol u ta' gass naturali tal-Iraq sakemm jiġi kkostitwit Gvern Iraqi rappreżentattiv u rrikonoxxut mill-Komunità internazzjonali.

*3) Fuq ir-rispett, mill-atti kkontestati, tal-prinċipju ta' sovranità permanenti fuq ir-riżorsi naturali u tal-Artikolu 55 tar-Regolament ta' Den Haag tal-1907*

264. Qabel xejn għandu jiġi rrilevat li d-dritt internazzjonali umanitarju, li l-Artikolu 55 tar-Regolament ta' Den Haag tal-1907 jikkostitwixxi *lex specialis* meta mqabbel mar-regoli l-oħra tad-dritt internazzjonali, inkluż id-drittijiet tal-bniedem, li jistgħu jkunu applikabbli wkoll għall-istess kuntest fattwali[255].

265. Ċertament, il-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja, f'dak li jirrigwarda l-prinċipju ta' sovranità permanenti fuq ir-riżorsi naturali, iddeċidiet li "ma hemm xejn x'jagħti x'jifhem li għandu jiġi applikat għall-każ partikolari ta' serq u ta' esplojtazzjoni ta' ċerti riżorsi naturali minn membri tal-armata ta' Stat li jintervjeni militarjament fit-territorju ta' Stat ieħor"[256].

266. Madankollu, din il-kawża ma tirrigwardax każ ta' serq u ta' esplojtazzjoni ta' riżorsi naturali minn individwi membri ta' armata iżda politika uffiċjali u sistematika ta' esplojtazzjoni ta' riżorsi tas-sajd[257] implementata mir-Renju tal-Marokk u l-Unjoni flimkien.

250 Ara Ministry of Foreign Affairs of Israel, "Memorandum of Law on the Right to develop new oil fields in Sinai and the Gulf of Suez", 1 ta' Awwissu 1977, *International Law Materials*, 1978, vol. 17, p. 432 sa 444, punt 12; Cassese, A., "Powers and Duties of an Occupant in Relation to Land and Natural Resources" ippubblikat f'Cassese, A., Gaeta, P. u Zappalà, S. (edituri), *The Human Dimension of International Law*: Selected Papers of Antonio Cassese, 2008, Oxford University Press, Oxford, p. 250 sa 271, speċjalment p. 258; Dinstein, Y., *The International Law of Belligerent Occupation*, Cambridge University Press, Cambridge, 2009, p. 217.

251 Sentenza tal-1 ta' Ottubru 1946 tat-Tribunal militari internazzjonali ta' Nuremburg fil-Kawża L-Istati Uniti tal-Amerika *et* vs Goering *et*, ippubblikata fi *Trial of the Major War Criminals before the International Military Tribunal (Nuremberg, 14 November 1945 – 1 October 1946)*, 1947, p. 171 sa 341, speċjalment p. 239. Ara wkoll, f'dan is-sens, U.S. Department of State, "Memorandum of Law on Israel's right to develop new oil field in Sinai and the Gulf of Suez", 1 ta' Ottubru 1976, *International Law Materials*, 1977, vol. 16, p. 733 sa 753, speċjalment p. 743; Ministry of Foreign Affairs of Israel, "Memorandum of Law on the Right to develop new oil fields in Sinai and the Gulf of Suez", 1 ta' Awwissu 1977, *International Law Materials*, 1978, vol. 17, p. 432 sa 444, speċjalment p. 437.

252 Ara U.S. Department of State, "Memorandum of Law on Israel's right to develop new oil field in Sinai and the Gulf of Suez", 1 ta' Ottubru 1976, *International Law Materials*, 1977, vol. 16, p. 733 sa 753, speċjalment p. 743 sa 745; Cassese, A., "Powers and Duties of an Occupant in Relation to Land and Natural Resources" ippubblikat f'Cassese, A., Gaeta, P. u Zappalà, S. (edituri), *The Human Dimension of International Law*: Selected Papers of Antonio Cassese, 2008, Oxford University Press, Oxford, p. 250 sa 271, speċjalment p. 257 u 261; Benvenisti, E., *The International Law of Occupation*, it-2 edizzjoni., Oxford University Press, Oxford, 2012, p. 82.

253 Ara ittra datata t-8 ta' Mejju 2003, indirizzata lill-President tal-Kunsill tas-Sigurtà mir-Rappreżentanti Permanenti tal-Istati Uniti tal-Amerika u tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq fi ħdan l-Organizzazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti (S/2003/538).

254 Ara r-Regolament tal-15 ta' Ġunju 2003 tal-Awtorità provviżorja tal-koalizzjoni Nru 2 dwar il-Fond ta' Żvilupp għall-Iraq.

255 Ara Leġittimità tat-theddida jew tal-użu ta' armi nukleari, Opinjoni konsultattiva (QIĠ Ġabra 1996, p. 226, punt 25); Konsegwenzi legali tal-bini ta' ħajt fit-territorju Palestinjan okkupat, Opinjoni konsultattiva (QIĠ, Ġabra 2004, p. 136, punti 105 u 106).

256 Attivitajiet armati fit-territorju tal-Kongo (Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo vs L-Uganda), sentenza (QIĠ Ġabra 2005, p. 168, punt 244).

257 Ara, f'dan is-sens, Dinstein, Y., *The International Law of Belligerent Occupation*, Cambridge University Press, Cambridge, 2009, p. 219 u 220.

267. F'dan is-sens, ċerti sitwazzjonijiet jistgħu jaqgħu esklużivament fid-dritt internazzjonali umanitarju; esklużivament fid-dritt applikabbli għall-esplojtazzjoni tar-riżorsi naturali tat-territorji mhux awtonomi; taħt waħda minn dawn iż-żewġ fergħat tad-dritt internazzjonali [258].

268. Kif tosserva l-Kummissjoni fil-punt 43 tar-risposti tagħha għad-domandi bil-miktub magħmula mill-Qorti tal-Ġustizzja, l-iskemi legali applikabbli għat-territorji mhux awtonomi u għat-territorji okkupati ma humiex reċiprokament esklużivi. Barra minn hekk, f'dak li jirrigwarda din il-kawża, il-prinċipju ta' sovranità permanenti fuq ir-riżorsi naturali u l-Artikolu 55 tar-Regolament ta' Den Haag tal-1907 jaqblu fuq punt, jiġifieri dak li l-esplojtazzjoni tar-riżorsi naturali tas-Saħara tal-Punent (bħala territorju mhux awtonomu u territorju okkupat) ma tistax issir għall-benefiċċju ekonomiku tar-Renju tal-Marokk (minbarra l-ispejjeż ta' okkupazzjoni fejn is-Saħara tal-Punent tista' ssostni b'mod raġonevoli) iżda għandha tkun għall-benefiċċju tal-poplu tas-Saħara tal-Punent.

269. F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li kemm il-Kunsill kif ukoll il-Kummissjoni jaqblu li l-esplojtazzjoni taż-żoni tas-sajd li jinsabu lil hinn mill-kosti tas-Saħara tal-Punent għandha tkun għall-benefiċċju tal-poplu ta' dan it-territorju, filwaqt li jiġi kkunsidrat li d-dispożizzjonijiet tal-Ftehim dwar is-sajd kif ukoll tal-Protokoll tal-2013 huma tali li jiżguraw li hekk huwa l-każ.

270. Jien ma naqbilx ma' dan l-argument għar-raġunijiet li ġejjin.

271. Għandu jiġi nnotat li l-Ftehim dwar is-sajd jipprevedi esplojtazzjoni sostenibbli (bl-Ingliż "*sustainable exploitation*") tal-istokk tas-sajd [259] u f'dan is-sens, ma jwassalx għall-eżawriment ta' dawn ir-riżorsi. B'dan il-mod, il-Ftehim dwar is-sajd mal-ewwel daqqa ta' għajn jidher konformi kemm mar-regoli tal-użufrutt li għalihom jirreferi l-Artikolu 55 tar-Regolament ta' Den Haag tal-1907 [260] kif ukoll mal-prinċipju ta' sovranità permanenti fuq ir-riżorsi naturali. Fil-fatt, esplojtazzjoni tal-ibħra li jmissu mas-Saħara tal-Punent li teżawrixxi l-istokk tas-sajd ma għandhiex tkun ikkunsidrata bħala li tagħti benefiċċju lill-poplu ta' dan it-territorju.

272. Madankollu, mill-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 764/2006, minn informazzjoni teknika taż-żoni tas-sajd Nri 3 sa 6 [261] u minn informazzjoni mogħtija mill-Kummissjoni waqt is-seduta [262], jirriżulta li l-parti l-kbira tal-esplojtazzjoni prevista fil-Ftehim dwar is-sajd u l-Protokoll tal-2013 tkopri kważi b'mod esklużiv l-ibħra li jmissu mas-Saħara tal-Punent. Fil-fatt, il-qabdiet li saru fiż-żona tas-sajd Nru 6 biss (li tkopri biss l-ibħra li jmissu mas-Saħara tal-Punent) jirrappreżentaw madwar 91.5 % tal-qabdiet totali magħmula fil-kuntest tal-esplojtazzjoni tas-sajd stabbilita permezz tal-Ftehim dwar is-sajd u l-Protokoll tal-2013.

273. Għalhekk jekk il-Ftehim dwar is-sajd japplika kważi esklużivament għas-Saħara tal-Punent, jirriżulta li l-kumpens finanzjarju mogħti lir-Renju tal-Marokk mill-Unjoni skont l-Artikolu 7 tal-Ftehim dwar is-sajd għandu wkoll, kif jaċċettaw il-Kunsill u l-Kummissjoni, jagħti benefiċċju kważi esklużiv lill-poplu tas-Saħara tal-Punent (ħlief jekk dan ikun użat sabiex ikopri l-ispejjeż tal-okkupazzjoni sa fejn dan it-territorju jista' raġonevolment jiflaħ [263]).

258 Ara Konsegwenzi legali tal-bini ta' ħajt fit-territorju Palestinjan okkupat, Opinjoni konsultattiva (QIĠ, Ġabra 2004, p. 136, punt 106); Attivitajiet armati fit-territorju tal-Kongo (Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo vs L-Uganda), sentenza (QIĠ Ġabra 2005, p. 168, punti 216, 217 u 220).

259 Ara l-preambolu kif ukoll l-Artikolu 1, l-Artikolu 3(1), l-Artikoli 4, 8 u 9 tal-Ftehim dwar is-sajd. Ara wkoll, f'dan is-sens, l-Artikoli 4 u 5 tal-Protokoll tal-2013.

260 Ara l-punti 258 u 260 ta' dawn il-konklużjonijiet.

261 Din l-informazzjoni tinsab fl-appendiċi 2 tal-anness mal-Ftehim dwar is-sajd. Skont l-Artikolu 16 tal-Ftehim dwar is-sajd, l-anness bl-appendiċi tiegħu jagħmlu parti integrali mill-ftehim.

262 Ara l-punt 70 ta' dawn il-konklużjonijiet.

263 Ara l-punt 261 ta' dawn il-konklużjonijiet. Il-proċess ma fih l-ebda dokument f'dan ir-rigward peress li billi kkunsidraw li r-Renju tal-Marokk huwa "l-awtorità amministrattiva *de facto*" tas-Saħara tal-Punent, l-istituzzjonijiet tal-Unjoni ma għamlux din id-domanda.

274. Madankollu, l-Artikolu 3(1) tal-Protokoll tal-2013 jipprevedi li l-kumpens finanzjarju annwali ta' EUR 40 miljun huwa maqsum f'żewġ partijiet, waħda ta' EUR 30 miljun imħallsa bis-saħħa tal-Artikolu 7 tal-Ftehim dwar is-sajd (EUR 16-il miljun bħala kumpens finanzjarju għall-aċċess tar-riżorsa u EUR 14-il miljun bħala sostenn għall-politika settorjali tas-sajd fil-Marokk) u waħda ta' EUR 10 miljuni li jikkorrispondu għal ammont stmat ta' tariffi dovuti mis-sidien Ewropej bħala liċenzji tas-sajd mogħtija bis-saħħa tal-Artikolu 6 tal-Ftehim dwar is-sajd.

275. Skont l-Artikolu 3(4) tal-Protokoll tal-2013, dan il-kumpens jitħallas għan-nom tat-Teżorier Ġenerali tar-Renju tal-Marokk f'kont miftuħ mat-Teżor Ġenerali tar-Renju tal-Marokk (filwaqt li fil-każ tal-okkupazzjoni tal-Iraq id-dħul mill-bejgħ tal-petrol kien jitħallas fil-Fond ta' Żvilupp għall-Iraq).

276. F'dak li jirrigwarda l-użu tiegħu, l-Artikolu 3(5) u l-Artikolu 6(1) tal-Protokoll tal-2013 jipprevedu li l-kumpens finanzjarju annwali ta' EUR 40 miljun jaqa' fil-kompetenza *esklużiva* tal-awtoritajiet Marokkini, iżda fir-rigward tal-EUR 14-il miljun (sostenn għall-politika settorjali tas-sajd fil-Marokk), huma jistabbilixxu mekkaniżmu ta' monitoraġġ u superviżjoni mill-Unjoni fi ħdan kumitat konġunt, għall-użu tiegħu mill-awtoritajiet Marokkini.

277. Issa, konformement mal-Artikolu 5(6) tal-Protokoll tal-2013, dan il-mekkaniżmu jippermetti biss il-monitoraġġ ġenerali tat-"tnaqqis ekonomiku u soċjali mistenni [mill-Ftehim dwar is-sajd], b'mod partikolari l-effetti fuq l-impjiegi, l-investimenti u kull impatt kwantifikabbli ta' azzjonijiet magħmula kif ukoll id-distribuzzjoni ġeografika tagħhom".

278. Skont il-Kummissjoni, dan il-mekkaniżmu ta' monitoraġġ ippermetta li jiġi żgurat li fil-perijodu ta' validità tal-Protokoll tal-2013 (2014 sa 2018), EUR 54 miljun ġew użati jew ser jiġu użati għall-kostruzzjoni ta' swieq magħluqa għall-ġenerazzjonijiet li ġejjin, stabbilimenti ta' sajjieda u punti ta' żbarkar immaniġġjati u akwakultura u li madwar 80 % tal-proġetti ffinanzjati minn din l-għajnuna jinsabu fis-Saħara tal-Punent.

279. Fl-opinjoni tiegħi, minn dawn il-punti jirriżulta li la l-Ftehim dwar is-sajd u lanqas il-Protokoll tal-2013 ma fihom il-garanziji legali neċessarji sabiex l-esplojtazzjoni tas-sajd tissodisfa r-rekwiżit tal-kriterju li jimponi li din tkun għall- benefiċċju tal-poplu tas-Saħara tal-Punent.

280. Fl-ewwel lok, il-Protokoll tal-2013 ma fiha ebda obbligu min-naħa tar-Renju tal-Marokk li juża l-kumpens finanzjarju mħallas mill-Unjoni sabiex minnu jibbenefika l-poplu Saħara tal-Punent b'mod proporzjonali mal-kwantitajiet ta' qbid magħmul fl-ibħra li jmissu mas-Saħara tal-Punent. Għall-kuntrarju, filwaqt li 91.5 % tal-qabdiet huma magħmula fiż-żona tas-sajd Nru 6 (li jkopri biss l-ibħra li jmissu mas-Saħara tal-Punent) huwa biss 35 % tal-kumpens finanzjarju (EUR 14 minn EUR 40 miljun) li jaqgħu fil-mekkaniżmu ta' monitoraġġ stabbilit bl-Artikolu 6 tal-Protokoll tal-2013.

281. Fit-tieni lok, ma hemm l-ebda prova li l-EUR 14 –il miljun huma verament użati għall-benefiċċju tal-poplu tas-Saħara tal-Punent. Għall-kuntrarju, il-provi prodotti mill-Kummissjoni juru li minn EUR 160 miljun li għandhom jitħallsu fuq perijodu ta' erba' snin (2014-2018), huma biss EUR 54 miljun (jiġifieri 33.75 %) li ġew użati għall-iżvilupp ta' proġetti, li minnhom 80 % jinsabu fis-Saħara tal-Punent.

282. Fit-tielet lok, il-fatt li 80 % tal-proġetti li jibbenefikaw minn dawn il-EUR 54 miljun jinsabu fis-Saħara tal-Punent ma jgħid xejn fih innifsu. Dak li huwa importanti huwa li tkun magħrufa l-parti minn dan l-ammont ta' EUR 54 miljun li hija użata għal proġetti li jinsabu fis-Saħara tal-Punent, iżda l-Kummissjoni ma tatx din l-informazzjoni.

283. Finalment, għandu jiġi rrilevat li l-Artikolu 49(6) tal-Konvenzjoni IV ta' Genève jipprojbixxi lill-awtorità okkupanti milli tipproċedi "bit-trasferiment ta' parti mill-popolazzjoni ċivili tagħha fit-territorju okkupat minnha" [264]. Madankollu, ma hemm ebda dispożizzjoni fil-Ftehim dwar is-sajd u l-Protokoll tal-2013 li jobbliga r-Renju tal-Marokk sabiex parti mill-kumpens finanzjarju li jikkorrispondu għall-użu tas-sajd ta' żoni tas-sajd li jinsabu lil hinn mill-kosti tas-Saħara tal-Punent, tiġi użata b'mod li tagħti benefiċċju fuq kollox lis-"Saħarin oriġinarji tat-territorju" [265] jew lill-"populazzjonijiet Saħarin oriġinarji tat-territorju" [266].

284. Per eżempju, l-informazzjoni teknika għaż-żona tas-sajd Nru 6 (sajd pelaġiku industrijali) tipprevedi obbligu ta' imbarkar fuq il-vapuri tal-Unjoni minn żewġ sa sittax-il "baħri Marokkin" skont it-tunnellaġġ tal-vapur [267], minkejja li din iż-żona tas-sajd hija intiża esklużivament għall-ibħra li jmissu mas-Saħara tal-Punent.

285. Konsegwentement, nikkunsidra li d-dispożizzjonijiet tal-Ftehim dwar is-sajd u l-Protokoll tal-2013 ma jagħtu l-ebda garanzija li l-esplojtazzjoni tas-sajd tal-ibħra li jmissu mas-Saħara tal-Punent qed issir għall-benefiċċju tal-poplu ta' dan it-territorju. F'dan is-sens, l-atti kkontestati la josservaw il-prinċipju ta' sovranità permanenti fuq ir-riżorsi naturali [268], u lanqas l-Artikolu 55 tar-Regolament ta' Den Haag tal-1907, jew l-obbligu tal-Unjoni li ma jirrikonoxxux sitwazzjoni illegali li tirriżulta mill-ksur ta' dawn id-dispożizzjonijiet u li ma tagħtix għajnuna jew assistenza insostenn ta' din is-sitwazzjoni.

286. Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li, inkwantu japplikaw għat-territorju tas-Saħara tal-Punent u l-ibħra li jmissu miegħu, il-Ftehim dwar is-sajd u l-Protokoll tal-2013 huma inkompatibbli mal-Artikolu 3(5) TUE, l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 21(1) TUE, u l-Artikolu 21(2)(b) u (c) TUE, u l-Artikoli 23 TUE u 205 TFUE li jimponu fuq l-Unjoni l-obbligu li l-azzjoni esterna tagħha tirrispetta strettament id-dritt internazzjonali.

287. Ir-Regolament Nru 764/2006, id-Deċiżjoni 2013/785 u r-Regolament Nru 1270/2013 huma kontra l-Artikolu 3(5) TUE, l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 21(1) TUE, u l-Artikolu 21(2)(b) u (c) TUE, u l-Artikoli 23 TUE u 205 TFUE inkwantu japprovaw u jimplementaw l-applikazzjoni tal-Ftehim dwar is-sajd u l-Protokoll tal-2013 għat-territorju tas-Saħara tal-Punent u għall-ibħra li jmissu miegħu.

264 Tali trasferiment jikkostitwixxi ksur gravi tal-Protokoll addizzjonali I (Ara l-Artikolu 85(4)(a) ta' dan il-Protokoll) kif ukoll reat ta' gwerra (Artikolu 8(2)(b)(viii) tal-Istatut ta' Ruma tal-Qorti Kriminali Internazzjonali, *Ġabra ta' trattati tan-Nazzjonijiet Uniti*, vol. 2187, p. 3). Għandu jiġi nnotat li r-Renju tal-Marokk iffirma iżda ma rratifikax l-Istatut ta' Ruma.

265 Ara l-paragrafu 7 tar-Riżoluzzjoni 3458 A (XXX) tal-Assemblea Ġenerali tal-ONU.

266 Ara l-paragrafi 2 u 4 tar-Riżoluzzjoni 3458 B (XXX) tal-Assemblea Ġenerali tal-ONU.

267 Ara l-appendiċi 2 mal-Anness mal-Protokoll tal-2013.

268 Ara Milano, E., "The New Fisheries Partnership Agreement between the EC and Morocco: Fishing too South?", *Anuario español de derecho internacional*, 2006, vol. 22, p. 413 sa 457, speċjalment p. 435 sa 442; Soroeta Liceras, J., "La posicíon de la Unión Europea en el conflicto del Saħara tal-Punent, una muestra palpable (más) de la primacía de sus intereses económicos y políticos sobre la promoción de la democracia y de los derechos humanos", *Revista de Derecho Comunitario Europeo*, 2009, vol. 34, p. 823 sa 864, speċjalment p. 829 sa 837 u p. 844 sa 847; Corell, H., "The legality of exploring and exploiting natural resources in Western Sahara" ippubblikat f'Botha, N., Olivier, M. u van Tonder, D. (edituri), *Multilateralism and International Law with Western Sahara as a Case Study*, VerLoren van Themaat Centre, Pretoria, 2010, p. 231 sa 247, speċjalment p. 242; Etienne, J., "L'accord de pêche CE-Maroc: quels remèdes juridictionnels européens à quelle illicéité internationale", *Revue belge de droit international*, 2010, p. 77 sa 107, speċjalment p. 86 sa 88; Saul, B. "The Status of Western Sahara as Occupied Territory under International Humanitarian Law and the Exploitation of Natural Ressources", *Sydney Law School Legal Studies Research Paper* Nru 15/81 (Settembru 2015), p. 29 sa 31. Ara wkoll, f'dan is-sens, "Opinjoni legali tal-Uffiċċju legali tal-Unjoni Afrikana dwar il-legalità fir-rigward tad-dritt internazzjonali, b'mod partikolari tar-riżoluzzjonijiet tal-ONU u ta' deċiżjonijiet li ttieħdu mill-awtoritajiet Marokkini jew xi Stat ieħor, gruppi ta' Stati, impriża barranija jew entità oħra li tirrigwarda l-esplorazzjoni jew l-esplojtazzjoni ta' riżorsi naturali rinovabbli jew le jew kwalunkwe attività oħra ekonomika fis-Saħara tal-Punent" annessa mal-ittra datata d-9 ta' Ottubru 2015, indirizzata lill-President tal-Kunsill tas-Sigurtà mir-Rappreżentant Permanenti taż-Żimbabwe fi ħdan l-ONU (S/2015/786).

### *c) Fuq il-limitazzjonijiet għall-obbligu ta' nuqqas ta' rikonoxximent*

288. F'dan ir-rigward, waqt is-seduta, kemm il-Comader kif ukoll il-Kummissjoni sostnew li l-obbligu li ma jirrikonoxxux sitwazzjoni illegali li tirriżulta minn ksur ta' regoli *erga omnes* tad-dritt internazzjonali u tal-obbligu li ma jagħtux għajnuna jew assistenza insostenn ta' din is-sitwazzjoni ma jistax iwassal għal projbizzjoni ta' konklużjoni ta' ftehim internazzjonali li jippromwovu l-iżvilupp ekonomiku tal-poplu tas-Saħara tal-Punent, peress li tali projbizzjoni ssir finalment għad-dannu tiegħu.

289. Huma għalhekk jinvokaw l-punt 125 tal-Opinjoni konsultattiva fuq in-Namibja[269], fejn il-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja kienet iddeċidiet li "in-nuqqas ta' rikonoxximent tal-amministrazzjoni Sud-Afrikana fit-territorju ma jistax ikollha bħala konsegwenza li ttellef lill-poplu Namibjan mill-vantaġġi li jista' jkollu mill-kooperazzjoni internazzjonali"[270].

290. Fl-opinjoni tiegħi, din ir-restrizzjoni għall-obbligu ta' nuqqas ta' rikonoxximent ma għandha l-ebda effett f'din il-kawża.

291. Fl-ewwel lok, il-Kummissjoni diġà pprovat tuża l-istess punt 125 tal-Opinjoni konsultattiva fuq in-Namibja sabiex tiġġustifika l-aċċettazzjoni mill-awtoritajiet tad-dwana Brittaniċi ta' ċertifikati ta' moviment ta' prodotti agrikoli li joriġinaw mit-territorju Ċiprijott okkupat li kienu nħarġu mill-imsemmija "Repubblika Torka ta' Ċipru ta' Fuq", entità mhux irrikonoxxuta mill-Unjoni u mill-Istati Membri tagħha[271]. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja ċaħdet dan l-approċċ billi ddeċidiet li ma tista' ssir l-ebda analoġija bejn is-sitwazzjoni tan-Namibja u l-militar li għadha teżisti f'Ċipru ta' Fuq[272]. Fl-opinjoni tiegħi, l-istess japplika għal din is-sitwazzjoni.

292. Fit-tieni lok, il-limitazzjoni tal-obbligu ta' nuqqas ta' rikonoxximent stabbilit mill-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja fil-punt 125 tal-Opinjoni Konsultattiva fuq in-Namibja sabiex il-poplu Namibjan ma jiċċaħħadx mill-vantaġġi li huwa jista' jikseb mill-kooperazzjoni internazzjonali, ma tistax tiġġustifika l-konklużjoni ta' ftehim internazzjonali kummerċjali. Minn naħa waħda, il-konklużjoni ta' tali ftehim kienet koperta mill-obbligu ta' nuqqas ta' rikonoxximent[273]. Min-naħa l-oħra, l-eżempji ta' vantaġġi li minnhom il-poplu Namibjan għandu jkompli jibbenefika ma jinkludux il-ftehim internazzjonali kummerċjali. Fil-fatt, l-eżempji mogħtija mill-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja jinkludu r-reġistrazzjoni ta' twelid, żwiġijiet jew imwiet fl-istat ċivili, "li l-effetti tagħhom ma jistgħux jiġu interpretati ħlief għad-detriment tal-abitanti tat-territorju."[274].

269 Fl-1970, l-Afrika ta' Isfel kienet għadha ma rtiratx l-amministrazzjoni tagħha min-Namibja u dan, minkejja l-fatt li l-Assemblea Ġenerali tal-ONU kienet temmet il-mandat tagħha fuq dan it-territorju mogħtija lilha mis-Soċjetà tan-Nazzjonijiet, li hija kienet assumiet direttament ir-responsabbiltà li tamministra n-Namibja u li l-Kunsill tas-Sigurtà tal-ONU kien talab lill-Afrika ta' Isfel sabiex jirtira immedjatament l-amministrazzjoni tiegħu min-Namibja. Għandu jitfakkar li, bħal fit-territorju tagħha, l-Afrika ta' Isfel kienet implementat fin-Namibja s-sistema ta' apartheid. Għal dawn ir-raġunijiet, permezz tar-Riżoluzzjoni tiegħu 276 (1970), il-Kunsill tas-Sigurtà kien iddikjara li "il-preżenza kontinwa tal-awtoritajiet Sud-Afrikani fin-Namibja hija illegali u li konsegwentement il-miżuri kollha meħuda mill-Gvern Sud-Afrikan għan-nom tan-Namibja jew f'dak li jikkonċernaha, wara t-tmiem tal-mandat, huma illegali" (paragrafu 2). Huwa talab ukoll "lill-Istati kollha, b'mod partikolari li dawk li għandhom interessi ekonomiċi u oħrajn fin-Namibja, sabiex jastjenu minn kull relazzjoni mal-Gvern Sud-Afrikan li huma inkompatibbli mal-paragrafu 2 ta' din ir-riżoluzzjoni" (paragrafu 5). Konsegwentement, il-Kunsill tas-Sigurtà għamel lill-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja d-domanda dwar x'kienu l-konsegwenzi għall-Istati tal-preżenza kontinwa tal-Afrika ta' Isfel fin-Namibja, minkejja r-Riżoluzzjoni tagħha 276 (1970).

270 Konsegwenzi legali għall-Istati tal-preżenza kontinwa tal-Afrika ta' Isfel fin-Namibja (Lbiċ tal-Afrika) minkejja r-Riżoluzzjoni 276 (1970) tal-Kunsill tas-Sigurtà, Opinjoni konsultattiva (QIĠ Ġabra 1971, p. 16).

271 Ara s-sentenza tal-5 ta' Lulju 1994, Anastasiou *et* (C-432/92, EU:C:1994:277, punt 35).

272 Ara s-sentenza tal-5 ta' Lulju 1994, Anastasiou *et* (C-432/92, EU:C:1994:277, punt 49).

273 Ara Konsegwenzi legali għall-Istati tal-preżenza kontinwa tal-Afrika ta' Isfel fin-Namibja (Lbiċ tal-Afrika) minkejja r-Riżoluzzjoni 276 (1970) tal-Kunsill tas-Sigurtà, Opinjoni konsultattiva (QIĠ Ġabra 1971, p. 16, punt 125).

274 Ara Konsegwenzi legali għall-Istati tal-preżenza kontinwa tal-Afrika ta' Isfel fin-Namibja (Lbiċ tal-Afrika) minkejja r-Riżoluzzjoni 276 (1970) tal-Kunsill tas-Sigurtà, Opinjoni konsultattiva (QIĠ Ġabra 1971, p. 16, punt 124).

### *4. Fil-qosor*

293. Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li l-atti kkontestati, li huma applikabbli għat-territorju tas-Saħara tal-Punent u għall-ibħra li jmissu miegħu inkwantu jaqgħu fis-sovranità jew fil-ġurisdizzjoni tar-Renju tal-Marokk, jiksru l-obbligu tal-Unjoni li jirrispettaw id-dritt tal-poplu ta' dan it-territorju għall-awtodeterminazzjoni kif ukoll l-obbligu tiegħu li ma jirrikonoxxix sitwazzjoni illegali li tirriżulta minn ksur ta' dan id-dritt u li ma jagħtix għajnuna jew assistenza insostenn ta' din is-sitwazzjoni. Barra minn hekk, f'dak li jirrigwarda l-esplojtazzjoni ta' riżorsi naturali tas-Saħara tal-Punent, l-atti kkontestati ma jimplementawx il-garanziji neċessarji sabiex jiżguraw li din l-esplojtazzjoni ssir għall-benefiċċju tal-poplu ta' dan it-territorju.

## VI. Fuq it-talba tal-Kunsill li jillimita b'mod temporanju l-effetti tad-dikjarazzjoni ta' invalidità

294. Il-Kunsill talab lill-Qorti tal-Ġustizzja "sabiex jillimita b'mod temporanju l-effetti tad-dikjarazzjoni ta' invalidità [tar-Regolament Nru 764/2006, tad-Deċiżjoni 2013/785 u tar-Regolament Nru 1270/2013] b'mod li jippermetti lill-Unjoni li tieħu l-miżuri li huma imposti fuqha skont l-obbligi tagħha taħt id-dritt internazzjonali"[275].

295. Mingħajr ma mmotiva iktar qabel it-talba tiegħu, il-Kunsill jitlob permezz tagħha li l-effetti tal-atti kkontestati jinżammu matul perijodu ta' żmien limitat, kif kien sar, pereżempju, fis-sentenza tat-3 ta' Settembru 2008, Kadi u Al Barakaat International Foundation vs Il-Kummissjoni u Il-Kunsill (C-402/05 P u C-415/05 P, EU:C:2008:461)[276]. Madankollu għandu jiġi enfasizzat li l-Protokoll tal-2013, li jagħmel parti mill-Ftehim dwar is-sajd[277] u huwa indispensabbli għall-implementazzjoni tiegħu, ser jiskadi fl-14 ta' Lulju 2018[278]. Peress li l-perijodu bejn l-għoti tas-sentenza fl-2018 u l-iskadenza ta' dan il-Protokoll huwa partikolarment qasir, ma inix konvint li ż-żamma tal-effetti tal-atti kkontestati tagħmel sens. Fi kwalunkwe każ, ir-raġunijiet li mmotivaw iż-żamma tal-effetti tal-att ikkontestat għal perijodu ta' tliet xhur fil-kawża li tat lok għas-sentenza tat-3 ta' Settembru 2008, Kadi u Al Barakaat International Foundation vs Il-Kummissjoni u Il-Kunsill (C-402/05 P u C-415/05 P, EU:C:2008:461)[279] ma humiex preżenti f'dan il-każ.

## VII. Konklużjoni

296. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi l-ewwel nett għar-raba' domanda u wara għat-tielet domanda preliminari mressqa mill-High Court of Justice (England & Wales), Queen's Bench Division (Administrative Court) (il-Qorti tal-Ġustizzja Għolja (Ingilterra u Wales), taqsima tal-Qorti tar-Reġina (il-Qorti Amministrattiva), ir-Renju Unit) bil-mod segwenti:

1. a) Fil-kuntest tal-istħarriġ ġudizzjarju ta' ftehim internazzjonali konklużi mill-Unjoni kif ukoll ta' atti tal-Unjoni Ewropea li japprovaw jew jimplementaw tali ftehim, l-invokabbiltà tar-regoli tad-dritt internazzjonali hija suġġetta għall-kundizzjoni segwenti irrispettivament minn jekk jappartjenux għal sors wieħed jew iktar tad-dritt internazzjonali: l-Unjoni għandha tkun marbuta bir-regola invokata, il-kontenut tagħha għandu jkun mingħajr kundizzjoni u preċiż biżżejjed u, finalment, in-natura u l-istruttura tagħha ma jipprekludux l-istħarriġ ġudizzjarju tal-att ikkontestat.

275 Ara l-punt 59 tal-osservazzjonijiet bil-miktub tiegħu.

276 Ara l-punti 373 sa 376 ta' din is-sentenza.

277 Ara l-Artikolu 16 tal-Ftehim dwar is-sajd u l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 1 tal-Protokoll tal-2013.

278 Ara l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 2 tal-Protokoll tal-2013.

279 Ara l-punti 373 u 374 ta' din is-sentenza. Il-Qorti tal-Ġustizzja rreferiet għar-riskju li s-suġġetti ta' miżuri restrittivi jieħdu dispożizzjonijiet intiżi sabiex jevitaw li miżuri ta' ffriżar ta' fondi jistgħu jiġu applikati fil-konfront tagħhom mill-ġdid kif ukoll il-possibbiltà li, minkejja n-nuqqasijiet proċedurali kkonstatati fis-sentenza tagħha, l-impożizzjoni ta' miżuri restrittivi fuq ir-rikorrenti tidher iġġustifikata.

b) Il-prinċipju stabbilit mill-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja fil-kawża tad-Deheb monetarju mneħħi minn Ruma fl-1943 (QIĠ Ġabra 1954, p. 19) li jipprovdi li hija ma tistax teżerċita ġurisdizzjoni fil-konfront ta' Stat li ma huwiex parti fil-proċedura quddiemha mingħajr il-kunsens tiegħu, ma huwiex applikabbli għall-istħarriġ ġudizzjarju ta' ftehim internazzjonali konklużi mill-Unjoni Ewropea u għal atti tal-Unjoni li japprovaw jew jimplementaw tali ftehim.

2. a) Il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni fis-settur tas-sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tal-Marokk u l-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti minn dan il-Ftehim huma inkompatibbli mal-Artikolu 3(5) TUE, l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 21(1) TUE, l-Artikolu 21(2)(b) u (c) TUE u l-Artikoli 23 TUE u 205 TFUE inkwantu japplikaw għat-territorju tas-Saħara tal-Punent u għall-ibħra li jmissu magħha.

b) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 764/2006, tat-22 ta' Mejju 2006, dwar il-konklużjoni ta' Ftehim ta' Assoċjazzjoni fis-settur tas-sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tal-Marokk, id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/785, tas-16 ta' Diċembru 2013 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Assoċjazzjoni u r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1270/2013, tal-15 ta' Novembru 2013, dwar l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd taħt il-Protokoll tal-2013 huma invalidi.

L-invalidità tar-Regolament Nru 764/2006, tad-Deċiżjoni 2013/785 u tar-Regolament Nru 1270/2013 ma tippermettix li jiġu kkontestati l-attivitajiet tas-sajd li jsiru fit-tramuntana tal-latitudni 27°42'N.